

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 12



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 60

17 ta' Jannar 2017

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-addeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea .....	1
Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-addeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea .....	3
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2017/76 tal-21 ta' Novembru 2016 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-addeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea .....	22

#### REGOLAMENTI

★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/77 tas-16 ta' Jannar 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran .....	24
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/78 tal-15 ta' Lulju 2016 li jistabilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 u kundizzjonijiet uniformi għall-implantazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta ta' utenti ta' tali sistemi (1) .....	26

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/79 tat-12 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dettaljati u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni KE għat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall tagħhom immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112, ta' unitajiet u komponenti tekniċi separati tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112 u li jiissplimenta u jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet u l-standards applikabli <sup>(1)</sup> .....	44
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/80 tas-16 ta' Jannar 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea .....	86
Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/81 tas-16 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex .....	88

#### DEĊIJONIJIET

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/82 tas-16 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea .....	90
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/83 tas-16 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran .....	92

#### RAKKOMANDAZZJONIJIET

★ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/84 tas-16 ta' Jannar 2017 dwar il-monitoraġġ ta' idrokarburi taż-żejt minerali fl-ikel u fil-materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu fkuntatt mal-ikel <sup>(1)</sup> .....	95
--	----

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

**FTEHIMIET INTERNAZZJONALI****DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/75****tal-21 ta' Novembru 2016**

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll  
għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri  
tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-  
Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(5) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, ("l-FSA") ġie ffirmat fis-16 ta' Ġunju 2008 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015 (¹).
- (2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) Fkonformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-2012 dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-FSA għandha tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-FSA mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament fissem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat.
- (4) Fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Kroazja, biex tiftaħ negozjati mal-Bożnija-Herzegovina għall-adattament ta' ftehimiet iffirmsi jew konklużi bejn l-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni.
- (5) Dawk in-negozjati tlestell b'suċċess u l-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") ġie inizjalat fit-18 ta' Lulju 2016.

(¹) ĠUL 164, 30.6.2015, p. 2.

- (6) Il-Protokoll jinħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f-data aktar tard.
- (7) Il-konklużjoni tal-Protokoll hija s-soġġett ta' proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.
- (8) Il-Protokoll jinħtieġ li jkun applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċċesarji għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bosnja-Herzegovina min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżżejoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, skont l-Artikolu 8(2) tiegħu, mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-firma tiegħu (¹), sakemm jitlestew il-proċeduri neċċesarji għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
P. PLAVČAN*

---

(¹) Id-data li minnha għandu jiġi applikat proviżorjament il-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

**PROTOKOLL**

**għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina min-naħħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IR-RENJU TAL-BELĞU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANCIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIJA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Partijiet kontraenti tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistab-bilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il-quddiem imsejħa "l-Istati Membri", u

L-UNJONI EWROPEA u L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn hawn 'il quddiem l-“Unjoni Ewropea”,

minn naħa, u

IL-BOŻNIJA-HERZEGOVINA,

min-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem il-“Kroazja”) mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

Billi:

- (1) Il-Ftehim *Interim* bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2008 u kien fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2008 sal-31 ta' Mejju 2015.
- (2) It-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-“Trattat ta' Adeżjoni”) ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011.
- (3) Il-Kroazja aderixxiet mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (4) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem “l-FSA”) ġie ffirmat fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2008 u dāħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015.
- (5) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-FSA għandha tiġi approvata permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-FSA.
- (6) Saru konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 37(3) tal-FSA sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-interessi reċiproċi tal-Unjoni Ewropea u tal-Bożnija-Herzegovina msemmija f'dak il-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TAQSIMA I

**PARTIJIET KONTRAENTI**

*Artikolu 1*

Il-Kroazja għandha tkun Parti tal-FSA, iffirmat fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2008, u għandha rispettivament tadotta u tieħu nota, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, tat-testi tal-FSA, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti u d-Dikjarazzjonijiet Unilaterali annessi mal-Att Finali ffirmat fl-istess data.

TAQSIMA II

**AĠġUSTAMENTI GĦAT-TEST TAL-FSA INKLUŻI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU**

PRODOTTI AGRIKOLI

*Artikolu 2*

**Prodotti agrikoli sensu stricto**

1. Fl-Artikolu 27(3) tal-FSA, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mid-data tad-dħul fis-seħħi tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, jew, fl-eventwalitā li dak il-Protokoll japplika b'mod provviżorju, mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, il-kwota tariffarja annwali stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tkun ta' 13 210 tunnellati (piż nett).”

2. Fl-Artikolu 27 tal-FSA, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. Minbarra l-paragrafu 4, mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea jew, fl-eventwalitā li dak il-Protokoll japplika b'mod provviżorju, mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, il-Bożnija-Herzegovina għandha tneħħi d-dazji doganali applikabbi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Komunità, elenkti fl-Anness III(f) fil-limitu tal-kwota tariffarja indikata għall-prodotti kkonċernati.”.

3. L-Anness I ġħal dan il-Protokoll jiddaħħal bħala l-Anness III(f) għall-FSA.

### *Artikolu 3*

#### **Ħut u prodotti tas-sajd**

1. Fl-Artikolu 28 tal-FSA, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, jew, fl-eventwalitā li dak il-Protokoll japplika b'mod provviżorju, mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, l-Unjoni għandha tneħħi d-dazji doganali kollha jew it-tariffi li jkollhom effett ekwivalenti fuq il-ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Bożnija-Herzegovina, ħlief dawk elenkti fl-Anness IV(a). Il-prodotti elenkti fl-Anness IV(a) għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet stipulati fihi.”.

2. Fl-Artikolu 28 tal-FSA, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea jew, fl-eventwalitā li dak il-Protokoll japplika b'mod provviżorju, mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, il-Bożnija-Herzegovina għandha tiftaħ kwota ħielsa mid-dazju għall-importazzjonijiet ta' karpu ħaj taħt il-kodiċi NM 0301 93 00 fil-limitu ta' kwota tariffarja annwali ta' 75 tunnellata. L-importazzjonijiet barra l-limiti tal-kwota għandhom ikunu soġġetti għad-dazji stipulati fl-Anness V tal-FSA.”.

3. L-Anness II ġħal dan il-Protokoll jiddaħħal bħala l-Anness IV(a) għall-FSA.

### *Artikolu 4*

#### **Prodotti agrikoli pproċessati**

L-Anness III ġħal dan il-Protokoll jiddaħħal bħala l-Anness III għall-Protokoll 1 għall-FSA.

### *Artikolu 5*

#### **Ftehim dwar l-inbid**

Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, jew, fl-eventwalitā li dak il-Protokoll japplika b'mod provviżorju, mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, l-Anness I għall-Protokoll 7 tal-FSA msemmi fl-Artikolu 27(5) tal-FSA għandu jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness IV ġħal dan il-Protokoll.

### TAQSIMA III

#### **DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

### *Artikolu 6*

Dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu għandhom ikunu parti integrali mill-FSA.

### Artikolu 7

1. Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u mill-l-Bożnija-Herzegovina skont il-proċeduri tagħhom stess.
2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tleſtja tal-proċeduri korrispondenti msemmija fil-paragrafu 1. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

### Artikolu 8

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.
2. Jekk mhux l-istrumenti kollha ta' approvazzjoni ta' dan il-Protokoll ikunu ġew depożitati qabel l-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-firma, dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju. Id-data tal-applikazzjoni provviżorja għandha tkun l-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-firma.

### Artikolu 9

Dan il-Protokoll huwa mħejji fżewwg kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latviana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungerija, Żvediża, Bożnijaka u Serba, u kull test huwa ugwalment awtentiku.

Съставено в Брюксел на петнадесети декември през две хиляди и шестнадесета година.

Hecho en Bruselas, el quince de diciembre de dos mil dieciséis.

V Bruselu dne patnáctého prosince dva tisíce šestnáct.

Udfærđiget i Bruxelles den femtende december to tusind og seksten.

Geschehen zu Brüssel am fünfzehnten Dezember zweitausendsechzehn.

Kahe tuhande kuueteistkümnenda aasta detsembrikuu vieteistkümnendal pāeval Brüsselis.

Ἐγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα πέντε Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες δεκαέξι.

Done at Brussels on the fifteenth day of December in the year two thousand and sixteen.

Fait à Bruxelles, le quinze décembre deux mille seize.

Sastavljenō u Bruxelles petnaestog prosinca godine dvije tisuće šesnaeste.

Fatto a Bruxelles, addi quindici dicembre duemilasedici.

Briselē, divi tūkstoši sešpadsmitā gada piecpadsmitajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai šešioliktu metu gruodžio penkioliktà dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétézer-tizenhatodik év december havának tizenötödik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħmistrox-il jum ta' Dicembra fis-sena elfejn u sittax.

Gedaan te Brussel, vijftien december tweeduizend zestien.

Sporządzono w Brukseli dnia piętnastego grudnia roku dwa tysiące szesnastego.

Feito em Bruxelas, em quinze de dezembro de dois mil e dezasseis.

Întocmit la Bruxelles la cincisprezece decembrie două mii și spătăzece.

V Bruseli pätnásteho decembra dvětisícšestnáť.

V Bruslju, dne petnaestega decembra leta dva tisoč šestnajst.

Tehty Brysselissä viidentenätoista päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakuusitoista.

Som skedde i Bryssel den femtonde december år tjughundraseton.

Sačinjeno u Briselu, dana petnaestog decembra dvije hiljade šesnaeste godine.

Састављено у Бриселу, дана петнаестог децембра двије хиљаде шеснаесте године.

За Европейския съюз  
 Por la Unión Europea  
 Za Evropskou unii  
 For Den Europæiske Union  
 Für die Europäische Union  
 Euroopa Liidu nimel  
 Για την Ευρωπαϊκή Ένωση  
 For the European Union  
 Pour l'Union européenne  
 Za Europsku uniju  
 Per l'Unione europea  
 Eiropas Savienības vārdā –  
 Europos Sąjungos vardu  
 Az Európai Unió részéről  
 Għall-Unjoni Ewropea  
 Voor de Europese Unie  
 W imieniu Unii Europejskiej  
 Pela União Europeia  
 Pentru Uniunea Europeană  
 Za Európsku úniu  
 Za Evropsko unijo  
 Euroopan unionin puolesta  
 För Europeiska unionen  
 Za Europsku uniju  
 За Европску унију

За държавите-членки  
 Por los Estados miembros  
 Za členské státy  
 For medlemsstaterne  
 Für die Mitgliedstaaten  
 Liikmesriikide nimel  
 Για τα κράτη μέλη  
 For the Member States  
 Pour les États membres  
 Za države članice  
 Per gli Stati membri  
 Dalībvalstu vārdā –  
 Valstybių narių vardu  
 A tagállamok részéről  
 Għall-Istati Membri  
 Voor de lidstaten  
 W imieniu Państw Członkowskich  
 Pelos Estados-Membros  
 Pentru statele membre  
 Za členské štaty  
 Za države članice  
 Jäsenvaltioiden puolesta  
 För medlemsstaterna  
 Za države članice  
 За државе чланице

За Европейската общност за атомна енергия  
 Por la Comunidad Europea de la Energía Atómica  
 Za Evropské společenství pro atomovou energii  
 For Det Europæiske Atomenergifællesskab  
 Für die Europäische Atomgemeinschaft  
 Euroopa Aatomienergiaühenduse nimel  
 Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα Ατομικής Ενέργειας  
 For the European Atomic Energy Community  
 Pour la Communauté européenne de l'énergie atomique  
 Za Europsku zajednicu za atomske energije  
 Per la Comunità europea dell'energia atomica  
 Eiropas Atomenerģijas Kopienas vārdā –  
 Europos atominės energijos bendrijos vardu  
 Az Európai Atomenergia-közösségről  
 Fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika  
 Voor de Europese Gemeenschap voor Atoomenergie  
 W imieniu Europejskiej Wspólnoty Energi Atomowej  
 Pela Comunidade Europeia da Energia Atómica  
 Pentru Comunitatea Europeană a Energiei Atomice  
 Za Európske spoločenstvo pre atómovú energiu  
 Za Evropsko skupnost za atomske energije  
 Euroopan atomienergiajärjestön puolesta  
 För Europeiska atomenergigemenskapen  
 Za Evropsku Zajednicu za Atomske Energije  
 За Европску заједницу за атомску енергију



За Босна и Херцеговина  
 Por Bosnia y Herzegovina  
 Za Bosnu a Hercegovinu  
 For Bosnien-Herzegovina  
 Für Bosnien und Herzegowina  
 Bosnia ja Hertsegoviina nimel  
 Για τη Βοσνία-Ερζεγοβίνη  
 For Bosnia and Herzegovina  
 Pour la Bosnie et Herzégovine  
 Za Bosnu i Hercegovinu  
 Per la Bosnia-Erzegovina  
 Bosnijos ir Hercegovinos vardu  
 Bosnijas un Hercegovinas vārdā –  
 Bosznia és Hercegovina részéről  
 Għall-Bożnja u Hrvatska  
 Voor Bosnië en Herzegovina  
 W imieniu Bośni i Hercegowiny  
 Pela Bósnia e Herzegovina  
 Pentru Bosnia și Herțegovina  
 Za Bosnu a Hercegovinu  
 Za Bosno in Hercegovino  
 Bosnia ja Hertsegovinan puolesta  
 För Bosnien och Hercegovina  
 Za Bosnu i Hercegovinu  
 За Босну и Херцеговину



## ANNESS I

## “ANNESS III(f)

**Konċessjonijiet tariffarji tal-Bożnija-Herzegovina għall-prodotti agrikoli primarji li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea**  
**(Imsemmija fl-Artikolu 27(4a))**

- Mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, id-dazju għandu jiġi abolit għal prodotti ta' hawn taħt fil-kwantitatiet tal-Kwota Tariffarja stabbiliti hawn taħt. Għal importazzjonijiet barra l-kwota għandna tapplika r-rata tad-dazju MFN. Għas-sena 2017, għandu japplika l-ammont sħiħ tal-kwota, irrisspettivament mid-data tad-ħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
0102	Annimali tal-ifrat ħajjin:	
	– Frat:	
0102 29	--- Oħrajn:	
	--- – Oħrajn:	
	--- – – Ta' piż aktar minn 300 kg:	
	--- – – – Baqar:	
0102 29 61	----- Għall-qatla	1 935
	----- Oħrajn:	
0102 29 91	----- Għall-qatla	190
0103	Majjal ħaj:	
	– Oħrajn:	
0103 92	– Jiżen 50 kg jew aktar:	
	– – Speċi domestiċi:	
0103 92 11	– – – Majjali nisa li jkunu ferrgħu għallinqas darba, ta' piż mhux inqas minn 160 kg	575
0103 92 19	– – – Oħrajn	1 755
0103 92 90	– – Oħrajn	195
0105	Tjur ħajjin, jiġifieri tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> , papri, wiżże, dundjani u farawni:	
	– Oħrajn:	
0105 94 00	– – Tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>	1 455

Kodiċi NM	Deskriżzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
0207	Laħam u ġewwieni li jittiekel, ta' tjur tat-titlu 0105, frisk, imkessaħ jew friżat:	
	– Ta' tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> :	
0207 12	--- Mhux imqattgħin fbiċċiet, iffriżati:	
0207 12 90	--- Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala “65 % tiġieġ”, jew preżentati mod ieħor	80
0207 13	--- Qatħat u ġewwieni, friski jew imkessħin:	
	--- Qatħat:	
0207 13 10	---- Bla għadam	90
	---- Bl-għadma:	
0207 13 30	----- Ġwienaħ sħaħ, bil-ponot jew mingħajr ponot	55
0207 13 60	----- Saqajn u qatħat tagħhom	320
	--- Ġewwieni:	
0207 13 99	----- Oħrajn	25
0207 14	--- Qatħat u ġewwieni, friżati:	
	--- Qatħat:	
	---- Bl-għadma:	
0207 14 20	----- Nofsijiet jew kwarti	30
0207 14 60	----- Saqajn u qatħat tagħhom	130
	--- Ġewwieni:	
0207 14 99	--- Oħrajn	50
0401	Ħalib u krema, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi material ieħor biex jagħmel ħelu:	
0401 40	– B'kontenut ta' xāham, bil-piż, aktar minn 6 % iżda mhux aktar minn 10 %:	
0401 40 10	– F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	80

Kodiċi NM	Deskriżzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
0401 50	– B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, aktar minn 10 %: -- Ta' mhux aktar minn 21 %:	
0401 50 11	--- Fpakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	30
0402	Ħalib u krema, konċentrat u biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu: – Fi trab, ħbub u forom solidi oħrajin, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, aktar minn 1,5 %	
0402 21	--- Mingħajr zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu: --- B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, mhux aktar minn 27 %:	
0402 21 18	---- Oħrajn	25
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema ohrajin fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrat kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:	
0403 90	– Oħrajn: --- Mhux imħawrin u lanqas miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw: ---- Oħrajn: ---- Mingħajr żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż:	
0403 90 51	----- Ta' mhux aktar minn 3 %:	500
0403 90 53	----- Aktar minn 3 % imma mhux aktar minn 6 %	290
0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħra miksuba mill-ħalib Dlik (spreds) ta' prodotti tal-ħalib:	
0405 10	– Butir: --- B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, mhux aktar minn 85 %: ---- Butir naturali:	
0405 10 11	---- Fpakki diretti b'kontenut nett mhux aktar minn 1 kg	160
0405 10 19	---- Oħrajn	200
0406	Ġobon u baqta:	
0406 10	– Ġobon frisk (mhux misjur jew konservat), inkluż ġobon tax-xorrox, u baqta --- B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, mhux aktar minn 40 %:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
0406 10 30	--- Mozzarella, kemm jekk flikwidu jew le	355
0406 10 50	-- Oħrajn	
0406 10 80	-- Oħrajn	165
0409 00 00	Għasel naturali	165
0701	Patata, friska jew imkessħa:	
0701 90	- Oħrajn:	
	-- Oħrajn:	
0701 90 50	-- Ġdida, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju	50
0701 90 90	-- Oħrajn	1 265
0704	Kaboċċi, pastard, ġdur u brassicae oħrajn li jittieklu, friski jew imkessħin:	
0704 90	- Oħrajn:	
0704 90 10	-- Kaboċċi bojod u kaboċċi ħomor	280
0706	Karrotti, turnips (xorta ta' Brassica), pitravi għall-insalata, sassefrika, celeriac (xorta ta' krafes), ravanell u għeruq oħrajn simili tajbin għall-ikel, friski jew imkessħin:	
0706 10 00	- Karrotti u ġdur	50
0806	Għeneb, frisk jew imnixxef:	
0806 10	- Frisk:	
0806 10 10	-- Għeneb tal-mejda	45
0809	Berquq, ċirasa, ħawħ (inkluż nuċiprisk), għanbaqar u pruna selvaġġa (sloes), friski:	
	- Ċirasa:	
0809 21 00	-- Ċirasa qarsa ( <i>Prunus cerasus</i> )	410
0811	Frott u ġewż, nejjin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, friżati, kemm jekk biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu jew min-ghajra:	
0811 90	- Oħrajn:	
	-- Oħrajn:	
	-- -- Ċirasa:	
0811 90 75	-- -- -- Ċirasa qarsa ( <i>Prunus cerasus</i> )	70

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
1601	Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, fdal tal-ġewwieni jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti:	
	– Oħrajn:	
1601 00 91	-- Zalzett, niexef jew biex jinfirex, nej	285
1602	Laħam, fdal tallaħam jew demm oħrajn preparati jew preservati:	
1602 10 00	– Preparazzjonijiet omoġenizzati	75
1602 20	– Ta' fwied ta' kull annimal:	
1602 20 90	-- Oħrajn	140
	– Ta' tjur ta' intestatura 0105:	
1602 31	-- Tad-dundjani:	
	--- Li fihom 57 % jew aktar tal-piż laħam jew fdal tallaħam tat-tjur:	
1602 31 19	---- Oħrajn	40
1602 32	-- Ta' tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>	
	– Tal-majjal:	
	--- Li fihom 57 % jew aktar tal-piż laħam jew fdal tallaħam tat-tjur:	
1602 32 11	---- Nej	130
1602 32 19	---- Oħrajn	30
1602 32 30	--- Li fihom 25 % jew aktar iżda inqas minn 57 % tal-piż laħam jew fdal tallaħam tat-tjur	170
1602 32 90	--- Oħrajn	230
1602 41	-- Prieżet u qatħġat tagħhom:	
1602 41 10	-- Ta' majjal domestiku	360
1602 49	-- Oħrajn, inklużi taħlitiet:	
	--- Ta' majjal domestiku:	
	---- Li fihom 80 % jew aktar tal-piż laħam jew fdal tallaħam, ta' kull tip, inklużi xaħmijiet ta' kull tip u oriġni:	

Kodiċi NM	Deskriżzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
1602 49 15	----- Taħlit ieħor li jinkludi koxox (saqajn), spallejn, ġenbejn jew għenuq, u qatħġat tagħhom	150
1602 49 30	----- Li fihom 40 % jew aktar tal-piż iżda inqas minn 80 % laħam jew fdal tal-laħam, ta' kull tip, inklużi xaħmijiet ta' kull tip u oriġni	445
1602 49 50	----- Li fihom anqas minn 40 % tal-piż laħam jew fdal tal-laħam, ta' kull tip, inklużi xaħmijiet ta' kull tip u oriġni	60
1602 50	- Tal-bovini:	
	--- Oħrajn:	
1602 50 31	--- Bulubif (corned beef) f'kontenituri ssiġġillati mill-arja	70
1602 50 95	--- Oħrajn	295
1701	Zokkor tal-kannamieli jew pitravi u sakkarożju kimikament pur, fforma solida:	
	- Oħrajn:	
1701 91 00	--- Li fih miżjudin ħawwar jew materjal biex jagħti l-kulur	55
1701 99	--- Oħrajn:	
1701 99 10	--- Zokkor abjad	3 470
2001	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, preparati u preservati bil-ħall jew b'ċċtu aċetiku:	
2001 10 00	- Ħjar u ħjar żgħir (gherkins)	265
2001 90	- Oħrajn:	
2001 90 70	--- Bżar ħelu	70
2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-ċċtu aċetiku, mhux friżati, ħliet prodotti ta' titlu 2006:	
	- Ħxejjex oħrajn u taħlit tal-ħxejjex:	
2005 99	--- Oħrajn:	
2005 99 50	--- Taħlit ta' veġetal	245
2005 99 60	--- Kaboċċi mqattgħin immarinati (sauerkraut)	40

2. Importazzjonijiet fil-Bożnija-Herzegovina tal-prodotti li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal konċessjonijiet kif imfassla hawn taħt: Għal importazzjonijiet barra l-kwota għandna tapplika r-rata tad-dazju MFN. Għas-sena 2017, għandu japplika l-ammont sħiħ tal-kwota, irrispettivament mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)		
		Sa mill-1.1.2017	Sa mill-1.1.2018	Sa mill-1.1.2019
0401	Ħalib u krema, mhux konċentrat u minġħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu:			
0401 20	- B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, aktar minn 1 % iżda mhux aktar minn 6 %:			
	-- Ta' mhux aktar minn 3 %:			
0401 20 11	-- - Fpakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	5 432	9 506	13 580
	-- Aktar minn 3 %:			
0401 20 91	-- - Fpakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	720	1 440	1 440
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrat kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew im-hawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:			
0403 10	- Jogurt:			
	-- Mhux imħawrin u lanqas miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:			
	-- - Mingħajr żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż:			
0403 10 11	-- - - Ta' mhux aktar minn 3 %	1 515	3 030	3 030
0403 10 13	-- - - Aktar minn 3 % imma mhux aktar minn 6 %	1 520	3 040	3 040
0403 90	- Oħrajn:			
	-- Mhux imħawrin u lanqas miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:			
	-- - Oħrajn:			
	-- - - Mingħajr żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż:			

Kodiċi NM	Dekrizzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)		
		Sa mill-1.1.2017	Sa mill-1.1.2018	Sa mill-1.1.2019
0403 90 59	----- Aktar minn 6 %	1 762,5	3 525	3 525
1601	Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, fdal tal-ġewwieni jew demm; preparazzjoni-jiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti:			
	- Oħrajn:			
1601 00 99	-- Oħrajn	1 692,5	3 385	3 385"

## ANNESS II

## “ANNESS IV(a)

**Dazji applikabbi għall-prodotti li joroġinaw mill-Bożnja-Herzegovina meta jiġu importati fl-Unjoni Ewropea**

(Imsemmija fl-Artikolu 28(1a))

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, l-importazzjonijiet fil-Bożnja-Herzegovina fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu soġġetti għal-konċessjonijiet kif imfassla hawn taħt. Għas-sena 2017, għandu jaapplika l-ammont sħiħ tal-kwota, irrispettivament mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tariffa tal-kwota ta' volum (tunnel-lati)	Rata ta' dazju ġewwa l-kwota	Rata ta' dazju 'il fuq mill-kwota
0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 14 10 0303 14 20 0303 14 90 0304 42 10 0304 42 50 0304 42 90 ex 0304 52 00 0304 82 10 0304 82 50 0304 82 90 ex 0304 99 21 ex 0305 10 00 ex 0305 39 90 0305 43 00 ex 0305 59 85 ex 0305 69 80	Trota ( <i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> and <i>Oncorhynchus chrysogaster</i> ): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imniixxa; immellħa jew fis-salmura, iffumikati; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	500	0 %	70 % tad-dazju MFN
0301 93 00 0302 73 00 0303 25 00 ex 0304 39 00 ex 0304 51 00 ex 0304 69 00 ex 0304 93 90 ex 0305 10 00 ex 0305 31 00 ex 0305 44 90 ex 0305 52 00 ex 0305 69 80	Karpjun ( <i>Cyprinus</i> spp., <i>Carassius</i> spp., <i>Ctenopharyngodon idellus</i> , <i>Hypophthalmichthys</i> spp., <i>Cirrhinus</i> spp., <i>Mylopharyngodon piceus</i> , <i>Catla catla</i> , <i>Labeo</i> spp., <i>Osteochilus hasselti</i> , <i>Leptobarbus hoeveni</i> , <i>Megalobrama</i> spp): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imniixxa; immellħa jew fis-salmura, iffumikati; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	140	0 %	70 % tad-dazju MFN

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tariffa tal-kwota ta' volum (tunnel-lati)	Rata ta' dazju ġewwa l-kwota	Rata ta' dazju 'il fuq mill-kwota
ex 0301 99 85 0302 85 10 0303 89 50	Pagru ( <i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus</i> spp.); ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxa, immellħa jew fis-salmura, iffumikati; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	30	0 %	30 % tad-dazju MFN
ex 0304 49 90				
ex 0304 59 90				
ex 0304 89 90				
ex 0304 99 99				
ex 0305 10 00				
ex 0305 39 90				
ex 0305 49 80				
ex 0305 59 85				
ex 0305 69 80				
ex 0301 99 85 0302 84 10 0303 84 10	Spnott ( <i>Dicentrarchus labrax</i> ): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxa, immellħa jew fis-salmura, iffumikati; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	30	0 %	30 % tad-dazju MFN
ex 0304 49 90				
ex 0304 59 90				
ex 0304 89 90				
ex 0304 99 99				
ex 0305 10 00				
ex 0305 39 90				
ex 0305 49 80				
ex 0305 59 85				
ex 0305 69 80				
1604 13 11 1604 13 19	Sardin ippreparat jew ippreżervat	50	6 %	100 %
ex 1604 20 50				
1604 16 00 1604 20 40	Inċova ppreparata jew ippreservata	70	12,5 %	100 %

2. Ir-rata tad-dazju applikabbi għall-prodotti kollha tal-intestatura HS 1604 minbarra sardini u inċova ppreparati jew ippreservati titnaqqas għal 70 % tar-rata tad-dazju MFN.”

## ANNESS III

## “ANNESS III GĦALL-PROTOKOLL 1

**Konċessjonijiet tariffarji tal-Bożnja-Herzegovina għal prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea**

(Imsemmija fl-Artikolu 25 tal-FSA)

Mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, id-dazju għandu jiġi abolit fi ħdan il-kwantitatijiet tal-Kwota Tariffarja stabbiliti hawn taħt. Għal importazzjoni nijiet barra l-kwota għandna tapplika r-rata tad-dazju MFN. Għas-sena 2017, għandu jaapplika l-ammont sħiħ tal-kwota, irrisspettivament mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Kodiċi NM	Deskriżzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ġalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjud bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:	
0403 10	– Jogurt:	
	– – Imħawrin u miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:	
	– – – Oħrajn, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, bil-piż:	
0403 10 91	– – – – Ta' mhux aktar minn 3 %	480
0403 10 93	– – – – Aktar minn 3 % imma mhux aktar minn 6 %	130
0403 10 99	– – – – Aktar minn 6 %	25
0403 90	– Oħrajn:	
	– – Imħawrin u miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:	
	– – – Oħrajn, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, bil-piż:	
0403 90 91	– – – – Ta' mhux aktar minn 3 %	530
0403 90 93	– – – – Aktar minn 3 % imma mhux aktar minn 6 %	55
1905	Ħobż, għażina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farma-ċewtiku, karti tas-siġġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili:	
	– Biskuttini ġelwin; waffles u wejfers:	
1905 31	– – Biskuttini ġelwin:	
	– – – Miksijin kompletament jew parżjalment biċ-ċikkulata jew preparazzjonijiet oħrajn li fihom il-kawkaw:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tariffa tal-kwota (tunnellati)
1905 31 19	----- Oħrajn	365
	- --- Oħrajn:	
	- ---- Oħrajn:	
1905 31 99	----- Oħrajn	600
1905 32	-- Waffles u wejfers:	
	- --- Oħrajn:	
	- ---- Miksijin kompletament jew parzjalment biċ-ċikkulata jew preparazzjonijiet oħrajn li fihom il-kawkaw:	
1905 32 19	----- Oħrajn	300
1905 90	- Oħrajn:	
	- -- Oħrajn:	
1905 90 45	- --- Gallettini	35
2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż:	
2208 20	- Spirti magħmulin bid-distillar ta' inbid tal-għeneb jew ta' karfa ta' għeneb magħsur:	
	- - F'kontenituri li jesgħu 2 litri jew inqas:	
2208 20 29	- --- Oħrajn:	
ex 2208 20 29	- ---- Brandy tal-għeneb u l-karfa tal-għeneb brandy	85
ex 2208 20 29	- ---- Oħrajn	
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigarretti, tat-tabakk jew sostituti tat-tabakk:	
2402 20	- Sigarretti li fihom tabakk:	
2402 20 90	- -- Oħrajn	3 200"

## ANNESS IV

## “EMENDI GĦALL-ANNESS I TAL-PROTOKOLL 7

1. It-tabella fil-punt 1 tal-Anness I għall-Protokoll 7, fuq l-importazzjonijiet tal-inbejjed fl-Unjoni Ewropea, hija sostitwita bit-tabella ta' hawn taħt:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni (skont l-Artikolu 2(1)(b) tal-Protokoll 7)	Dazju applikabbli	Kwantitatijiet (hl)	Dispożizzjonijiet spċifici
ex 2204 10	Inbid frizzanti ta' kwalità	eżenzjoni	25 500	( <sup>1</sup> )
ex 2204 21	Inbid tal-ġheneb frisk			
ex 2204 22	Inbid tal-ġheneb frisk	eżenzjoni	15 100	( <sup>1</sup> )
ex 2204 29				

(<sup>1</sup>) Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet sabiex jiġu adattati l-kwoti billi jiġu trasferiti kwantitatijiet mill-kwota li tapplika għall-pożżiżjonijiet ex 2204 22 u ex 2204 29 għall-kwota li tapplika għall-pożżiżxonijiet ex 2204 10 u ex 2204 21. Għas-sena 2017, għandu jaapplika l-ammont shiħi tal-kwota, irrispettivament mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

2. It-tabella fil-punt 3 tal-Anness I għall-Protokoll 7, fuq l-importazzjonijiet tal-inbejjed fil-Bożnija-Herzegovina, hija sostitwita bit-tabella ta' hawn taħt:

Kodiċi tat-tariffi doganali tal-Bożnija-Herzegovina	Deskrizzjoni (skont l-Artikolu 2(1)(a) tal-Protokoll 7)	Dazju applikabbli	Kwantitatijiet mill-1.1.2017 (hl)	Kwantitatijiet mill-1.1.2018 (hl)	Dispożizzjonijiet spċifici
ex 2204 10	Inbid frizzanti ta' kwalità	eżenzjoni	13 765	19 530	( <sup>1</sup> )
ex 2204 21	Inbid tal-ġheneb frisk				

(<sup>1</sup>) Għas-sena 2017, għandu jaapplika l-ammont shiħi tal-kwota, irrispettivament mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.”

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (Euratom) 2017/76

tal-21 ta' Novembru 2016

**li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnja-Herzegovina, min-naħħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa, u l-Bożnja-Herzegovina, min-naħħa l-oħra, ("l-FSA") ġie ffirmat fis-16 ta' Ġunju 2008 u dāħal fis-seħħi fl-1 ta' Ġunju 2015 (¹).
- (2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) F'konformità mat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-2012 dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-FSA għandha tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-FSA bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fisem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat.
- (4) Fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Bożnja-Herzegovina sabiex tikkonkludi protokoll għall-FSA.
- (5) Dawk in-negozjati tlestell b'suċċess u l-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa, u l-Bożnja-Herzegovina, min-naħħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") ġie inizjalat fit-18 ta' Lulju 2016.
- (6) Il-Protokoll ikopri kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (7) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għandha tiġi approvata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (8) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma s-soġġett ta' proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### Artikolu 1

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa, u l-Bożnja-Herzegovina, min-naħħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (²) hija b'dan approvata.

(¹) ĠU L 164, 30.6.2015, p. 2.

(²) Aral l-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

---

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. PLAVČAN

---

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/77

tas-16 ta' Jannar 2017

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Marzu 2012 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/83 (²), jenħtieġ li diversi entitajiet jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (3) B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi T-182/13 (³), T-433/13 (⁴), T-158/13 (⁵), T-5/13 (⁶) u T-45/14 (⁷), Moallem Insurance Company, Petropars Operation & Management Company, Petropars Resources Engineering Ltd, Iran Aluminium Company, Iran Liquefied Natural Gas Co., Hanseatic Trade Trust & Shipping (HTTS) GmbH u Naser Bateni mhumiex inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012.
- (4) B'segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-200/13 P (⁸), Bank Saderat Iran mhux inkluż fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012. Konsegwentement, u għaċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna Bank Saderat (London) PLC f'dak l-Anness titħassar.
- (5) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 267/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(¹) ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/83 tas-16 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ara l-pagina 92 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(³) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2014, Moallem Insurance Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T-182/13, ECLI:EU:T:2014:624.

(⁴) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Mejju 2015, Petropars Iran Co. et, vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T-433/13, ECLI:EU:T:2015:255.

(⁵) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2015, Iranian Aluminium Co. (Iralco) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T-158/13, ECLI:EU:T:2015:634.

(⁶) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2015, Iran Liquefied Natural Gas Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T-5/13, ECLI:EU:T:2015:644.

(⁷) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2015, HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH u Naser Bateni vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, T-45/14, ECLI:EU:T:2015:650.

(⁸) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' April 2016, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Bank Saderat Iran, C-200/13 P, ECLI:EU:C:2016:284.

---

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---

ANNESS

L-entrati li jirrigwardaw l-entitajiet elenkti hawn taħt jitħassru mil-lista li tinsab fil-parti I.B tal-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012:

I. **Persuni u entitajiet involuti f'attivitàjet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.**

B. **Entitajiet**

- “7. (a) Bank Saderat PLC (London)
  - 48. Neka Novin (magħruf ukoll bħala Niksa Nirou)
  - 65. West Sun Trade GMBH
  - 159. Oil Industry Pension Fund Investment Company (OPIC)”.
-

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/78

tal-15 ta' Lulju 2016

**li jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 u kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta ta' utenti ta' tali sistemi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerha rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 6(13) u 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/758 jistabbilixxi obbligu ġenerali għal tipi ġoddha ta' vetturi tal-kategoriji M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub> li jridu jkunu mgħammra b'sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 mill-31 ta' Marzu 2018.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/79 (²) jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi speċifiċi u l-proċeduri tal-ittestjar għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall tagħhom immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112, kif ukoll għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-Unitajiet Tekniċi Separati ("STUs") immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 u l-komponenti tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112.
- (3) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³) tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur u tiddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi kollha involuti fi stadji differenti tal-proċess ta' approvazzjoni. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet amministrattivi speċifiċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112, kif ukoll b'STUs u b'komponenti immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112.
- (4) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-ittestjar għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE u biex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni għal dik l-approvazzjoni, għandu jiġi stabbilit sett standarizzat ta' dokumenti ta' informazzjoni, mudelli ta' ċertifikati għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE u mudelli għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE.
- (5) Il-manifatturi għandhom jiżguraw li s-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 ma jkunux jistgħu jiġi traċċati u ma jkunu soġġetti għall-ebda segwiment kostanti. Għal dak l-għan, għandu jiġi żgurat li s-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 ma jkunux disponibbli għall-komunikazzjoni meta jkunu fl-istatus operattiv normali tagħhom u li d-dejta fil-memorja interna tagħhom ma tkunx disponibbli barra mis-sistemi għal ebda entità qabel ma tiġi skattata l-eCall. Il-manifatturi għandhom jimplimentaw ukoll salvagħwardji adegwati sabiex jipproteġu s-sigurta tad-dejta fil-memorja interna tas-sistema minn aċċess mhux awtorizzat jew użu ħażin.
- (6) Kwalunkwe dejta pproċessata permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 trid tkun adegwata, rilevanti u proporzjona mal-għanijiet li għalihom dik id-dejta tinġabar u tiġi pproċessata.

(¹) ĠUL 123, 19.5.2015, p. 77.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/79 tat-12 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dettaljati u proċeduri ta' t-testjar għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi tagħhom tal-eCall armati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112, ta' unitajiet u komponenti tekniċi separati tal-eCall immuntati fil-vetturi, bbażati fuq is-servizz 112 u jissupplimenta u jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet u tal-istands applikabbi (ara paġna 44 tal-Ġurnal Uffiċjali).

(³) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠUL 263, 9.10.2007, p. 1).

- (7) Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni komprensiva u affidabbli dwar il-funzjonament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 u partikolarment fuq il-mod kif tiġi pproċessata d-dejta permezz ta' dik is-sistema u kif dik id-dejta tiġi protetta. Il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati wkoll dwar il-karatteristiċi u l-fatturi ta' kwalunkwe servizz ta' emerġenza privat jew ta' servizzi oħra ta' valur miżjud, jekk dawn ikunu mmuntati fil-vettura bil-mutur.
- (8) Approċċ konsistenti dwar l-informazzjoni li trid tingħata lill-konsumaturi dwar il-funzjonament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 jirrikjedi li jiġi stabbilit mudell ta' informazzjoni għall-utenti li jkun fiċċ-informazzjoni minima li trid tingħata flimkien mad-dokumentazzjoni teknika tal-vettura.
- (9) Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112. L-Istati Membri għandhom ukoll jingħataw żmien biżżejjed biex jużaw fit-territorju tagħhom l-infrastruttura għall-Punt ta' Twiegħba tas-Sikurezza Pubblika ("PSAP") meħtieġa biex l-eCalls jaślu u jiġu ġestiti b'mod xieraq. Għal dik ir-raġuni, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-istess bħad-data tal-applikazzjoni obbligatorja tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 fkonformità mar-Regolament (UE) 2015/758.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma kkonsultati mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta fkonformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni ta' tipi ġoddha ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112, kif ukoll ta' Unitajiet Tekniċi Separati ("STUs") eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 u komponenti eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112.

Jistabbilixxi wkoll kundizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2015/758 fir-rigward tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta tal-utenti tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112.

#### Artikolu 2

#### **Approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi eCall tagħhom immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112**

- Il-manifattur għandu jressaq quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni, kif definit fl-Artikolu 3(29) tad-Direttiva 2007/46/KE, applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura fir-rigward tas-sistema eCall tagħha mmuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112.
- L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha titħejja abbażi tal-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness I.
- Meta r-rekwiżiti tekniċi msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79 jiġu ssodisfati, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE u toħroġ ċċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE nnumerat skont is-sistema stabbilita fl-Parti 1 tal-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.

Stat Membru ma għandux jagħti l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

(¹) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċċassar ta' data personali mill-istituzzjoni u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

4. Iċ-ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jitfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I.

5. Fil-manwal tal-informazzjoni tal-utent għandu jkun hemm informazzjoni mogħtija mill-manifattur dwar l-ipproċessar tad-dejta mwettaq permezz tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 billi jiġi segwit il-mudell stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 3

#### **Approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-STUs eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 jew komponenti tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112**

1. Il-manifattur għandu jressaq quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni, kif definit fl-Artikolu 3(29) tad-Direttiva 2007/46/KE, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal tip ta' STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112 jew għal tip ta' komponenti tas-sistema eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112.

2. L-applikazzjoni msemmjia fil-paragrafu 1 għandha titfassal abbażi tal-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

3. Meta r-rekwiżiti tekniċi msemmjia rispettivament fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2017/79 fir-rigward tal-komponenti u l-Artikolu 7 tiegħi fir-rigward tal-STUs jiġu ssodisfati, l-awtorità ta' approvazzjoni għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE u toħroġ ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE u numru tal-approvazzjoni tat-tip, li għandu jsir skont is-sistema ta' numerazzjoni stabbilita fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.

Stat Membru ma għandux jassenna l-istess numru lil tip ieħor ta' STU jew ta' komponent.

4. Iċ-ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jitfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness II.

### Artikolu 4

#### **Marka tal-approvazzjoni tat-tip**

Kull komponent jew STU li jikkonforma ma' tip li għalihi tkun ingħatat approvazzjoni tal-KE għal komponent jew għal STU skont dan ir-Regolament għandu jkollu marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness II.

### Artikolu 5

#### **Privatezza u protezzjoni tad-dejta**

1. Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 jew l-STU eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 ma jkunux jistgħu jiġi traċċati u ma jkunux soġġetti għall-ebda segwiment kostanti meta jkunu fl-istatus operattiv normali tagħhom. Il-manifattur għandu jiżgura wkoll li d-dejta fil-memorja interna ta' dik is-sistema jew STU titnejha b'mod awtomatiku u kontinwu u ma tkunx disponibbli barra mis-sistema jew mill-STU mmuntati fil-vettura għall-ebda entità qabel ma tiġi skattata l-eCall.

2. Il-manifattur għandu jinforma lil sid il-vettura bil-miżuri meħħuda skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament (UE) 2015/758 billi juża l-mudell stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri ta' salvagħwardja xierqa (bħal pereżempju l-użu ta' teknoloġiji ta' kriptajgħ) biex jipproteġu s-sigurtà tad-dejta personali fil-memorja interna tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 jew tal-STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112 u biex ikunu pprevenuti s-sorveljanza u l-użu ħażin. Dawn il-miżuri għandhom jkunu xierqa, strettament proporzjonati u meħtieġa għall-iskop maħsub.

---

*Artikolu 6***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Japplika mill-31 ta' Marzu 2018.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNESS I

**Dokumenti amministrativi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112**

## PARTI 1

**Dokument ta' informazzjoni****MUDELL**

Dokument ta' informazzjoni Nru ... li jirrigwarda l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112.

L-informazzjoni li ġeja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u għandha tinkludi werrej. Kull disinn irid jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'bizzżejjed dettall fuq karta ta' daqs A4 jew fuq folder ta' format A4. F'każ li jkun hemm xi ritratti, dawn għandu jkollhom biżżejjed dettall.

Jekk is-sistema, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati msemmija f'dan id-dokument ta' informazzjoni jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

## 0. ĠENERALI

0.1. Ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk inhuma disponibbli): .....

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk ikun immarkat fuq il-vettura (¹): .....

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: .....

0.4. Il-kategorija tal-vettura (²): .....

0.5. Isem il-kumpanija u indirizz tal-manifattur: .....

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: .....

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

## 1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinji ta' vettura rappreżentattiva: .....

## 9. KAROZZERJA

9.1. Tip ta' karrozzerija (³): .....

9.10. Arranġamenti interni

9.10.2. Arrangement u identifikazzjoni tal-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi

9.10.2.1. Ritratti u/jew disinji tal-arranġament ta' simboli u kontrolli, sinjalaturi u indikaturi, b'mod partikolari li juru s-simbolu u l-pożizzjoni tas-sinjalatur/tal-indikatur (jekk ikun hemm) jew deskrizzjoni ta' mezzu oħra li jintużaw għat-twissija tal-okkupanti tal-vettura f'każ ta' falliment kritiku li jirriżulta f'nuqqas ta' ħila tas-sistema li teżiegwixxi eCall ibbażata fuq in-numru 112: .....

## 9.12.2. In-natura u l-pożizzjoni tas-sistemi ta' tražin supplementari (indika iva/le/fakultattiv)

(X = naħa tax-xellug, L = naħa tal-lemin, N = lejn in-nofs)

		Airbag ta' quddiem	Airbag tal-ġenb	Apparat ta' tensjoni taċ-ċinturin
L-ewwel ringiela tas-sits	X			
	N			
	L			
It-tieni ringiela tas-sits (*)	X			
	N			
	L			

(\*) It-tabella tista' tiġi estiża skont ma jkun meħtieġ għal vetturi b'aktar minn żewġ ringieli ta' sits jew jekk ikun hemm aktar minn tliet sits tul il-wisa' tal-vettura.

## 9.12.4. Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi/elettroniċi (jekk ikun hemm): .....

## 12. MIXXELLANJI

## 12.8. Sistema eCall

- 12.8.1. Preżenza: iva/le (3).
- 12.8.2. Deskrizzjoni teknika u/jew disinji skematiċi: .....
- 12.8.3. Numru tal-approvazzjoni tat-tip (jekk ikun disponibbli) tal-STU eCall immuntat fil-vettura: .....
- 12.8.4. Għal sistema eCall mhux approvata bħala STU:
  - 12.8.4.1. Deskrizzjoni dettaljata, ritratti u/jew disinni tas-sistema eCall u l-pożizzjoni tagħha fuq il-vettura: .....
  - 12.8.4.2. Lista tal-elementi kostitwenti ewlenin tas-sistema eCall: .....
  - 12.8.4.3. Skema tal-konnessjonijiet elettriċi kollha: .....
- 12.8.5. Il-preżenza ta' sistema eCall TPS: iva/le (3).
- 12.8.6. Il-preżenza ta' servizzi oħra ta' valur miżjud: iva/le (3).
- 12.8.7. Id-dikjarazzjoni ta' konformità mal-istandard imsemmija fl-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) 2015/758: iva/le (3).

Data, Firma

Noti ta' spiegazzjoni

(1) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri mhux rilevanti sabiex jiġu deskritti t-tipi tal-vettura, tal-komponent jew it-tipi tal-unità teknika separati koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (pereżempju ABC??123??).

(2) Kif definit fil-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

(3) Ħassar fejn ma jkunx applikabbli.

(4) Uża l-kodiċijiet kif definit fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

## PARTI 2

## Ċertifikati għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE

## MUDELL

Format A4 (210 × 297 mm)

## ĊERTIFIKAT GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru tal-awtorità tal-approvazzjoni  
tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

- EC type-approval (¹)
  - extension of EC type-approval (¹)
  - refusal of EC type-approval (¹)
  - withdrawal of EC type-approval (¹)
- } of a type of vehicle with regard to the installation  
of 112-based eCall in-vehicle systems

fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 2015/758, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) .../...

Numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

## TAQSIMA I

- 0.1. Ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....
- 0.2. Tip: .....
- 0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk ikunu disponibbli): .....
- 0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk ikun immarkat fuq il-vettura (²): .....
- 0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: .....
- 0.4. Il-kategorija tal-vettura (³): .....
- 0.5. Isem il-kumpanija u indirizz tal-manifattur: .....
- 0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: .....
- 0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

## TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-Addendum
2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....
3. Id-data tar-rapport tat-test: .....
4. Numru tar-rapport tat-test: .....
5. Kummenti (jekk ikun hemm): ara l-Addendum.
6. Post: .....
7. Data: .....
8. Firma: .....

- Dokumenti mehmużin:
1. Pakkett ta' informazzjoni.
  2. Rapport tat-test.

*Noti ta' spiegazzjoni*

- (<sup>1</sup>) Ħassar fejn ma jaapplikax.
- (<sup>2</sup>) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri mhux rilevanti sabiex jiġu deskritti t-tipi tal-vettura, tal-komponent jew it-tipi tal-unità teknika separati koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (pereżempju ABC??123??).
- (<sup>3</sup>) Kif definit fil-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

---

*Addendum*

**taċ-ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru ...**

1. Informazzjoni addizzjonali
  - 1.1. Deskrizzjoni qasira tas-sistema eCall immuntata fil-vettura: .....
  - 1.2. Fejn tinstab is-sistema eCall: .....
  - 1.3. Mezzi ta' attivazzjoni tas-sistema eCall: .....
  - 1.4. Provvista tal-enerġija tas-sistema eCall: .....
  - 1.5. Is-sistema eCall TPS immuntata fil-vettura: iva/le (<sup>1</sup>).
  - 1.6. Servizzi oħra ta' valur miżjud: iva/le (<sup>1</sup>).
2. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip ta' STU/komponent eCall immuntati fil-vettura bbażati fuq in-numru 112 (<sup>1</sup>) installati fil-vettura (jekk ikun hemm) biex jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2015/758 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu: .....
3. Kummenti (jekk ikun hemm): .....

(<sup>1</sup>) Ħassar fejn ma jkunx applikabbli.

---

## PARTI 3

**Mudell ta' Informazzjoni għall-Utent**

Id-dokumentazzjoni teknika mgħoddija flimkien mal-vettura (il-manwal tas-sid) għandha tinkludi informazzjoni ċara, komprensiva u aċċessibbli faċilment dwar is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 u fuq il-mod kif topera, kif ukoll dwar kwalunkwe sistema eCall appoġġata minn servizz ta' partijiet terzi (TPS) jew minn servizzi oħra ta' valur miżjud imwaħħla fuq dik il-vettura u l-funzjonalitajiet addizzjonali tagħhom.

Differenzi eżistenti bejn l-ipproċċesar tad-dejta mwettaq permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vetturi bbażata fuq in-numru 112 u s-sistema TPS jew servizzi oħra ta' valur miżjud, jekk disponibbli, għandhom jiġu mfissra b'mod ċar.

L-informazzjoni dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta għandha tingħata separatament għas-sistemi bbażati fuq in-numru 112 u għas-sistemi TPS qabel l-użu tagħhom biex tkun evitata kull konfużjoni fir-rigward tal-ghaniżiet mfittixja u l-valur miżjud tal-ipproċċesar tad-dejta.

Dan il-mudell jistabbilixxi l-informazzjoni minima meħtieġa li trid tingħata lill-utent u tista' tiġi kkumplimentata b'informazzjoni oħra xierqa filwaqt li jitqesu c-ċirkostanzi speċifiċi li fihom id-dejta tinġabar jew tiġi pproċċasa.

## 1. DESKRIZZJONI TAS-SISTEMA ECALL IMMUNTATA FIL-VETTURA

- 1.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112, l-operat u l-funzjonalitajiet tagħha: .....
- 1.2. Is-servizz eCall ibbażat fuq in-numru 112 huwa servizz pubbliku ta' interess ġenerali u huwa aċċessibbli mingħajr ħlas.
- 1.3. Is-sistema eCall immuntata fil-vetturi bbażata fuq in-numru 112 tiġi attivata b'mod awtomatiku. Din tiġi attivata b'mod awtomatiku permezz ta' sensuri fil-vettura f'każ ta' inċident gravi. Din tiġi attivata awtomatiċkement ukoll meta l-vettura tkun mgħammra b'sistema TPS li ma tiffunzjonax f'każ ta' inċident gravi.
- 1.4. Is-sistema eCall immuntata fil-vetturi bbażata fuq in-numru 112 tista' tiskatta wkoll b'mod manwali, jekk meħtieġ. Struzzjonijiet għall-attivazzjoni manwali tas-sistema: .....
- 1.5. Fl-eventwalitā ta' falliment kritiku tas-sistema li tiddiżżattiva s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112, tingħata din it-twissija lill-okkupanti tal-vettura: .....

## 2. INFORMAZZJONI DWAR L-IPPROċċESSAR TAD-DEJTA

- 2.1. Kwalunkwe pproċċesar ta' dejta personali permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 għandu jikkonforma mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta personali previsti fid-Direttivi 95/46/KE<sup>(1)</sup> u 2002/58/KE<sup>(2)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari, għandhom ikunu bbażati fuq in-neċċessità li jiġu protetti l-interessi vitali tal-individwi f'konformità mal-Artikolu 7(d) tad-Direttiva 95/46/KE<sup>(3)</sup>.
- 2.2. L-ipproċċesar ta' tali dejta huwa limitat b'mod strett għall-fini tal-ġestjoni tal-eCall ta' emerġenza lin-numru uniku Ewropew tal-emerġenza 112.

## 2.3. Tipi ta' dejta u r-riċevituri tagħha

- 2.3.1. Is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 tista' tiġbor u tiproċċesa din id-dejta biss:
  - Numru ta' Identifikazzjoni tal-vettura
  - Tip ta' vettura (vettura għall-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa)

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċċesar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċċesar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 95/46/KE titħassar bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiż-żejj fir-rigward tal-ipproċċesar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- It-tip ta' ħażna ta' propulsjoni tal-vettura (petrol/diżil/LPG/CNG/elettriku/idroġenu)
- L-aħħar tliet lokazzjonijiet tal-vettura u d-direzzjoni tal-ivvjaġġar
- Log fajl tal-attivazzjoni awtomatika tas-sistema u l-kronogramma tagħha
- Kwalunkwe dejta addizzjonali (jekk japplika): .....

2.3.2. Riċevituri tad-dejta pproċessata permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 huma l-punti ta' tweġiba ta' sikurezza pubblika rilevanti magħżula mill-awtoritajiet pubbliċi rispettivi tal-pajjiż li fit-territorju tiegħu jkunu jinstabu, li jkunu l-ewwel li jirċievu u jgħestu eCalls għan-numru uniku Ewropew tal-emerġenza 112.

Informazzjoni finanzjarja (jekk disponibbli): .....

#### 2.4. L-arranġamenti għall-ipproċessar tad-dejta

2.4.1. Is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 hija mfassla b'tali mod li tiżgura li d-dejta li tinsab fil-memorja tas-sistema ma tkunx disponibbli barra mis-sistema qabel ma tiġi skattata eCall.

Rimarki addizzjonali (jekk ikun hemm): .....

2.4.2. Is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 hija mfassla b'tali mod li tiżgura li din ma tistax tiġi traċċata u mhi soġġetta għall-ebda deteżżjoni kostanti meta tkun fl-istatus ta' operat normali tagħha.

Rimarki addizzjonali (jekk ikun hemm): .....

2.4.3. Is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 hija mfassla b'tali mod li tiżgura li d-dejta fil-memorja tas-sistema interna titneħħa awtomatikament u kontinwament.

2.4.3.1. Id-dejta dwar fejn tinstab il-vettura tiġi mħassra u aġġornata fil-memorja interna tas-sistema biex dejjem jinżammu massimu tal-aħħar tliet lokazzjonijiet aġġornati tal-vettura għat-tħaddim normali tas-sistema.

2.4.3.2. Ir-reġistrazzjoni tad-dejta tal-attività fis-sistema eCall immuntata fil-vetturi bbażata fuq in-numru 112 għandha tinżamm għal mhux aktar milli meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-ġestjoni tal-eCall ta' emerġenza u fi kwalunkwe każ mhux wara 13-il siegħa mill-mument li tinbeda eCall ta' emerġenza.

Rimarki addizzjonali (jekk ikun hemm): .....

#### 2.5. Il-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-dejta

2.5.1. Is-suġġett tad-dejta (sid il-vettura) għandu d-dritt li jaċċessa d-dejta u, kif xieraq, li jitlob ir-rettifikasi, it-tħassir jew l-imblukkar tad-dejta li tikkonċernah, li l-ipproċessar tagħha ma jikkonformax mad-dispożizzjoniżiet tad-Direttiva 95/46/KE. Kwalunkwe parti terza li nghatatalha d-dejta għandha tkun infurmata b'tali rettifikasi, tħassir jew imblukkar imwettqa fkonformità ma' din id-Direttiva, sakemm dan ma jkunx impossibbli jew jinvoli sforz sproporzjonat.

2.5.2. Is-suġġett tad-dejta għandu d-dritt li jilmenta mal-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-dejta jekk iqis li d-drittijiet tiegħu ġew miksura b'rīzultat tal-ipproċessar tad-dejta personali tiegħu.

2.5.3. Is-servizz ta' kuntatt responsabbli mill-ġestjoni tat-talbiet għall-aċċess (jekk ikun hemm): .....

### 3. INFORMAZZJONI DWAR SERVIZZI TA' PARTIJIET TERZI U SERVIZZI OĦRA TA' VALUR MIŻJUD (JEKK IMMUNTATI)

3.1. Deskrizzjoni tal-operat u tal-funzjonalitajiet tas-sistema TPS/servizzi ta' valur miżjud: .....

3.2. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali permezz ta' sistema TPS/servizzi oħra ta' valur miżjud għandu jikkonforma mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali previsti fid-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE.

3.2.1. Bażi legali għall-użu ta' sistema TPS u/jew servizzi ta' valur miżjud u għall-ipproċessar tad-dejta permezz tagħhom: .....

- 
- 3.3. Is-sistema TPS u/jew servizzi oħra ta' valur miżjud għandhom jipproċessaw id-dejta personali biss fuq il-bażi tal-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-dejta (sid jew sidien il-vettura).
- 3.4. Il-modalitajiet tal-ipproċessar tad-dejta permezz ta' sistema TPS u/jew servizzi oħra ta' valur miżjud, inkluż kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa fir-rigward tat-traċċabbiltà, id-detezzjoni u l-ipproċessar tad-dejta personali: .....
- 3.5. Sid vettura mgħammra b'sistema eCall TPS u/jew servizzi oħra ta' valur miżjud oħra flimkien mas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 għandu d-dritt li jagħżel li juża s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 minnflok is-sistema eCall TPS u s-servizzi l-oħra ta' valur miżjud.
- 3.5.1. Dettalji ta' kuntatt għall-ġestjoni tat-talbiet ta' diżattivazzjoni tas-sistema eCall TPS: .....

**ANNESS II**

**Dokumenti amministrativi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112 jew komponent tas-sistema eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112**

## PARTI 1

**Dokument ta' informazzjoni****MUDELL**

Dokument ta' informazzjoni Nru ... b'rabta mal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112 jew komponent tas-sistema eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112 (3).

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u għandha tinkludi werrej. Kull disinn irid jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'biżżejjed dettall fuq karta ta' daqs A4 jew folder ta' format A4. Fkaż li jkun hemm xi ritratti, dawn għandhom ikunu ddettaljati biżżejjed.

Jekk l-unità teknika separata jew il-komponent imsemmija f'dan id-dokument ta' informazzjoni jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħħom.

## 0. ĠENERALI

- 0.1. Ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....
- 0.2. Tip: .....
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq l-Unità Teknika Separata (1): .....
- 0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: .....
- 0.4. Fil-każ ta' STU, maħsub għall-kategorija tal-vettura (2): .....
- 0.5. Isem il-kumpanija u indirizz tal-manifattur: .....
- 0.7. Fejn jinsab u l-metodu ta' twaħħil tal-marka tal-approvazzjoni KE: .....
- 0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....
- 12.8. Sistema eCall
  - 12.8.2. Deskrizzjoni teknika u/jew tpinġijiet skematiċi: .....
  - 12.8.3.1. Ritratti u/jew tpinġijiet b'biżżejjed dettall u bi skala xierqa biex dan il-komponent jew STU jkunu jistgħu jiġu identifikati. Id-disinni jridu juru l-pożizzjoni maħsuba tal-STU jew tal-komponent fil-vettura u l-ispazju maħsub għall-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-STU jew tal-komponent .....
  - 12.8.3.1.1. Struzzjonijiet għall-installazzjoni fil-vettura, inklużi l-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-komponent tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112: .....
  - 12.8.3.1.2. Il-post fil-vettura u l-metodu tal-immuntar tal-STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112: .....
  - 12.8.3.2. Lista ta' partijiet kostitwenti ewlenin tal-STU jew tal-komponent: .....
  - 12.8.7. Id-dikjarazzjoni ta' konformità mal-standards imsemmija fl-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) 2015/758: iva/le (3).

**Noti ta' spiegazzjoni**

- (1) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fi karattri mhux rilevanti sabiex jiġu deskritti t-tipi tal-vettura, il-komponent jew it-tipi tal-unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (pereżempju ABC??123??).
- (2) Kif definit fit-TaqSIMA A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.
- (3) Ħassar fejn ma jkunx applikabbli.

## PARTI 2

## Ċertifikati għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE

## MUDELL

Format A4 (210 × 297 mm)

## ĊERTIFIKAT GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru tal-awtorità tal-approvazzjoni  
tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

- EC type-approval (¹)
  - extension of EC type-approval (¹)
  - refusal of EC type-approval (¹)
  - withdrawal of EC type-approval (¹)
- } of 112-based eCall in-vehicle STU/ 112-based eCall  
in-vehicle system component (¹)

fir-rigward tar-Regolament (UE) 2015/758.

Numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

## TAQSIMA I

- 0.1. Ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....
- 0.2. Tip: .....
- 0.3. Il-mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip jekk ikunu mmarkati fuq il-komponent/l-unità teknika separata (²): .....
- 0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: .....
- 0.4. Fil-każ ta' unità teknika separata, maħsuba għal kategorija ta' vettura (³): .....
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
- 0.7. Fejn jinsab u l-metodu ta' twaħħil tal-marka tal-approvazzjoni tal-KE: .....
- 0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

## TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-Addendum
2. Is-servizz tekniku responsabqli mit-twettiq tat-testijiet: .....
3. Id-data tar-rapport tat-test: .....
4. Numru tar-rapport tat-test: .....

(¹) Delete where not applicable.

(²) Jekk il-mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip fi karattri mhux rilevanti sabiex jiġu deskritti t-tipi tal-vettura, il-komponent jew it-tipi tal-unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (pereżempju ABC??123??).

5. Kummenti (jekk ikun hemm): ara l-Addendum.
6. Post: .....
7. Data: .....
8. Firma: .....

Dokumenti mehmużin: 1. Pakkett ta' informazzjoni.  
2. Rapport tat-test.

---

*Addendum*

**taċ-ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru ...**

1. Informazzjoni addizzjonali
  - 1.1. Deskrizzjoni qasira tal-STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112/tal-komponent fis-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 (¹): .....
  - 1.1.1. Struzzjonijiet għall-installazzjoni fil-vettura, inklużi l-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-komponent tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112: .....
  - 1.1.2. Eżempju tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE fuq l-STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112/ il-komponent tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 (¹): .....
- 1.2. Il-post fil-vettura u l-metodu tal-immuntar tal-unità teknika separata eCall: .....
- 1.3. Mezzi tal-iskattament: .....
- 1.4. Il-provvista tal-enerġija: .....
2. Il-komponent tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 tikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/79. Barra minn hekk, jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti tekniċi koperti:
  - 2.1. L-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79: iva/le (¹).
  - 2.2. L-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79: iva/le (¹).
  - 2.3. L-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2017/79: iva/le (¹).
3. Kummenti (jekk ikun hemm): .....

---

(¹) Ħassar fejn ma jkunx applikabbi.

---

## PARTI 3

**Marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE għall-STUs u għall-komponenti**


1. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip KE għall-unità teknika separata u għall-komponent għandha tikkonsisti fi:

  - 1.1. L-ittra żgħira “e” mdawra b'rettangolu, segwita min-numru ta' identifikazzjoni tal-Istat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-unità teknika separata jew tal-komponent:
 

1	għall-Ġermanja	12	għall-Awstrija	26	għas-Slovenja
2	għal Franza	13	għal-Lussemburgu	27	għas-Slovakkja
3	għall-Italja	17	għall-Finlandja	29	għall-Estonja
4	għan-Netherlands	18	għad-Danimarka	32	għal-Latvja
5	għall-Iżvejza	19	għar-Rumanija	34	għall-Bulgarija
6	għall-Belġju	20	għall-Polonja	36	għal-Litwanja
7	għall-Ungerja	21	għall-Portugall	49	għal Ċipru
8	għar-Repubblika Ċeka	23	għall-Greċja	50	għal Malta
9	għal Spanja	24	għall-Irlanda		
11	għar-Renju Unit	25	għall-Kroazja		
  - 1.2. Qrib ir-rettagħolu n-“numru ta' approvazzjoni tal-bażi” fit-Taqsima 4 tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip preċedut minn żewġ numri li jindikaw in-numru ta' sekwenza assenjat lil dan ir-Regolament. In-numru ta' sekwenza bħalissa huwa “00”.
  - 1.3. F'każ ta' STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112, qrib ir-rettagħolu in-numru ta' sekwenza għandu jkun preċedut mis-simbolu “ECALL”.
  2. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE titwaħħal ma' parti ewlenija tal-STU eCall immuntat fil-vettura bbażat fuq in-numru 112 jew ma' komponenti tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 b'tali mod li ma jkunx jista' jitħassar, ikun ċar u li jinqara faċilment.
  3. Eżempju ta' marki tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal STUs eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 u għal komponenti tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 huwa muri rispettivament fl-Istampa 1 u fl-Istampa 2.

Stampa 1

**Eżempju ta' marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal STUs eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112**




*Nota ta' spjega*

Didaskalija L-approvazzjoni tat-tip tal-unità teknika separata tal-KE inhāġet mill-Bulgarija bin-numru 0046. L-ewwel żewġ numri “00” jindikaw li l-unità teknika separata kienet approvata skont dan ir-Regolament.

*Stampa 2*

Eżempju ta' marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal komponenti tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112



00 00026

*Nota ta' spjega*

Didaskalija L-approvazzjoni tat-tip tal-komponent tal-KE inhargħet mill-Ġermanja bin-numru 00026. L-ewwel żewġ numri "00" jindikaw li l-komponent kien approvat skont dan ir-Regolament.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/79

tat-12 ta' Settembru 2016

li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dettaljati u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni KE għat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall tagħhom immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112, ta' unitajiet u komponenti tekniċi separati tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112 u li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet u l-standards applikabbi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerha rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 5(8) u (9) u l-Artikolu 6(12) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/758 jistabbilixxi obbligu ġenerali għal tipi ġoddha ta' vetturi ta' kategoriji M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub> li jkunu mgħammra b'sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112 mill-31 ta' Marzu 2018.
- (2) Huwa neċċesarju li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tekniċi dettaljati u l-proċeduri tal-it-testjar għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi tagħhom eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112. Il-proċeduri tal-it-testjar jippermettu wkoll l-it-testjar u l-approvazzjoni tal-unitajiet tekniċi separati ("UTS") u l-komponenti tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 maħsuba sabiex jitwaħħlu fvetturi bil-mutur jew għall-integrazzjoni f'sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112.
- (3) It-testijiet għandhom jitwettqu mis-servizzi tekniċi fil-kapaċită tagħhom kif previst fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²) li tistabbilixxi l-kwadru ġenerali għall-approvazzjoni KE għat-tip ta' vetturi bil-mutur u tiddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi kollha involuti fi stadji differenti tal-proċess ta' approvazzjoni.
- (4) It-testijiet u r-rekwiżiti għandhom jiġi ddisinjati b'tali mod li jiġi evitat l-it-testjar doppju. Barra minn hekk, hija meħtieġa xi flessibiltà rigward vetturi bi skop speċjali li jinbnew f'diversi stadji skont id-Direttiva 2007/46/KE għaliex huma eżentati mir-rekwiżiti tal-ħbit frontali u laterali skont ir-Regolamenti tan-NU/KEE 94 u 95. Għal din ir-raġuni, l-approvazzjoni mogħtija fi stadju preċedenti tal-proċess lill-vettura bażi fir-rigward tas-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tibqa' valida, sakemm is-sistema jew is-sensuri tagħha ma jkunux ġew immodifikati wara l-approvazzjoni.
- (5) Hemm każijiet fejn, għal raġunijiet tekniċi, ċerti klassijiet ta' vetturi ma jistgħux jiġi mgħammra b'mekkaniżmu xieraq tal-iskattar tal-eCall u għandhom jiġi eżentati mir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2015/758. Wara valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċċi mwettqa mill-Kummissjoni u billi jitqiesu l-aspetti rilevanti ta' sikurezza u tekniċi, dawk il-klassijiet ta' vetturi huma identifikati u inklużi flista stabbilita fl-Anness IX.
- (6) Is-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 jeħtieġ li tibqa' funzjonali wara aċċident gravi. L-eCall awtomatika hija l-aktar ta' benefiċċju f'ħabta gravi fejn ir-riskju li l-okkupanti tal-vettura jisfaw inkapaċċitati u ma jkunux jistgħu jidher minnha minnha. Is-sistemi tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112, il-komponenti u l-UTS għandhom għalhekk jiġi ttestjati biex tigħiġi vverifikata l-funkzjonalità sostnuta tagħhom wara li jiġi soġġetti għal tagħbixx ġieri simili għal dawk li jistgħu jseħħu waqt ḥabta gravi ta' vettura.

(¹) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77.

(²) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karriġiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tħalli vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

- (7) Il-funzjonament ta' wara l-ħbit u l-iskattar awtomatiku tas-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandhom jiġu żgurati wkoll fil-livell tal-vettura. Il-proċedura tal-ittejtjar ta' impatt fuq skala sħiħa għandha għalhekk tiġi stabilita biex tivverifika li l-vettura hija mibnija b'tali mod li s-sistema tagħha tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 tiflaħ għal ħabta frontali u mill-ġenb fis-sitwazzjoni tal-immuntar u l-konfigurazzjoni oriġinali tagħha.
- (8) Il-funzjonalità ewlenija ta' sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 mhix biss li tinnotifika li-ċ-Ċentru li Jirċievi t-Telefonati ta' Emerġenza ("PSAP") dwar aċċident, iż-żda wkoll li tistabbilixxi konnessjoni bil-vuċi bejn l-okkupanti tal-vettura u l-operatur tal-PSAP. It-tagħmir tal-awdja tas-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandu għalhekk jiġi t-testejt wara t-testijiet tal-ħabta fuq skala sħiħa biex jiġi għarantit li ma jsorix minn tnaqqis fil-volum jew minn xi distorsjonijiet li jagħmlu l-komunikazzjoni bil-vuċi impossibbli.
- (9) Meta sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 tkun approvata għall-użu flimkien ma' sistema li tipprovdni servizzi lil partijiet terzi ("sistema TPS"), għandu jiġi żgurat li fi kwalunkwe ħin, waħda biss minn dawk is-sistemi tkun attiva u li s-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 tiġi skattata awtomatikament meta s-sistema TPS ma tiffunzjonax. Il-manifattur tal-vetturi mgħammra b'sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u sistema TPS għandu jispjega l-proċedura ta' riżerva inkorporata fis-sistema TPS u għandu jiddeskrivi l-prinċipji tal-mekkaniżmu tal-bidla bejn is-sistema TPS u s-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112.
- (10) Biex jiġi żgurat l-ġhoti ta' informazzjoni preċiża u affidabbli dwar il-pożizzjoni, is-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun kapaċi tuża s-servizzi ta' lokalizzazzjoni pprovduti mis-sistemi Galileo u EGNOS.
- (11) Is-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha twissi lill-okkupanti ta' vettura fil-każi li s-sistema ma tkunx kapaċi teżegwixxi sejħa ta' emerġenza. Għalhekk għandha tiġi stabilita proċedura għall-verifikasi tal-awto-ittejtjar tas-sistema u tal-konformità tagħha mar-rekwiżi ta' indikazzjoni tal-ħsara.
- (12) Il-manifatturi għandhom jiżguraw li s-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq in-numru 112 ma jkunux jistgħu jiġi ntraċċati u li ma jkunux soġġetti għal xi segwiment kostanti. Għal dak il-ġhan, għandha tiġi stabilita proċedura tal-ittejtjar biex tivverifika li s-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 mhix disponibbli għall-komunikazzjoni mal-PSAP qabel tiskatta l-eCall.
- (13) Kwalunkwe dejta proċessata permezz tas-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun adegwata, rilevanti u proporzjonata għall-finijiet li għalihom dik id-dejta tkun ingħabret u tkun ġiet ipproċessata. Għal dak il-ġhan, għandhom jiġi stabiliti proċeduri xierqa biex jivverifikaw li d-dejta fil-memorja interna tas-sistema titnejha awtomatikament u kontinwament u ma tinżammix aktar milli meħtieġ għall-finijiet tal-immaniġġjar tas-sejħa ta' emerġenza.
- (14) Il-verżjonijiet tal-istandardi applikabbli li fuqhom huma bbażati r-rekwiżi għall-eCall għandhom jiġu aġġornati.
- (15) Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jingħataw biziżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżi tekniċi għall-approvazzjoni tas-sistemi tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112. L-Istati Membri għandhom jingħataw ukoll biziżżejjed żmien biex jużaw fit-territorju tagħhom l-infrastruttura PSAP meħtieġa għar-riċevuta u l-immaniġġjar xierqa ta' sejħiet ta' emerġenza. Għal dik ir-raġuni, id-dejta tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-istess bħad-dejta ta' applikazzjoni obbligatorja tas-sistema tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112 skont ir-Regolament (UE) 2015/758,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżi tekniċi dettaljati u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni KE għat-tip tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/758 fir-rigward tas-sistemi eCall tagħhom immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112 u tal-unitajiet tekniċi separati ("STU") u komponenti tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112.

## Artikolu 2

### Klassijiet ta' vetturi eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112

Il-klassijiet ta' vetturi li għal raġunijiet tekniċi ma jistgħux jiġi mgħammra b'mekkaniżmu tal-iskattar eCall xieraq u għal-dik ir-raġuni huma eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 huma elenkti fl-Anness IX.

### Artikolu 3

#### **Approvazzjoni b'diversi stadji ta' vetturi bi skop speċjali**

Fil-każ tal-aprovazzjoni skont it-tip b'diversi stadji tal-vetturi bi skop speċjali ddefiniti fil-punti 5.1 u 5.5 tal-parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE, l-aprovazzjoni skont it-tip mogħtija fi stadju preċedenti fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 fil-vettura (bażi) għandha tibqa' valida, sakemm is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u s-sensuri rilevanti ma jiġux immodifikati.

### Artikolu 4

#### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112" tfisser vetturi bil-mutur li ma jvarjawx fl-aspetti essenzjali bħall-karatteristiki tal-integrazzjoni fil-vettura kif ukoll il-funzjonalità u l-kapaċitā ta' hardwer essenzjali li juża sejħa ta' emerġenza mmuntata fil-vettura.
- (2) "tip ta' STU tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112" tfisser kombinazzjoni ta' hardwer speċifiku li ma jvarjax fl-aspetti essenzjali bħall-karatteristiċi, il-funzjonalità u l-kapaċitā tal-użu ta' sejħa ta' emerġenza mmuntata fil-vettura meta installata fvettura bil-mutur.
- (3) "tip ta' komponent tas-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112" tfisser hardwer speċifiku li ma jvarjax fl-aspetti essenzjali bħall-karatteristiċi, il-funzjonalità u l-kapaċitā tal-iffaċilitar tal-użu ta' sejħa ta' emerġenza mmuntata fil-vettura meta integrata f'STU tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 jew f'sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112.
- (4) "arranġament rappreżentativ tal-partijiet" tfisser il-partijiet kollha meħtieġa mis-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 biex jippopulaw u jittrażmettu b'suċċess f'sejħa ta' emerġenza mmuntata fil-vettura s-sett minimu ta' data msemmi fl-istandard EN 15722:2015 "Sistemi ta' trasport intelliġenti" — eSafety — sett minimu ta' data għall-eCall ("MSD") inkluż il-modulu tal-kontroll, is-sors tal-enerġija, il-modulu tal-komunikazzjoni tan-netwerk mobbli, ir-riċevituru tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita u l-antenna esterna tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita u l-konnetturi u l-wajers tagħhom;
- (5) "modulu tal-kontroll" tfisser komponent tas-sistema tal-e-Call immuntat fil-vettura ddisinjat biex jiżgura l-funzjonament ikkombinat tal-moduli, il-komponenti u l-karatteristiċi kollha tas-sistema;
- (6) "sors tal-enerġija" tfisser il-komponent li jissupplixxi l-enerġija lis-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112, inkluż sors ta' sostenn jekk ikun mgħammar, li jagħti l-input għas-sistema wara t-test imsemmi fil-punt 2.3 tal-Anness I;
- (7) "log file tal-eCall" tfisser kwalunkwe rekord iġġenerat fil-mument tal-attivazzjoni awtomatika jew manwali tal-eCall li jkun maħżun fil-memorja interna tas-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u jikkonsisti biss fl-MSD;
- (8) "Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita" ("GNSS") tfisser infrastruttura komposta minn konstellazzjoni ta' satelliti u netwerk ta' stazzjonijiet tal-art, li jipprovdu ħin preċiż u informazzjoni tal-ġeolokazzjoni lill-utenti li għandhom riċevituru xieraq;
- (9) "Sistema ta' Awmentazzjoni Bbażata fuq is-Satellita" ("SBAS") tfisser sistema reġjonali ta' navigazzjoni bis-satellita għall-monitoraġġ u l-korrezzjoni ta' sinjal li joħorġu minn sistemi globali eżistenti ta' navigazzjoni bis-satellita, biex l-utenti jingħataw prestazzjoni aħjar f'termin ta' preċiżjoni u integrità;
- (10) "modalità cold start" tfisser il-kundizzjoni ta' riċevituru GNSS meta l-pożizzjoni, il-veloċità, il-ħin, l-almanakk u d-dejta esfemerika ma jkunux maħżuna fir-riċevituru u għalhekk is-soluzzjoni tan-navigazzjoni għandha tiġi kkalkulata permezz ta' tħalli fis-sema;
- (11) "pożizzjoni aġġornata" tfisser l-aħħar pożizzjoni magħrufa tal-vettura ddeterminata fl-aħħar mument possibbli qabel il-ġenerazzjoni tal-MSD.

## Artikolu 5

### **Rekwiżiti u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni KE għat-tip ta' vetturi motorizzati fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistemi tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112**

1. L-approvazzjoni KE għat-tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun soġġetta għall-fatt li l-vettura u s-sistema tagħha jgħaddu mit-testijiet stabbiliti fl-Annessi I sa VIII u jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dawk l-Annessi.
2. Meta l-vettura bil-mutur tkun mgħammra b'tip ta' UTS tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 li tkun ġiet approvata skont it-tip skont l-Artikolu 7, il-vettura u s-sistema tagħha jeħtieġ li jgħaddu mit-testijiet stabbiliti fl-Annessi II, III u V u jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dawk l-Annessi.
3. Meta s-sistema tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 tal-vettura bil-mutur tħalli komponent wieħed jew aktar li jkun ġie approvat skont it-tip skont l-Artikolu 6, il-vettura bil-mutur u s-sistema tagħha jeħtieġ li jgħaddu mit-testijiet stabbiliti fl-Annessi I sa VIII u jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dawk l-Annessi. Il-valutazzjoni ta' jekk is-sistema tikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti tista' madankollu tkun parzialment ibbażata fuq ir-riżultati tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3).

## Artikolu 6

### **Rekwiżiti u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni KE għat-tip ta' komponenti tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112**

1. L-approvazzjoni KE għat-tip ta' komponenti tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun soġġetta għall-fatt li l-komponent jgħaddi mit-testijiet stabbiliti fl-Annessi I u jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti f'dak l-Annessi.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, għandha tapplika biss il-proċedura ta' verifika għall-komponenti stabbiliti fil-punt 2.8 tal-Anness I wara li l-partijiet individuali jiġu soġġetti għat-test imsemmi fil-punt 2.3 ta' dan l-Anness.
3. Fuq talba tal-manifattur, komponent jista' jiġi t-testjat b'mod addizzjonali mis-servizz tekniku għal konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi IV, VI u VII li huma rilevanti għall-funzjonalitajiet tal-komponent. Il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għandha tīgi indikata fuq iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni skont it-tip maħruġ skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/78 (¹).

## Artikolu 7

### **Rekwiżiti u proċeduri ta' ttestjar għall-approvazzjoni KE għat-tip ta' UTS tal-eCall immuntati fil-vetturi bbażata fuq is-servizz 112**

1. L-approvazzjoni KE għat-tip ta' UTS tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 għandha tkun soġġetta għall-fatt li l-UTS tħalli komponent wieħed jew aktar li jkun ġie approvat skont it-tip skont l-Artikolu 6, l-UTS jeħtieġ tħalli komponent mit-testijiet stabbiliti fl-Annessi I, IV, VI, VII u VIII u tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dawk l-Annessi. Il-valutazzjoni ta' jekk dik l-UTS tikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti tista' madankollu tkun parzialment ibbażata fuq ir-riżultati tat-test imsemmi fl-Artikolu 6(3).
2. Meta l-UTS tal-eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 tħalli komponent wieħed jew aktar li jkun ġie approvat skont it-tip skont l-Artikolu 6, l-UTS jeħtieġ tħalli komponent mit-testijiet stabbiliti fl-Annessi I, IV, VI, VII u VIII u tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dawk l-Annessi. Il-valutazzjoni ta' jekk dik l-UTS tikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti tista' madankollu tkun parzialment ibbażata fuq ir-riżultati tat-test imsemmi fl-Artikolu 6(3).

## Artikolu 8

### **Obbligi tal-Istati Membri**

L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni KE għat-tip għal tipi ġoddha ta' vetturi bil-mutur li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(¹) Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/78 tal-15 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi dispożizzjoniċċi amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażata fuq in-numru 112 u kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta ta' utenti ta' tali sistemi (Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċċjali).

*Artikolu 9***Emendi għar-Regolament (UE) 2015/758**

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) 2015/758 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ir-rekwiżiti u t-testijiet tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u fuq l-istards disponibbli relatati mal-eCall, fejn applikabbli, u li jinkludu:

- (a) EN 16072:2015 “Sistemi ta’ trasport intelliġenti — eSafety — rekwiżiti tal-operat ta’ eCall Pan-Ewropew”;
- (b) EN 16062:2015 “Sistemi ta’ trasport intelliġenti — eSafety — Rekwiżiti ta’ applikazzjoni ta’ livell għoli ta’ eCall (HLAR)”;
- (c) EN 16454:2015 “Sistemi ta’ trasport intelliġenti — eSafety — Ittestjar għall-konformità minn tarf sa ieħor tal-Ecall”;
- (d) EN 15722:2015 “Sistemi ta’ trasport intelliġenti — eSafety — sett minimu ta’ dejta għall-eCall (MSD)”;
- (e) EN 16102:2011 “Sistemi ta’ trasport intelliġenti — eCall — Rekwiżiti tal-operat għas-sostenn minn parti terza”;
- (f) kwalunkwe standard Ewropew addizzjonali relatat mas-sistema tal-eCall adottat fkonformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), jew Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (Regolamenti UNECE) relatati mas-sistemi tal-eCall li magħhom aderixxiet l-Unjoni.

(\*) Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-Istandardizazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).”

*Artikolu 10***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-31 ta’ Marzu 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

## WERREJ

	<i>Paġna</i>
ANNESS I — Rekwiżiti u proċeduri tekniċi għall-ittestjar tar-reżistenza ta' sistemi ta' eCall minn ġol-vettura għal-ħabtiet serji (test ta' deċellerazzjoni ta' severità għolja) .....	51
ANNESS II — Valutazzjoni tat-testijiet tal-impatt fuq skala sħiħa .....	58
ANNESS III — Reżistenza tat-tagħmir tal-awdjo għall-ħabtiet .....	60
ANNESS IV — Il-koeżistenza ta' servizzi ta' partijiet terzi (TPS) mas-sistemi ta' eCall minn ġol-vettura bbażati fuq il-112 .....	65
ANNESS V — Mekkaniżmu tal-iskattar awtomatiku .....	67
ANNESS VI — Rekwiżiti tekniċi għall-kompatibilità tas-sistemi ta' eCall minn ġol-vettura mas-servizzi ta' pożizzjoni pprovduti mis-sistemi Galileo u EGNOS .....	68
ANNESS VII — Awtottestjar tas-sistemi ġol-vettura .....	80
ANNESS VIII — Rekwiżiti tekniċi u proċeduri tat-test marbutin mal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta .....	82
ANNESS IX — Il-klassijiet ta' vetturi msemmijin fl-Artikolu 2 .....	86

---

## ANNESS I

**Rekwiżiti u proċeduri tekniċi għall-ittejtjar tar-reżistenza ta' sistemi ta' eCall minn ġol-vettura għal ħabtiet serji  
(test ta' deċellerazzjoni ta' severità għolja)**

## 1. Rekwiżiti

## 1.1. Ir-rekwiżiti marbutin mal-prestazzjoni

- 1.1.1. It-test ta' deċellerazzjoni ta' severità għolja tas-sistemi ta' eCall minn ġol-vettura, STUs u komponenti, imwettaq skont il-punt 2, għandu jitqies sodisfaċenti jekk jintwera li ntlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin wara l-event ta' deċelle-razzjoni/aċċellerazzjoni.
- 1.1.2. Emissjoni u kknowdjar tal-MSD: Is-sistema ta' eCall jew l-arranġament rappreżentattiv għandhom ikunu kapaċi jittrażmettu MSD b'suċċess lil punt tat-test PSAP.
- 1.1.3. Determinazzjoni tal-ħin tal-inċident: Is-sistema ta' eCall jew l-arranġament rappreżentattiv għandhom ikunu kapaċi jiddeterminaw kronogramma aġġornata għal inċident ta' eCall.
- 1.1.4. Determinazzjonijiet tal-lokazzjoni: Is-sistema ta' eCall jew l-arranġament rappreżentattiv għandhom ikunu kapaċi jiddeterminaw fejn tinsab bl-eżatt il-vettura.
- 1.1.5. Konnettività tan-netwerk mobbli: Is-sistema ta' eCall jew l-arranġament rappreżentattiv għandhom ikunu kapaċi jaqbdu man-netwerk mobbli u jibagħtu dejta permezz tan-netwerk mobbli.

## 2. Proċedura tat-test

## 2.1. L-għan tal-proċedura tat-test ta' deċellerazzjoni ta' severità għolja

L-iskop ta' dan it-test huwa li jivverifika l-funzjonalità sostnuta tas-sistema ta' eCall ibbażata fuq il-112 wara li tkun ġiet soġġetta għal tagħbiżżejjiet inerżjali li jistgħu jseħħu matul ħabta serja tal-vetturi.

## 2.2. It-testijiet li ġejjin iridu jsiru fuq arranġament rappreżentattiv tal-partijiet (mingħajr body tal-vettura).

- 2.2.1. Arranġament rappreżentattiv għandu jkun jinkludi l-partijiet kollha li teħtieġ is-sistema ta' eCall sabiex issawwar u tibġħat b'suċċess l-MSD f-eCall.
- 2.2.2. Dan għandu jinkludi l-modulu ta' kontroll u s-sors tal-enerġija u kwalunkwe parti oħra meħtieġa sabiex issir l-eCall tat-test.
- 2.2.3. Dan għandu jinkludi l-antenna esterna għall-komunikazzjoni mobbli.
- 2.2.4. Il-faxx ta' wajers jista' jkun rappreżentat biss mill-konnetturi rilevanti (konnessi mal-komponenti t-testjati) u tul ta' wajer. It-tul tal-faxx ta' wajers u t-tqabbid eventwali tiegħu jistgħu jiġi deċiżi mill-manifattur bi qbil mas-servizz tekniku msemmi fl-Artikolu 3(31) tad-Direttiva 2007/46/KΕ sabiex ikunu jirrapreżentaw il-konfigurazzjonijiet differenti tal-installazzjoni tas-sistema ta' eCall.

## 2.3. Il-proċedura ta' deċellerazzjoni/aċċellerazzjoni

## 2.3.1. Għandhom japplikaw il-kundizzjoni li ġejjin:

- (a) It-test għandu jitwettaq f'temperatura ambjentali ta'  $20 \pm 10$  °C.
- (b) Fil-bidu tat-test, il-provvista tal-enerġija trid tkun iċċarġjata biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ta' verifikasi ta' wara.


- 2.3.2. Il-partijiet it-testjati għandhom ikunu mqabbdin mal-istallazzjoni tat-test bil-muntaturi intiżi pprovduti sabiex jitqabbdū ma' vettura. Jekk il-muntaturi intiżi tas-sors tal-enerġija huma ddiżżejji apposta sabiex jinkisru u b'hekk jeħilsu s-sors tal-enerġija f'każ ta' impatt, ma għandhomx ikunu inklużi fit-test. Is-servizz tekniku jridu jara li t-tali rilaxx f'okkorrenza ta' ġabha serja ħafna fil-ħajja reali ma jxekkilx il-funzjonalità tas-sistema (eż. ma tinqalax mis-sors tal-enerġija).

- 2.3.3. Jekk jintużaw brackets jew installazzjonijiet addizzjonal bħala parti mill-faċilità ta' deċellerazzjoni/aċċelleazzjoni jridu jipprovd konnessjoni riġida biżżejjed għall-faċilità ta' deċellerazzjoni/aċċelleazzjoni sabiex ma jaffettawwx l-eżitu tat-test.
- 2.3.4. Is-sistema ta' eCall trid tiġi decellerata jew aċċellerata skont il-kuritur tal-polz speċifikat fit-Tabella u l-Figura. L-aċċelleazzjoni/deċellerazzjoni jridu jitkejlu fparti riġida tal-faċilità ta' deċellerazzjoni/aċċelleazzjoni u jiġu filtrati f'CFC-60.
- 2.3.5. Il-polz tat-test irid ikun fi ħdan il-valuri minimi u massimi kif speċifikati fit-Tabella. Il-bidla massima fil-veloċità  $\Delta V$  trid tkun ta' 70 km/h [ $+ 0/- 2$  km/h]. Madankollu, jekk, bil-qbil mal-manifattur, it-test sar flivell ogħla ta' aċċelleazzjoni jew deċellerazzjoni,  $\Delta V$  ikbar u/jew durata itwal, it-test għandu jitqies bħala sodisfaċenti.
- 2.3.6. Il-partijiet imsemmijin fil-punt 2.2 iridu jiġu ttestjati fkonfigurazzjoni li tirrappreżenta l-agħar xenarju. Il-pożizzjoni u l-orientazzjoni tagħhom fuq is-slitta għandhom jikkorrispondu għar-rakkomandazzjoni dwar l-installazzjoni tal-manifattur u għandhom ikunu indikati fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip maħruġ skont ir-Regolament ta' Implettazzjoni (UE) 2017/78.

#### 2.3.7. Deskrizzjoni tal-polz tat-test

*Figura*

**Kurva minima u massima tal-polz tat-test (kuritur tal-polz)**



*Tabella*

**Valuri tal-aċċelleazzjoni/deċellerazzjoni tal-kurva minima u massima tal-polz tat-test**

Punt	Ħin (ms)	Aċċelleazzjoni/Deċellerazzjoni (g)
A	10	0
B	34	65
C	38	65
D	46	0
E	0	16
F	25	77
G	47	77
H	60	0

2.4. Proċedura ta' verifika

- 2.4.1. Ara li ma nqala' ebda konnettur tal-kejbils matul l-event.
- 2.4.2. Ir-rekiżiżi tal-prestazzjoni jridu jiġu vverifikati bit-twettiq ta' sejħa tat-test billi jintuża s-sors tal-enerġija soġġett għad-deċellerazzjoni serja ħafna.
- 2.4.3. Qabel ma tagħmel is-sejħa tat-test, ara li:
  - (a) is-sistema ta' eCall tirċievi sinjali (reali jew simulati) mill-GNSS sa ġertu punt li jirrappreżenta kundizzjonijiet ta' sema miftuħ;
  - (b) is-sistema ta' eCall damet mixgħula biżżejjed sabiex tikseb il-pożizzjoni tagħha bil-GNSS;
  - (c) wħħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;
  - (d) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;
  - (e) ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-netwerk attiv; u
  - (f) jekk applikabbi, is-sistema TPS hija diżattivata jew taqleb b'mod awtomatiku għas-sistema bbażata fuq il-112.
- 2.4.4. Aġħmel sejħa tat-test (modalità “push”) billi tapplika skattatur skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.
- 2.4.5. Ivverifika kull waħda minn dawn l-affarrijiet li ġejjin:
  - (a) Ara li l-punt tat-test PSAP irċieva MSD. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li MSD mibgħut mis-sistema ta' eCall wara l-iskattatur għie riċevut u dekowdja b'suċċess. Jekk id-dekowdjar tal-MSD weħel fil-verżjoni tar-redundancy MSD rv0 iżda għadda fverżjoni ta' redundancy oħla jew f-modalitā ta' modulatur robust, kif definita f'ETSI/TS 126 267, dan huwa aċċettabbli.
  - (b) Ara li l-MSD fih kronogramma aġġornata. Dan għandu jkun verifikat b'rekord tat-test li l-kronogramma li tinsab fl-MSD riċevut mill-punt tat-test PSAP ma tiddevjax mill-ħin irrekordjat eż-żgħid tal-attivazzjoni tal-iskattatur b'iktar minn 60 sekonda. It-trażmissjoni tista' tiġi ripetuta jekk is-sistema ta' eCall ma tkunx kisbet pożizzjoni bil-GNSS qabel it-test.
  - (c) Ara li l-MSD fih pożizzjoni preċiża u aġġornata. Dan għandu jkun verifikat skont il-Proċedura tat-Test tal-Pożizzjoni tal-Vettura kif definita fil-punt 2.5 permezz ta' rekord tat-test li juri li d-devjazzjoni bejn il-pożizzjoni tal-IVS u l-pożizzjoni vera,  $d_{IVS}$ , hija ta' inqas minn 150 metru u l-bit tal-kunfidenza mibgħuta lill-punt tat-test PSAP tindika “pożizzjoni tista' tiġi fdata”.
- 2.4.6. Ikklerja s-sejħa tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

2.5. Proċedura tat-test tal-pożizzjoni

- 2.5.1. Il-funzjonalità sostnuta tal-komponenti tal-GNSS għandha tiġi verifikata billi jitqabbel l-input tal-pożizzjoni u l-output tal-pożizzjoni tas-sistema.
- 2.5.2. Il-“pożizzjoni tal-IVS” ( $\varphi_{IVS}, \lambda_{IVS}$ ) għandha tkun: Il-pożizzjoni li tinsab f'MSD mibgħut lil punt tat-test PSAP filwaqt li l-antenna tal-GNSS tkun f'kundizzjonijiet ta' sema miftuħ (reali jew simulati).
- 2.5.3. Il-“pożizzjoni vera” ( $\varphi_{true}, \lambda_{true}$ ) għandha tkun:
  - (a) il-pożizzjoni propja tal-antenna tal-GNSS (pożizzjoni magħrufa jew stabbilita b'mezzi oħrajn li mhumiex is-sistema ta' eCall), meta jintużaw sinjali reali tal-GNSS; jew
  - (b) il-pożizzjoni ssimulata, meta jintużaw sinjali ssimulati tal-GNSS.

- 2.5.4. Id-devjazzjoni bejn il-pożizzjoni tal-IVS u l-pożizzjoni vera,  $d_{IVS}$  għandha tiġi kkalkulata bl-użu tal-ekwazzjonijiet li ġejjin:

$$\Delta\varphi = \varphi_{IVS} - \varphi_{true}$$

$$\Delta\lambda = \lambda_{IVS} - \lambda_{true}$$

$$\varphi_m = \frac{\varphi_{IVS} + \varphi_{true}}{2}$$

$$d_{IVS} = R \sqrt{(\Delta\varphi)^2 + (\cos(\varphi_m)\Delta\lambda)^2}$$

fejn:

$\Delta\varphi$ : Id-differenza fil-latitudni (f'radjan)

$\Delta\lambda$ : Id-differenza fil-longitutni (f'radjan)

Nota:  $1^\circ = \frac{\pi}{180}$  rad;  $1$  mas =  $4,8481368 \cdot 10^{-9}$  rad

$\varphi_m$ : Il-latitudni medja (f'unità xierqa għall-kalkolu tal-cosine)

R: Ir-raġġ tad-dinja (medja) = 6 371 009 metri

- 2.5.5. Il-proċedura tat-test tal-pożizzjonament tista' tiġi ripetuta jekk is-sistema ta' eCall ma tkunx kisbet pożizzjoni bil-GNSS qabel it-test.

## 2.6. Proċedura tat-test tal-antenna

- 2.6.1. Jekk il-proċedura ta' konnessjoni applikata għas-sejħa tat-test ma użatx it-trażmissjoni tad-dejta fl-ajru, il-funzjonalità sostnuta tal-antenna tan-netwerk mobbli trid tiġi verifikata billi jiġi verifikat l-istatus tal-issettjar tal-antenna wara l-event ta' deċċellerazzjoni skont il-proċedura li ġejja.

- 2.6.2. Kejjel il-proporzjon tal-mewġa wieqfa tal-vultaġġ, tal-antenna tan-netwerk mobbli estern wara l-event ta' deċċellerazzjoni bi frekwenza li taqa' fi ħdan il-banda ta' frekwenzi spċifikata tal-antenna.

- 2.6.2.1. Il-kejjal irid isir b'apparat li jkejjel l-enerġija, analizzatur tal-antenna jew apparat li jkejjel l-SWR fl-iktar punt qarib possibbli għall-punt tal-alimentazzjoni tal-antenna.

- 2.6.2.2. Jekk jintuża apparat li jkejjel l-enerġija, irid jiġi kkalkulat billi tintuża l-ekwazzjoni li ġejja:

$$VSWR = \frac{\sqrt{P_f} + \sqrt{P_r}}{\sqrt{P_f} - \sqrt{P_r}}$$

fejn:

$P_f$ : Enerġija mkejla bil-quddiem

$P_r$ : Enerġija mkejla b'lura/b'rifless

- 2.6.3. Ara li jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stipulati mill-manifattur għal antenni ġoddha.

## 2.7. Il-proċeduri ta' konnessjoni

### 2.7.1. Proċedura tan-Netwerk Mobbli Ssimulat

- 2.7.1.1. Irid jiġi żgurat li sejħa TS12 mibgħuta mis-sistema bbażata fuq il-112 sejra ssir fl-ajru permezz ta' netwerk mobbli mhux pubbliku (jiġifieri s-simulat) u tingħadda lejn il-punt tat-test PSAP iddedikat.

- 2.7.1.2. Il-punt tat-test PSAP iddedikat matul il-proċeduri tat-test irid ikun simulatur tal-PSAP taħt il-kontroll tas-servizz tekniku, konformi mal-istandardi EN applikabbli u ċċertifikat skont EN 16454. Għandu jkun mgħammar b'interfaċċja tal-awdjo sabiex ikunu jistgħu jsiru testijiet tal-komunikazzjoni bil-vuċi.

2.7.1.3. Jekk applikabbi, irid jiġi żgurat li sejħa TS11 mibgħuta mis-sistema TPS sejra ssir fl-ajru permezz ta' netwerk mobbli mhux pubbliku (jiġifieri ssimulat) u tingħadda lejn il-punt tat-test TPSP.

2.7.1.4. Il-punt tat-test TPSP irid ikun simulatur ta' punt tat-tweġib TPSP iddedikat taħt il-kontroll tas-servizz tekniku jew punt tat-tweġib TPSP ġenwin (huwa meħtieġ il-permess ta' TPSP).

2.7.1.5. Għal din il-proċedura hija rakkomandata kopertura tan-netwerk mobbli ta' tal-inqas – 99 dBm jew ekwivalenti.

## 2.7.2. Proċedura tan-Netwerk Mobbli Pubbliku

2.7.2.1. Irid jiġi żgurat li sejħa TS11 lil numru twil issir mis-sistema bbażata fuq il-112 (minnflok sejħa TS12) u ssir fl-ajru permezz ta' netwerk mobbli pubbliku u tingħadda lejn il-punt tat-test PSAP iddedikat.

2.7.2.2. Il-punt tat-test PSAP iddedikat matul il-proċeduri tat-test irid ikun simulatur tal-PSAP taħt il-kontroll tas-servizz tekniku, konformi mal-istandardi EN applikabbi u ċċertifikat skont EN 16454. Għandu jkun mgħammar b'interfaċċja tal-awdjo sabiex ikunu jistgħu jsiru testijiet tal-komunikazzjoni bil-vuċi.

2.7.2.3. Jekk applikabbi, irid jiġi żgurat li sejħa TS11 mibgħuta mis-sistema TPS issir fl-ajru permezz ta' netwerk mobbli pubbliku u tingħadda lejn il-punt tat-test TPSP.

2.7.2.4. Il-punt tat-test TPSP irid ikun simulatur ta' punt tat-tweġib TPSP iddedikat taħt il-kontroll tas-servizz tekniku jew punt tat-tweġib TPSP ġenwin (huwa meħtieġ il-permess ta' TPSP).

2.7.2.5. Għal din il-proċedura hija rakkomandata kopertura tan-netwerk mobbli ta' tal-inqas – 99 dBm jew ekwivalenti.

## 2.7.3. Proċedura tat-Trażmissjoni bil-Wajer Dirett

2.7.3.1. Irid jiġi żgurat li sejħa TS12 mibgħuta mis-sistema bbażata fuq il-112 issir biss permezz ta' konnessjoni bil-wajer dirett b'simulatur tan-netwerk iddedikat (li jevita kwalunkwe antenna tan-netwerk mobbli) u tingħadda lejn il-punt tat-test PSAP iddedikat.

2.7.3.2. Il-punt tat-test PSAP iddedikat matul il-proċeduri tat-test irid ikun simulatur tal-PSAP taħt il-kontroll tas-servizz tekniku, konformi mal-istandardi EN applikabbi u ċċertifikat skont EN 16454. Għandu jkun mgħammar b'interfaċċja tal-awdjo sabiex ikunu jistgħu jsiru testijiet tal-komunikazzjoni bil-vuċi.

2.7.3.3. Jekk dan ikun applikabbi, irid jiġi żgurat li sejħa TS11 mibgħuta mis-sistema TPS issir permezz ta' konnessjoni bil-wajer dirett b'simulatur tan-netwerk iddedikat (li jevita kwalunkwe antenna tan-netwerk mobbli) u tingħadda lejn il-punt tat-test TPSP iddedikat.

2.7.3.4. Il-punt tat-test TPSP irid ikun simulatur ta' punt tat-tweġib TPSP iddedikat taħt il-kontroll tas-servizz tekniku jew punt tat-tweġib TPSP ġenwin (huwa meħtieġ il-permess ta' TPSP).

## 2.8. Proċeduri ta' verifika għall-komponenti

2.8.1. Dawn il-proċeduri jridu jaġplikaw għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

2.8.1.1. Dawn il-proċeduri jaġplikaw wara li l-partijiet individwali jiġu soġġetti għat-test ta' deċellerazzjoni skont il-punt 2.3 ta' dan l-Anness.

2.8.2. Il-modulu ta' kontroll inklużi l-konnetturi tiegħu u l-faxx ta' wajers kif deskritti fil-punt 2.2.4 ta' dan l-Anness.

2.8.2.1. Ara li ma nqala' ebda konnettur tal-kejbils matul l-event.

2.8.2.2. Ir-rekiżi tal-prestazzjoni jridu jiġu vverifikati bit-twettiq ta' sejħa tat-test.

2.8.2.3. Qabel ma tagħmel is-sejħa tat-test, ara li:

- (a) is-sistema ta' eCall tirċievi sinjali (reali jew simulati) mill-GNSS sa ġertu punt li jirrappreżenta kundizzjonijiet ta' sema miftuħ;
- (b) is-sistema ta' eCall damet mixgħula biżżejjed sabiex tikseb il-pożizzjoni tagħha bil-GNSS;
- (c) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;
- (d) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;
- (e) ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-netwerk attiv; u
- (f) jekk applikabbi, is-sistema TPS hija diżattivata jew taqleb b'mod awtomatiku għas-sistema bbażata fuq il-112.

2.8.2.4. Agħmel sejħa tat-test (modalità “push”) billi tapplika skattatur skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

2.8.2.5. Ivverifika kull waħda minn dawn l-affarrijiet li ġejjin:

- (a) Ara li l-punt tat-test PSAP irċieva MSD. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li MSD mibgħut mis-sistema ta' eCall wara l-iskattatur ġie riċevut u dekowdjat b'suċċess. Jekk id-dekowdjar tal-MSD weħel fil-verżjoni tar-redundancy MSD rv0 iżda għadda fverżjoni ta' redundancy oħla jew f-modalitā ta' modulatur robust, kif definita f'ETSI/TS 126 267, dan huwa aċċettabbli.
- (b) Ara li l-MSD fi Kronogramma aġġornata. Dan għandu jkun verifikat b'rekord tat-test li l-kronogramma li tinsab fl-MSD riċevut mill-punt tat-test PSAP ma tiddevjax mill-ħin irrekordjat eż-żott tal-attivazzjoni tal-iskattatur b'iktar minn 60 sekonda. It-trażmissjoni tista' tiġi ripetuta jekk is-sistema ta' eCall ma tkunx kisbet pożizzjoni bil-GNSS qabel it-test.
- (c) Ara li l-MSD fi pożizzjoni preċiża u aġġornata. Dan għandu jkun verifikat skont il-Proċedura tat-Test tal-Pożizzjoni tal-Vettura kif definita fil-punt 2.5 permezz ta' rekord tat-test li juri li d-devjazzjoni bejn il-pożizzjoni tal-IVS u l-pożizzjoni vera,  $d_{IVS}$ , hija ta' inqas minn 150 metru u l-bit tal-kunfidenza mibgħuta lill-punt tat-test PSAP tindika “pożizzjoni tista' tiġi fdata”.

2.8.2.6. Ikklerja s-sejħa tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż- aqta').

2.8.3. L-antenna tan-netwerk mobbli inklużi l-konnetturi tiegħu u l-faxx ta' wajers kif deskritti fil-punt 2.2.4 ta' dan l-Anness.

2.8.3.1. Ara li ma nqala' ebda konnettura tal-kejbils matul l-event.

2.8.3.2. Kejjel il-proporzjon tal-mewġa wieqfa tal-vultaġġ, VSWR, tal-antenna tan-netwerk mobbli estern wara l-event ta' deċċellerazzjoni bi frekwenza li taqa' fi ħdan il-banda ta' frekwenzi spċifikata tal-antenna.

2.8.3.3. Il-kejl irid isir b'apparat li jkejjel l-enerġija, analizzatur tal-antenna jew apparat li jkejjel l-SWR fl-iktar punt qrib possibbli għall-punt tal-alimentazzjoni tal-antenna.

2.8.3.4. Jekk jintuża apparat li jkejjel l-enerġija, il-VSWR irid jiġi kkalkulat billi tintuża l-ekwazzjoni li ġejja:

$$\text{VSWR} = \frac{\sqrt{P_f} + \sqrt{P_r}}{\sqrt{P_f} - \sqrt{P_r}}$$

fejn:

$P_f$ : Enerġija mkejla bil-quddiem

$P_r$ : Enerġija mkejla b'lura/b'riffless

2.8.3.5. Ara li l-VSWR jissodisfa l-ispeċifikazzjoni stipulati mill-manifattur għal antenni ġoddha.

2.8.4. Il-provvista tal-enerġija (jekk mhijiex parti mill-modulu ta' kontroll) inklużi l-konnetturi tiegħu u l-faxx ta' wajers kif deskritti fil-punt 2.2.4 ta' dan l-Anness

2.8.4.1. Ara li ma nqala' ebda konnetturi tal-kejbils matul l-event.

2.8.4.2. Kejjel jekk il-vultaġġ jikkorrispondi għall-ispeċifikazzjoni tal-manifattur.

---

## ANNESS II

**Valutazzjoni tat-testijiet tal-impatt fuq skala sħiħa**

## 1. Rekwiżiti

## 1.1. Ir-rekwiżiti marbutin mal-prestazzjoni

1.1.1. Il-valutazzjoni tal-impatt fuq skala sħiħa tal-vetturi b'sistemi ta' eCall minn ġol-vettura installati, imwettqin skont il-punt 2, għandhom jitqiesu li huma sodisfaċenti jekk jintwera li ntlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin wara l-impatt.

1.1.2. Skattar awtomatiku: Is-sistema ta' eCall għandha tibda eCall b'mod awtomatiku wara impatt skont ir-Regolament tan-NU Nru 94 (Anness 3) kif ukoll ir-Regolament tan-NU Nru 95 (Anness 4), kif applikabbli.

1.1.3. Indikazzjoni tal-istatus tas-sejħa: Is-sistema ta' eCall trid tgħarraf lill-okkupanti dwar l-istatus attwali tal-eCall (indikatur tal-istatus) billi tuża sinjal viżwali u/jew awdjo.

1.1.4. Emissjoni u kkonċidj tat-MSD: Is-sistema ta' eCall għandha tkun kapaċi tittrażżmetti MSD b'suċċess lil punt tat-test PSAP permezz tan-netwerk mobbli.

1.1.5. Determinazzjoni tad-dejta spċċifika għall-vettura: Is-sistema ta' eCall għandha tkun kapaċi timla bi preċiżjoni l-entrati tad-dejta obbligatorji spċċifici għall-vettura tal-MSD.

1.1.6. Determinazzjonijiet tal-lokazzjoni: Is-sistema ta' eCall trid għandha kapaċi tiddetermina fejn tinsab bl-eżatt il-vettura.

## 2. Proċedura tat-test

## 2.1. L-għan tal-proċedura tat-test tal-impatt fuq skala sħiħa

L-iskop ta' dan it-test huwa li jivverifika l-funzjoni ta' skattar awtomatiku u l-funzjonalità sostnuta tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 f'vetturi li huma soġġetti għal impatt fuq quddiem jew impatt fil-ġenb.

2.2. It-testijiet li ġejjin iridu jsiru fuq vettura b'sistema ta' eCall minn ġol-vettura installata.

## 2.3. Proċedura tat-test tal-impatt

2.3.1. It-testijiet tal-impatt għandhom isiru skont it-testijiet definiti mill-Anness 3 għar-Regolament tan-NU Nru 94 għal impatt fuq quddiem kif ukoll l-Anness 4 għar-Regolament tan-NU Nru 95 għal impatt fil-ġenb, kif applikabbli.

2.3.2. Japplikaw il-kundizzjonijiet tat-test definiti fir-Regolament tan-NU Nru 94 jew ir-Regolament tan-NU Nru 95.

2.3.3. Qabel ma tagħmel it-testijiet tal-impatt, ara li:

- (a) is-sors tal-elettriku ġol-vettura, jekk ikun installat għat-test, huwa ċċarġjat skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur fil-bidu tat-test sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ta' verifikasi ta' wara;
- (b) l-eCall awtomatika tkun attivata u lesta biex taħdem u li s-swiċċi tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat;
- (c) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;
- (d) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;
- (e) ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-netwerk attiv; u
- (f) jekk applikabbli, is-sistema TPS hija diżattivata jew taqleb b'mod awtomatiku għas-sistema bbażata fuq il-112.

## 2.4. Proċedura ta' verifikasi

2.4.1. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni jridu jiġu vverifikati bit-twettiq ta' sejħa tat-test mill-vettura wara l-impatt bl-użu tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112: eCall skattata b'mod awtomatiku wara t-test tal-impatt.

2.4.2. Aġħmel sejħa tat-test (modalitā "push") billi tapplika skattatur awtomatiku.

**2.4.3.** Ivverifika kull waħda minn dawn l-affarijet li ġejjin f'tal-inqas waħda mis-sejħiet tat-test:

- (a) Ara li eCall skattat b'mod awtomatiku wara l-event tal-impatt fuq skala sħiħa. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva sinjal ta' bidu ta' eCall wara l-event tal-impatt u li l-indikatur tal-kontroll tal-MSD ġie ssettjat għal "eCall mibdija b'mod awtomatiku".
- (b) Ara li l-indikatur tal-istatus tal-eCall indika sekwenza ta' eCall wara l-iskattar awtomatiku jew manwali. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord li juri li saret sekwenza ta' indikazzjoni fuq il-kanali sensorji kollha spċifikati fid-dokumentazzjoni tal-manifattur (viżwali u/jew awdjo).
- (c) Ara li l-punt tat-test PSAP irċieva MSD. Dan għandu jkun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li MSD mibgħut mill-vettura wara l-iskattatur awtomatiku jew manwali ġie riċevut u dekowdja b'suċċess. Jekk id-dekowdjar tal-MSD weħel fil-verżjoni tar-redundancy MSD rv0 iżda għadda fverżjoni ta' redundancy oħġla jew f'modalitā ta' modulatur robust, kif definita f'ETSI/TS 126 267, dan huwa aċċettabbli.
- (d) Ara li l-MSD kien fih dejta preċiża spċifikata għall-vettura. Dan irid ikun verifikat permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li l-informazzjoni mibgħuta fl-entrati rigward it-tip ta' vettura, in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) u t-tip ta' ħżin tal-propulsjoni tal-vettura mhijiex differenti mill-informazzjoni spċifikata fl-applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip.
- (e) Ara li l-MSD fih pożizzjoni preċiża u aġġornata. Dan għandu jkun verifikat skont il-Proċedura tat-Test tal-Pożizzjoni tal-Vettura kif definita fil-punt 2.5 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament permezz ta' rekord tat-test li juri li d-devjazzjoni bejn il-pożizzjoni tal-IVS u l-pożizzjoni vera, d\_IVS, hija ta' inqas minn 150 metru u l-bit tal-kunsidenza mibgħuta lill-punt tat-test PSAP tindika "pożizzjoni tista' tiġi fdata". Jekk ma jkun hemm ebda sinjal tal-GNSS disponibbli fejn ikun sejjer issir it-test tal-impatt, il-vettura tista' tittieħed f'post xiera qabel ma ssir is-sejħa tat-test.

**2.4.4.** Ikklerja s-sejħa tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

**2.4.5.** Jekk is-sejħa awtomatika tat-test ma tistax issir b'suċċess minħabba fatturi esterni għall-vettura, għandu jkun permessibbli li jiġi verifikat l-iskattatur awtomatiku wara l-impatt permezz tal-funzjoni interna tat-tranżazzjoni tar-rekord tas-sistema ġol-vettura. Dan ir-reġistru għandu jkun kapaċi jaħżeen is-sinjal tal-iskattatur riċevuti f'memorja mhux volatili. L-inġinier tat-test irid ikollu aċċess għad-dejta maħżuna fis-sistema ġol-vettura u jrid jara li l-ebda rekord tas-sinjal tal-iskattatur awtomatiku ma jkun maħżun qabel l-event tal-impatt u li rekord ta' sinjal tal-iskattatur jinħażen wara l-event tal-impatt.

**2.4.6.** Jekk is-sejħa tat-test saret bil-vettura mqabbda ma' provvista tal-enerġija barra mill-vettura (f'każiġiet li fihom it-test tal-impatt ikun twettaq bil-provvista tal-enerġija tal-vettura standard mhux installata), ara li s-sistema elettrika abbord li tħalli lis-sistema ta' eCall minn ġol-vettura baqgħet sħiħa. Dan għandu jkun verifikat minn rekord ta' inġinier tat-test li jikkonferma verifikasi b'suċċess tal-integrità tas-sistema elettrika abbord inkluż is-sors tal-enerġija finta ġol-vettura (spezzjoni viżwali għal ħsara mekkanika fil-brekit tal-immuntar tas-sors tal-enerġija jew l-istruttura tiegħu) u l-konnessjonijiet permezz tat-test tal-terminali tiegħu.

**2.5. Proċedura tat-test tal-pożizzjoni**

Tapplika l-proċedura tat-test tal-pożizzjoni definita fil-punt 2.5 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

**2.6. Proċedura tat-test tal-antenna**

**2.6.1.** Jekk il-proċedura ta' konnessjoni applikata għas-sejħa tat-test ma użatx it-trażmissjoni tad-dejta fl-ajru (punt 2.7.3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament), il-funzjonalità sostnuta tal-antenna tan-netwerk mobbli trid tiġi verifikata billi jiġi verifikat l-istatus tal-issettjar tal-antenna wara t-test tal-impatt fuq skala sħiħa skont il-proċedura definita fil-punt 2.6 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, irid jiġi verifikat li ma jkun sejjh ebda ksur ta' xi wajer jew xort fiċ-ċirkwit tal-linja ta' alimentazzjoni tal-antenna billi tiġi verifikata r-reżistenza elettrika bejn il-punti ta' tmiem tal-wajer u bejn il-wajer u l-art tal-vettura.

**2.7. Il-proċeduri ta' konnessjoni**

Japplikaw il-proċeduri tal-konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

## ANNESS III

**Reżistenza tat-tagħmir tal-awdjo għall-ħabtiet**

## 1. Rekwiżiti

## 1.1. Ir-rekwiżiti marbutin mal-prestazzjoni

1.1.1. Il-valutazzjoni tar-reżistenza għall-ħabtiet tat-tagħmir tal-awdjo tal-eCall tal-vetturi li fihom hemm installati sistemi ta' eCall minn ġol-vettura, imwettqin skont il-punt 2, għandhom jitqiesu li huma sodisfaċenti jekk jintwera li ntlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin wara l-impatt fir-rigward tat-test tal-impatt fuq quddiem kif ukoll it-test tal-impatt fil-ġenb, kif applikabbli.

1.1.2. Tqabbiż mill-ġdid tat-tagħmir tal-awdjo: Is-sistema ta' eCall għandha terġa' tqabbad il-loudspeaker(s) u l-mikrofonu/i wara li dawn ikunu nqalgħu matul eCall għat-trażmissjoni ta' MSD.

1.1.3. Komunikazzjoni bil-vuċi: Is-sistema ta' eCall trid tippermetti li ssir komunikazzjoni bil-vuċi handsfree (direzzjoni tat-trażmissjoni u tar-riċeżżjoni) b'biżżejjed intelliġibilità bejn l-okkupanti tal-vettura u operatur.

## 2. Proċedura tat-test

## 2.1. L-għan tal-proċedura tat-test tar-reżistenza tat-tagħmir tal-awdjo għall-ħabtiet

L-iskop ta' dan it-test huwa li jivverifika li l-loudspeaker(s) u l-mikrofonu/i jerġgħu jitqabbd b'suċċess wara li jinqalgħu għat-trażmissjoni ta' MSD u li t-tagħmir tal-awdjo baqa' jaħdem wara li l-vettura tkun għiet soġġetta għat-test tal-impatt fuq quddiem jew tal-impatt fil-ġenb.

2.2. It-test tal-verifikasi li ġej għandu jsir fuq vettura bis-sistema ta' eCall installata ġol-vettura li tkun għiet soġġetta għal impatt fuq skala sħiħa skont l-Anness 3 għar-Regolament Nru 94 għal impatt fuq quddiem jew l-Anness 4 għar-Regolament tan-NU Nru 95 għal impatt fil-ġenb, kif inhu stipulat fil-punt 1.1.1 iktar 'il fuq.

## 2.3. Ħarsa ġenerali lejn il-proċedura tat-test

2.3.1. Il-funzjonalità sostnuta tat-tagħmir tal-awdjo trid tiġi verifikata bit-twettiq ta' sejħa tat-test wara t-test tal-impatt u l-użu tal-kanal ta' komunikazzjoni bil-vuċi bejn il-vettura u l-punt tat-test PSAP.

2.3.2. Żewġ inginera tat-test, wieħed fil-vettura (tester tal-punt qrib) u l-ieħor fil-punt tat-test PSAP (tester tal-punt imbiegħed) rispettivam, jibagħtu wieħed wara l-ieħor (qari u smiġħ) sentenzi predefiniti bbilançjati fonetikament f'modalitā ta' kelliem wieħed.

2.3.3. It-testers iridu jivvalutaw jekk kinux kapaċi jifhmu t-tifsira tat-trażmissjoni fid-direzzjonijiet tat-trażmissjoni u r-riċeżżjoni.

## 2.4. L-arranġament tat-testers

2.4.1. It-test irid isir f'ambjent kwiet, b'livell ta' storbju ta' sfond ta' mhux iktar minn 50 dB(A), u ħieles minn kwalunkwe sors ta' storbju li jista' jxekkel it-testijiet.

2.4.2. It-tester tal-punt qrib irid ikun f'pożizzjoni tali li rasu tkun qrib pożizzjoni normali bil-qiegħda fuq is-sit tas-sewwieq tal-vettura impattata. It-tester irid juża t-tagħmir tal-awdjo ta' ġol-vettura fl-arranġament oriġinali.

2.4.3. It-tester tal-punt imbiegħed irid joqgħod lil hinn mill-vettura, 'il bogħod biżżejjed sabiex ma jkunx jista' jifhem lit-tester l-ieħor b'volum normali mingħajr l-għajnejha tat-tester l-ieħor.

## 2.5. L-arranġament tat-test

## 2.5.1. Qabel ma tagħmel is-sejħa tat-test, ara li:

(a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manfattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;

(b) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;

- (c) ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-netwerk attiv;
- (d) jekk applikabbi, is-sistema TPS hija diżattivata jew sejra taqleb b'mod awtomatiku għas-sistema bbażata fuq il-112; u
- (e) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll princiċiali tal-vettura huwa attivat.

2.5.2. Meta jkun possibbli li jiġi adattat is-setting tal-volum, għandu jintgħażel l-ogħla setting tal-kontroll tal-volum fid-direzzjoni ta' trażmissjoni u riċezzjoni fil-punt qrib u l-punt imbiegħed. L-issettjar tal-kontroll tal-volum fil-punt imbiegħed jista' jitnaqqas matul it-test, jekk dan ikun meħtieġ għal fehim aħjar.

2.5.3. Jekk dan ikun possibbli, ma għandhomx jintgħażlu netwerks mobbli li għandhom influwenza fuq il-prestazzjoni tal-handsfree (eż. eku, AGC, tnaqqis tal-istorju, eċċ.). Għal netwerks simuli, jekk possibbli, id-DTX għandu jintefha, għandu jintuża l-kodek tar-rata sħiħa (għal standard GSM) u għandha tintuża l-ogħla rata ta' bits ta' 12.2 kbit/s (għal kodiċijiet AMR).

## 2.6. Sejħa tat-test

2.6.1. Agħmel sejħa tat-test (modalità "push") billi tapplika skattatur manwali permezz tal-HMI ġol-vettura u stenna sakemm il-loudspeaker(s) u l-mikrofonu/i jerġġi jitqabbd għal komunikazzjoni bil-vuċi wara li titlesta t-trażmissjoni tal-MSD.

### 2.6.2. Skambju ta' messaġġi tat-test

#### 2.6.2.1. Id-direzzjoni tar-riċezzjoni

2.6.2.1.1. It-tester tal-punt imbiegħed irid jagħżel u jaqra par wieħed ta' sentenzi mil-lista pprovduta fl-Appendiċi. It-tester irid jaqra s-sentenzi f'volum normali li jintuża fit-telefonati.

2.6.2.1.2. It-tester tal-punt qrib irid jivaluta jekk it-trażmissjoni bil-vuċi fid-direzzjoni tar-riċezzjoni kinitx tinfiehem: It-test fid-direzzjoni tar-riċezzjoni jghaddi jekk it-tester tal-punt qrib, mistrieh fil-pożizzjoni bilqiegħda originali tiegħi, irnexxielu, bi kwalunkwe sforz fattibbli, jifhem it-tifsira shiha tat-trażmissjoni.

2.6.2.1.3. Jekk ikun hemm bżonn hekk għall-valutazzjoni, it-tester tal-punt qrib jista' jitlob lit-tester tal-punt imbiegħed jibgħat pari ta' sentenzi addizzjonali.

#### 2.6.2.2. Id-direzzjoni tat-trażmissjoni

2.6.2.2.1. It-tester tal-punt qrib irid jagħżel u, filwaqt li jkun mistrieħ fil-pożizzjoni oriġinali bilqiegħda tiegħi, jaqra par wieħed ta' sentenzi mil-lista pprovduta fl-Appendiċi. It-tester irid jaqra s-sentenzi f'volum normali li jintuża fit-telefonati.

2.6.2.2.2. It-tester tal-punt imbieghed irid jivaluta jekk it-trażmissjoni bil-vuċi fid-direzzjoni tat-trażmissjoni kinitx tinfiehem: It-test fid-direzzjoni tat-trażmissjoni jghaddi jekk it-tester tal-punt imbieghed irnexxielu, bi kwalunkwe sforz fattibbli, jifhem it-tifsira shiha tat-trażmissjoni.

2.6.2.2.3. Jekk ikun hemm bżonn hekk għall-valutazzjoni, it-tester tal-punt imbiegħed jista' jitlob lit-tester tal-punt qrib jibgħat pari ta' sentenzi oħrajn.

2.6.3. Ikklerja s-sejħa tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

2.6.4. Jekk ir-rekwiżiti ma jistgħux jiġi ssodisfati minħabba xkiel dovut għall-punt tat-test PSAP jew il-mezz tat-trażmissjoni, is-sejħa tat-test tista' terġa' ssir, jekk ikun hemm bżonn f'ambjent tat-test adattat.

## 2.7. Il-proċeduri ta' konnessjoni

2.7.1. Japplikaw il-proċeduri tal-konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

## Appendiċi

**Sentenzi tat-test**

1. Il-pari ta' sentenzi tat-test li ġejjin, kif definiti f'ITU-T p. 501, Anness B, għandhom jintużaw għall-iskambju tal-messaġġi b'test fid-direzzjonijiet tat-trażmissjoni u r-riċezzjoni.
2. Mil-lista ta' hawn taħt għandhom jintgħaż lu l-pari ta' sentenzi tat-test fil-lingwa mitkellma l-iktar mit-testers. Jekk it-testers mhumiex midħla ta' xi waħda mil-lingwi, għandhom jintużaw sentenzi alternattivi fl-lingwa familjari, idealment ibbilanċjati fonetikament.
3. Pari ta' sentenzi tat-test

## 3.1. Olandiż

- (a) Dit product kent nauwelijks concurrentie.

Hij kende zijn grens niet.

- (b) Ik zal iets over mijn carrière vertellen.

Zijn auto was alweer kapot.

- (c) Zij kunnen de besluiten nehmen.

De meeste mensen hadden het wel door.

- (d) Ik zou liever gaan lopen.

Willem gaat telkens naar buiten.

## 3.2. Ingliż

- (a) These days a chicken leg is a rare dish.

The hogs were fed with chopped corn and garbage.

- (b) Rice is often served in round bowls.

A large size in stockings is hard to sell.

- (c) The juice of lemons makes fine punch.

Four hours of steady work faced us.

- (d) The birch canoe slid on smooth planks.

Glue the sheet to the dark blue background.

## 3.3. Finlandiż

- (a) Ole ääneti tai sano sellaista, joka on parempaa kuin vaikeneminen.

Suuret sydämet ovat kuin valtameret, ne eivät koskaan jäädy.

- (b) Jos olet vasara, lyö kovaa. Jos olet nauha, pidä pääsi pystyssä.

Onni tulee eläen, ei ostaaen.

- (c) Rakkaus ei omista mitään, eikä kukaan voi sitä omistaa.

Naisen mieli on puhtaampi, hän vaihtaa sitä useammin.

- (d) Sydämellä on syynsä, joita järki ei tunne.

On opittava kärsimään voidakseen elää.

### 3.4. Franċiż

- (a) On entend les gazouillis d'un oiseau dans le jardin.  
La barque du pêcheur a été emportée par une tempête.
- (b) Le client s'attend à ce que vous fassiez une réduction.  
Chaque fois que je me lève ma plaie me tire.
- (c) Vous avez du plaisir à jouer avec ceux qui ont un bon caractère.  
Le chevrier a corné pour rassembler ses moutons.
- (d) Ma mère et moi faisons de courtes promenades.  
La poupée fait la joie de cette très jeune fille.

### 3.5. Ġermaniż

- (a) Zarter Blumenduft erfüllt den Saal.  
Wisch den Tisch doch später ab.
- (b) Sekunden entscheiden über Leben.  
Flieger lockt nicht nur die Bienen.
- (c) Gegen Dummheit ist kein Kraut gewachsen.  
Alles wurde wieder abgesagt.
- (d) Überquere die Strasse vorsichtig.  
Die drei Männer sind begeistert.

### 3.6. Taljan

- (a) Non bisogna credere che sia vero tutto quello che dice la gente. Tu non conosci ancora gli uomini, non conosci il mondo.  
Dopo tanto tempo non ricordo più dove ho messo quella bella foto, ma se aspetti un po' la cerco e te la prendo.
- (b) Questo tormento durerà ancora qualche ora. Forse un giorno poi tutto finirà e tu potrai tornare a casa nella tua terra.  
Lucio era certo che sarebbe diventato una persona importante, un uomo politico o magari un ministro. Aveva a cuore il bene della società.
- (c) Non bisogna credere che sia vero tutto quello che dice la gente tu non conosci ancora gli uomini, non conosci il mondo.  
Dopo tanto tempo non ricordo più dove ho messo quella bella foto ma se aspetti un po' la cerco e te la prendo.
- (d) Questo tormento durerà ancora qualche ora. Forse un giorno poi tutto finirà e tu potrai tornare a casa nella tua terra.  
Lucio era certo che sarebbe diventato una persona importante, un uomo politico o magari un ministro, aveva a cuore il bene della società.

### 3.7. Pollakk

- (a) Pielegniarki były cierpliwe.  
Przebiegał szybko przez ulice.
- (b) Ona była jego sekretarką od lat.  
Dzieci często płaczą kiedy są głodne.

(c) On był czarującą osobą.

Lato wreszcie nadeszło.

(d) Większość dróg było niezmiernie zatłoczonych.

Mamy bardzo entuzjastyczny zespół.

### 3.8. Spanjol

(a) No arroje basura a la calle.

Ellos quieren dos manzanas rojas.

(b) No cocinaban tan bien.

Mi afeitadora afeita al ras.

(c) Ve y siéntate en la cama.

El libro trata sobre trampas.

(d) El trapeador se puso amarillo.

El fuego consumió el papel.

---

## ANNESS IV

**Il-koeżistenza ta' servizzi ta' partijiet terzi (TPS) mas-sistemi ta' eCall minn ġol-vettura bbażati fuq il-112**

## 1. Rekwiżiti

1.1. Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għal sistemi ta' eCall minn ġol-vettura bbażati fuq il-112, STUs u (mhux bilfors għal) komponenti li għandhom jintużaw flimkien ma' sistema ta' eCall TPS minn ġol-vettura.

## 1.2. Ir-rekwiżiti marbutin mal-prestazzjoni

1.2.1. Is-sistema bbażata fuq il-112 għandha tiġi diżattivata diment li s-sistema TPS tkun attiva u taħdem.

1.2.2. Is-sistema bbażata fuq il-112 għandha tiskatta awtomatikament fkaż li s-sistema TPS tiskatta iżda ma taħdimx.

## 1.3. Rekwiżiti marbutin mad-dokumentazzjoni

1.3.1. Il-manifattur irid jipprovi spiegazzjoni lis-servizz tekniku dwar id-dispożizzjonijiet marbutin mad-disinn inkorporati fis-sistema TPS sabiex jiġi żgurat l-iskattar awtomatiku tas-sistema bbażata fuq il-112 ("proċedura ta' riżerva") fkaż li s-sistema TPS ma taħdimx. Din id-dokumentazzjoni trid tiddeskrivi l-prinċipji tal-mekkaniżmu ta' bidla.

1.3.2. Id-dokumentazzjoni trid tkun sostnuta minn analiżi li turi li, f'termini ġenerali, kwalunkwe kundizzjoni li fiha ma jaħdimx hardwer jew softwer li tirriżulta finabilità tas-sistema TPS sabiex tagħmel sejħa b'suċċess u kif is-sistema TPS sejra ġġib ruħha meta jseħħu t-tali kundizzjoni tat-tip.

Din tista' tkun ibbażata fuq Analiżi tal-Modalità ta' Ħsara u l-Effett (FMEA — "Failure Mode and Effect Analysis"), Analiżi tas-Siġra tal-Ħsarat (FTA — "Fault Tree Analysis") jew kwalunkwe proċess simili xieraq kif miftiehem bejn is-servizz tekniku u l-manifattur.

Il-metodu(i) analitiku(c) magħżul(a) għandu(hom) jiġi(u) stabbilit(i) u miżimum(a) mill-manifattur u għandu(hom) jkun(u) disponibbli għal spezzjoni mis-servizz tekniku fi żmien l-approvazzjoni tat-tip.

## 2. Proċedura tat-test

## 2.1. L-għan tal-proċedura tat-test tal-koeżistenza ma' TPS

L-għan ta' din il-proċedura tat-test huwa li tivverifika għas-sistemi ta' eCall minn ġol-vettura li għandhom jintużaw flimkien ma' sistema ta' TPS ta' eCall minn ġol-vettura, li hemm sistema waħda biss attiva u li s-sistema bbażata fuq il-112 tiskatta b'mod awtomatiku fkaż li ma taħdimx is-sistema TPS.

2.2. It-testijiet li ġejjin iridu jsiru fuq vettura b'sistema ta' eCall minn ġol-vettura installata jew fuq arranġament rappreżentattiv tal-partijiet.

2.3. Id-diżattivazzjoni tas-sistema bbażata fuq il-112 filwaqt li tkun attiva s-sistema TPS għandha tkun verifikata bit-twettiq ta' sejħa tat-test skattata b'mod manwali.

2.3.1. Qabel ma tagħmel is-sejħa tat-test, ara:

(a) li waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;

(b) li l-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;

(c) li l-punt tat-test TPSP huwa disponibbli sabiex jirċievi sejħa li ġejja mis-sistema TPS;

(d) li ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-netwerk attiv; u

(e) li s-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat.

2.3.2. Aghħmel sejħa tat-test billi tapplika skattatur manwali tas-sistema TPS (modalità "push").

2.3.3. Ara:

- (a) li ġiet stabbilita sejħa mal-punt tat-test TPSP permezz ta' rekord tal-punt tat-test TPSP li juri li rċieva sinjal ta' tnedja ta' sejħa jew permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċi mal-punt tat-test TPSP; u
- (b) li ma ġiet ippruvata u lanqas ma ġiet stabbilita ebda eCall mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li ma rċeviex sinjal ta' bidu ta' eCall.

2.3.4. Ikklerja s-sejħa tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

2.3.5. Jekk it-tentattiv tas-sejħa tas-sistema TPS ma jirnexx matul it-test, il-proċedura tat-test tista' terġa' ssir.

2.4. Il-proċedura ta' riżerva għandha tkun verifikata bit-twettiq ta' sejħa tat-test skattata b'mod manwali għal punt tat-test PSAP iddedikat f'kundizzjoni li fiha ma taħdimx is-sistema TPS.

2.4.1. Immodifika s-sistema TPS sabiex tissimula īxsara, magħżula bid-diskrezzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li għandha tirriżulta fi proċedura ta' riżerva fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni pprovdu mill-manfattur.

2.4.2. Qabel ma tagħmel is-sejħa tat-test, ara:

- (a) li waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manfattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;
- (b) li l-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;
- (c) li ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-netwerk attiv; u
- (d) li s-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat.

2.4.3. Aġħmel sejħa tat-test billi tapplika skattatur manwali tas-sistema TPS (modalità "push").

2.4.4. Ara li ġiet stabbilita eCall mis-sistema bbażata fuq il-112 permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva sinjal ta' tnedja ta' eCall.

2.4.5. Ikklerja s-sejħa tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').

2.5. Il-proċeduri ta' konnessjoni

Japplikaw il-proċeduri tal-konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

---

## ANNESS V

**Mekkaniżmu ta' skattar awtomatiku**

## 1. Rekwiżiti

1.1. Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għal vetturi mgħammra b'sistemi ta' eCall minn ġol-vettura.

## 1.2. Rekwiżiti marbutin mad-dokumentazzjoni

- 1.2.1. Il-manifattur irid jipprovdik dikjarazzjoni li tikkonferma l-istratēġija magħżula sabiex tiskatta eCall awtomatika li tiżgura l-iskattar anki fkonfigurazzjonijiet ta' aċċidenti li ma jkunux l-istess u/jew inqas serji mill-ħabtiet simulati fit-testijiet ta' ħabta fuq skala sħiħa applikabbli fir-Regolament tan-NU Nru 94 u r-Regolament tan-NU Nru 95.
- 1.2.2. Il-manifattur irid jagħżel it-tipoloġija u s-severità tal-ħabta u sejjer juri li din hija ferm differenti mit-testijiet ta' ħabta fuq skala sħiħa.
- 1.2.3. Il-manifattur irid jipprovdik lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip bi spjegazzjoni u dokumentazzjoni teknika li turi kif din tinkiseb b'mod ġenerali.

1.2.3.1. Dokumentazzjoni li turi, għas-sodisfazzjon tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, li l-attivazzjoni tas-sistemi ta' trażżeen supplimentari u l-livell ta' serjetà, magħżulin bid-diskrezzjoni tal-manifattur, jindu eCall ukoll, għandha titqies sodisfaċenti.

1.2.3.2. Dokumentazzjoni li turi, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, l-istratēġija għall-prevenzjoni ta' eCalls mhux iġġustifikati fil-każ ta' impatti ta' livell ta' serjetà li ma jitqiesx li huwa aċċident serju. Barra minn hekk, trid tīgi pprovduta analiżi tal-modalitā ta' ħsara li turi li kwalunkwe ħsara fħardwer jew softwer ma tirriżultax fl-iskattar awtomatiku ta' eCall.

1.2.3.3. Tpingiġiet tal-ispeċifikazzjoni tal-unitajiet ta' kontroll tal-airbags, noti tad-dejta tal-ispeċifikazzjoni, tpingiġiet tas-sensittività, dijagrammi taċ-ċirkwiti rilevanti jew dokumenti simili meqjusin ekwivalenti mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ikunu mezzi xierqa sabiex tintwera din il-konnessjoni.

1.2.3.4. Il-pakkett ta' dokumentazzjoni estiża għandu jibqa' strettament kunsidenzjali. Dan jista' jinżamm mill-awtorità tal-approvazzjoni, jew, bid-diskrezzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni, mill-manifattur. Fil-każ li l-pakkett ta' dokumentazzjoni jinżamm mill-manifattur, il-pakkett għandu jiġi identifikat u datat mill-awtorità tal-approvazzjoni wara li jiġi rivedut u approvat. Għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtorità tal-approvazzjoni fiż-żmien tal-approvazzjoni jew f'kull żmien li fis-ħalli tkun valida.

## ANNESS VI

**Rekwiżiti tekniċi għall-kompatibilità tas-sistemi ta' eCall minn ġol-vettura mas-servizzi ta' pożizzjoni pprovduți mis-sistemi Galileo u EGNOS**

1. Rekwiżiti

1.1. Rekwiżiti marbutin mal-kompatibilità

1.1.1. Il-“kompatibilità tas-sistema Galileo” trid tkun: ir-riċezzjoni u l-ipproċessar tas-sinjal mis-Servizz Miftuħ tal-Galileo, billi jintuża fil-kalkolu tal-pożizzjoni finali.

1.1.2. Il-“kompatibilità tas-sistema EGNOS” trid tkun: ir-riċezzjoni tal-korrezzjonijiet mis-Servizz Miftuħ ta’ EGNOS u l-applikazzjoni tiegħu għas-sinjal tal-GNSS, b'mod partikolari l-GPS.

1.1.3. Il-kompatibbiltà tas-sistemi ta’ eCall minn ġol-vettura mas-servizzi ta’ pożizzjonament pprovduți mis-sistemi Galileo u EGNOS għandha tkun konformi fir-rigward tal-kapaċitajiet ta’ pożizzjonament fit-taqṣima 1.2 u murija bit-twettiq tal-metodi ta’ ttestjar fit-taqṣima 2.

1.1.4. Il-proċeduri ta’ ttestjar fit-taqṣima 2.2 jistgħu jsiru jew fuq l-unità eCall inkluha l-ħila ta’ wara l-ipproċessar jew inkella direttament fuq ir-riċevitur tal-GNSS li huwa parti mill-eCall.

1.2. Ir-rekwiżiti marbutin mal-prestazzjoni

1.2.1. Ir-riċevitur tal-GNSS għandu jkun kapaċi jipprovd i-soluzzjoni tan-navigazzjoni fformat tal-protokoll NMEA-0183 (messaġġ RMC, GGA, VTG, GSA u GSV). L-issettjar ta’ eCall għall-forniment ta’ messaġġi NMEA-0183 irid ikun spjegat fil-manwal operazzjonali.

1.2.2. Ir-riċevitur tal-GNSS li huwa parti mill-eCall għandu jkun kapaċi jirċievi u jipproċessa sinjal individwali tal-GNSS fbanda L1/E1 minn tal-inqas żewġ sistemi globali ta’ navigazzjoni bis-satellita.

1.2.3. Ir-riċevitur tal-GNSS li huwa parti mill-eCall għandu jkun kapaċi jirċievi u jipproċessa sinjal kombinati tal-GNSS fbanda L1/E1 minn tal-inqas żewġ sistemi globali ta’ navigazzjoni bis-satellita. u SBAS.

1.2.4. Ir-riċevitur tal-GNSS li huwa parti mill-eCall għandu jkun kapaċi jipprovd informazzjoni dwar il-pożizzjonament fsistema ta’ koordinati tal-WGS-84.

1.2.5. L-iżball fil-pożizzjoni orizzontali ma għandux ikun iktar minn:

- fkundizzjonijiet ta’ sema miftuħ: 15-il metru bi probabilità ta’ 0,95 b'Dilwizzjoni tal-Preċiżjoni tal-Pożizzjoni (PDOP — “Position Dilution of Precision”) fil-medda ta’ bejn 2,0 sa 2,5;

- fkundizzjonijiet ta’ canyoni urbani: 40 metru bi probabilità ta’ 0,95 b'Dilwizzjoni tal-Preċiżjoni tal-Pożizzjoni (PDOP — “Position Dilution of Precision”) fil-medda ta’ bejn 3,5 sa 4,0;

1.2.6. Ir-rekwiżiti speċifikati għall-preċiżjoni jridu jkunu pprovdu:

- b'medda ta’ velocitàjiet ta’ bejn 0 u [140] km/siegħa;

- medda ta’ aċċelerazzjoni linear ta’ bejn 0 u [2] G.

1.2.7. Il-ħin tal-istartjar kiesaħ sal-ewwel kisba ta’ pożizzjoni ma għandux jaqbeż

- is-60 sekonda għat-tbaxxija tal-livell tas-sinjal għal nieqes 130 dBm;

- it-300 sekonda għat-tbaxxija tal-livell tas-sinjal għal nieqes 140 dBm;

1.2.8. Il-ħin għar-riakkwiżjoni tas-sinjal tal-GNSS wara l-ibblokkjar ta’ 60 sekondi b'livell tas-sinjal imnaqqas għal nieqes 130 dBm ma għandux jaqbeż l-20 sekonda wra l-irkupru tal-viżibilità tas-satellita tan-navigazzjoni.

- 1.2.9. Is-sensittivit  fl-input tar-ri evitur g andha tkun:
- Id-detezzjoni tas-sinjali tal-GNSS (startjar kies ) ma g andhiex ta qbe z it-3 600 sekonda b livell tas-sinjali fuq l-input tal-antenna tal-eCall ta  nieqes 144 dBm;
  - Il-kalkolu tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni u l-intra  ar tas-sinjali tal-GNSS huwa disponibbli g hal tal-inqas 600 sekonda b livell tas-sinjali fuq l-input tal-antenna tal-eCall ta  nieqes 155 dBm;
  - Ir-riakkwi izzjoni tas-sinjali tal-GNSS u l-kalkolu tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni huma possibbli u ma jaqb ux is-60 sekonda b livell tas-sinjali fuq l-input tal-antenna tal-eCall ta  nieqes 150 dBm.
- 1.2.10. Ir-ri evitur tal-GNSS g andu jkun kapa i jikseb pożizzjoni tal-inqas kull sekonda.

## 2. Metodi tat-test

### 2.1. Kundizzjonijiet tat-test

- 2.1.1. L- ogg et tat-test huwa l-eCall, li t inkludi ri evitur tal-GNSS u antenna tal-GNSS, bl-ispe ificazzjoni tal-karat erist ici u l-funzjonijiet tan-navigazzjoni tas-sistema ttestjata.
- 2.1.2. In-numru ta  kampjuni tat-test tal-eCall g andu jkun tal-inqas 3 bi  iet u jista  ji i ttestjat b mod parallel.
- 2.1.3. L-eCall hija pprovuta g hat-test bis-SIM-card installata, manwal operazzjonal u s-softwer (iprovud fuq mezz elettroniku).
- 2.1.4. Id-dokumenti mehm użin g andu jkun fihom id-dejta li  ejja:
- numru tas-serje tal-apparat;
  - il-ver joni tal-hardwer;
  - il-ver joni tas-softwer;
  - in-numru ta  identifikazzjoni tal-fornitur tal-apparat;
  - id-dokumentazzjoni teknika rilevanti sabiex isiru t-testijiet.
- 2.1.5. It-testijiet jitwettqu f kundizzjonijiet klimati ci normali skont l-istandard ISO 16750-1:2006:
- temperatura tal-arja 23 ( $\pm 5$ ) °C;
  - umdit  tal-arja relativa ta  25 % sa 75 %.
- 2.1.6. It-testijiet tal-eCall fir-rigward tar-ri evitur tal-GNSS tagħha g andhom isiru bit-tag mir tat-test u aw iljarju speċifikat fit-Tabella 1.

*Tabella 1*

***Lista ta  strumenti tal-kejl, tag mir tat-test u tag mir aw iljarju rakkomandati***

Isem tat-tag�mir	Il-karatterist�ici tekniċi m�ħtie�a tat-tag�mir tat-test	
	Medda tal-iskala	Preci�joni tal-iskala
Simulator tas-sistema globali ta� navigazzjoni bis-satellita tas-sinjali tal-Galileo u tal-GPS	In-numru ta� sinjali ssimulati: mill-inqas 12	<p>Id-devjazzjoni kwadra medja ta� komponent tal-preċi�joni aleatorju ta� psewdo-medda g�hal satelliti tal-Galileo u tal-GPS ta� mhux iktar minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— fa�i tal-kodi�i stadjometriku: 0,1 metru;</li> <li>— fa�i tal-operatur tal-komunikazzjoni: 0,001 metru;</li> <li>— psewdovelocit�a�: 0,005 metru/sekonda.</li> </ul>
Stopwatch diġitali	Volum tal-għadd massimu: 9 sigħat 59 minuta 59,99 sekonda	<p>Varazzjoni ta� kuljum f�25 (<math>\pm 5</math>)°C mhux iktar minn 1,0 sekonda</p> <p>Diskretezza tal-ħin 0,01 sekonda.</p>

Isem tat>tagħmir	Il-karatteristiċi tekniċi meħtieġa tat>tagħmir tat-test	
	Medda tal-iskala	Preċiżjoni tal-iskala
Analizzatur tal-vector network	Medda ta' frekwenza: 300 kHz .. 4 000 kHz Medda dinamika: (nieqes 85 .. 40) dB	Preċiżjoni $F = \pm 1 \cdot 10^{-6}$ kHz Preċiżjoni D = (0,1 .. 0,5) dB
Amplifikatur b'livell baxx ta' storbju	Medda ta' frekwenza: 1 200 .. 1 700 MHz Koeffiċjent tal-istorbju: mhux iktar minn 2,0 dB Koeffiċjent ta' gwadann tal-amplifikatur: 24 dB	
Attenwatur 1	Medda dinamika: (0 .. 11) dB	Preċiżjoni $\pm 0,5$ dB
Attenwatur 2	Medda dinamika: (0 .. 110) dB	Preċiżjoni $\pm 0,5$ dB
Sors tal-enerġija	Medda tal-issettjar tal-vultaġġ tal-kurrent dirett: minn 0,1 sa 30 volt Intensità tal-kurrent tal-vultaġġ tal-output: mill-inqas 3 amperes	Preċiżjoni V = $\pm 3\%$ Preċiżjoni A = $\pm 1\%$


Nota: jistgħu jiġu applikati tipi simili oħrajn ta' tagħmir li jipprovi d-determinazzjoni tal-karatteristiki bil-preċiżjoni meħtieġa.

2.1.7. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, is-simulazzjoni tas-sinjalji tal-GNSS għandha ssegwi mudell ta' "Sema miftuħ" kif muri fil-Figura 1.

Figura 1

#### Definizzjoni ta' sema miftuħ

Żona	Medda ta' elevazzjoni (gradi)	Medda tal-azimuth (gradi)
A	0 — 5	0 — 360
Sfond	Erja barra miż-Żona A	



2.1.8. Plott tas-Sema Miftuħ — Attenwazzjoni:

	0 dB
A	– 100 dB jew jintefa s-sinjal


2.2. Proċeduri ta' ttestjar

2.2.1. Test tal-output ta' messaġġi NMEA-0183.

2.2.1.1. Aġħmel konnessjonijiet skont il-Figura 2.

Figura 2

Dijagramma tal-istand tat-test



2.2.1.2. Ħejji u ixgħel l-eCall. Permezz ta' manwal tat-tħaddim u softwer għall-iżviluppaturi, isettja r-riċevitħur tal-GNSS sabiex jirċievi sinjali minn Galileo, GPS u SBAS. Issettja r-riċevitħur tal-GNSS sabiex jipprovd messaġġi NMEA-0183 (messaġġi RMC, GGA, VTG, GSA u GSV).

2.2.1.3. Issettja s-simulatur skont il-gwida għall-utenti tas-simulatur. Ibda script tas-simulatur bil-parametri mogħtija fit-Tabella 2 għal sinjali tal-Galileo, GPS u SBAS.

Tabella 2

Parametri ewlenin tal-iscript ta' simulazzjoni għal xenarju statiku

Parametru ssimulat	Valur
Durata tat-test, hh:mm:ss	01:00:00
Frekwenza tal-output	1 hertz
post tal-eCall	Kwalunkwe punt spċifikat fuq l-art bejn il-medda tal-latitudni 80°N u 80°S fis-sistema ta' koordinati WGS-84
Troposfera:	Mudell predefinit standard mis-simulatur tal-GNSS
Jonosfera:	Mudell predefinit standard mis-simulatur tal-GNSS
Valur tal-PDOP fl-intervall tat-test	$2,0 \leq \text{PDOP} \leq 2,5$
Sinjali ssimulati	— Galileo (OS tal-banda tal-frekwenza E1); — GPS (kodiċi C/A tal-banda tal-frekwenza L1); — Galileo/GPS/SBAS kombinati.

Parametru ssimulat	Valur
Sahħha tas-sinjali:	<ul style="list-style-type: none"> <li>— GNSS Galileo; nieqes 135 dBm;</li> <li>— GNSS GPS. nieqes 138,5 dBm.</li> </ul>
Numru ta' satelliti ssimulati:	<ul style="list-style-type: none"> <li>— mill-inqas 6 satelliti tal-Galileo;</li> <li>— mill-inqas 6 satelliti ta' GPS;</li> <li>— mill-inqas 2 satelliti ta' SBAS</li> </ul>

- 2.2.1.4. Permezz tal-interfaċċja tas-serje korrispondenti, isettja l-konnessjoni bejn l-eCall u l-PC. Ivverifika l-possibbiltà ta' riċezzjoni ta' informazzjoni dwar in-navigazzjoni permezz tal-protokoll NMEA-0183. Il-valur tal-entrata 6 fil-messaġġi ta' GGA huwa stabbilit għal "2".
- 2.2.1.5. Ir-riżultati tat-test jindikaw suċċess jekk l-informazzjoni dwar in-navigazzjoni permezz tal-protokoll NMEA-0183 tiġi riċevuta fil-kampjuni kollha tal-eCall.
- 2.2.1.6. It-test tal-output tal-messaġġi NMEA-0183 u l-valutazzjoni tal-preċiżjoni tal-pożizzjoni f'modalità statika awtonoma jistgħu jiġu kombinati.
- 2.2.2. Il-valutazzjoni tal-preċiżjoni tal-pożizzjoni f'modalità statika awtonoma.
- 2.2.2.1. Agħmel konnessjonijiet skont il-Figura 2.
- 2.2.2.2. Ħejji u ixgħel l-eCall. Permezz ta' softwer għall-iżviluppaturi, ara li r-riċevitur tal-GNSS huwa ssettjat sabiex jirċievi sinjali kombinati tal-Galileo, GPS u SBAS. Issettja r-riċevitur tal-GNSS sabiex jipprovd messaġġi skont il-protokoll NMEA-0183 (messaġġi GGA, RMC, VTG, GSA u GSV).
- 2.2.2.3. Issettja s-simulatur skont il-manwal operazzjonal tiegħi. Ibda s-simulazzjoni tal-iskript tas-sinjali kombinati tal-Galileo, GPS u SBAS bil-parametri stabbiliti mogħiġa fit-Tabella 2.
- 2.2.2.4. Issettja r-reġistrazzjoni tal-messaġġi NMEA-0183 wara r-riċezzjoni tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni. Sal-mument li fih jitlesta l-iscript tas-simulazzjoni, il-messaġġi NMEA-0183 jissarrfu ffajl mir-riċevitur tal-GNSS.
- 2.2.2.5. Malli tīgi riċevuta s-soluzzjoni tan-navigazzjoni, issettja r-reġistrazzjoni tal-messaġġi NMEA-0183 maħruġin mir-riċevitur GNSS ffajl, sal-mument li fih jitlesta l-iscript tas-simulazzjoni.
- 2.2.2.6. Estrazzjoni tal-koordinati: latitudni (B) u lonġitudni (L) li jinsabu f'messaġġi GGA (RMC).
- 2.2.2.7. Ikkalkula l-impreċiżjoni sistematika tad-determinazzjoni tal-koordinati fintervalli stazzjonarji skont il-formuli (1), (2), pereżempju għal koordinat tal-latitudni (B):

$$(1) \quad \Delta B(j) = B(j) - B_{\text{true}},$$

$$(2) \quad dB = \frac{1}{N} \cdot \sum_{j=1}^N \Delta B(j),$$

- $B_{\text{true}}$  huwa l-valur attwali tal-koordinat B fil-mument tal-ħin j, fark-sekondi.
- $B(j)$  huwa l-valur determinat tal-koordinat B fil-mument tal-ħin j mir-riċevitur tal-GNSS, fark-sekondi.
- N huwa l-ammont ta' messaġġi GGA (RMC) riċevuti matul it-test tar-riċevitur tal-GNSS.

- 2.2.2.8. B'mod simili, ikkalkula l-impreċiżjoni sistematika tal-koordinat L (lonġitudni).

2.2.2.9. Ikkalkula l-valur tad-devjazzjoni standard (SD) skont il-formula (3) għall-koordinat B:

$$(3) \quad \sigma_B = \sqrt{\frac{\sum_{j=1}^N (\Delta B(j) - dB)^2}{N - 1}},$$

2.2.2.10. B'mod simili, ikkalkula l-valur SD għall-koordinat L (lonġitudni).

2.2.2.11. Ikkonverti l-koordinati kkalkulati u l-valuri tal-SD tad-determinazzjoni tal-latitudni u l-lonġitudni minn ark-sekondi għal metri skont il-formuli (4) — (5).

2.2.2.12. Għal-latitudni:

$$(4-1) \quad dB(M) = 2 \cdot \frac{a \cdot (1 - e^2)}{(1 - e^2 \sin^2 \varphi)^{3/2}} \cdot \frac{0,5'' \cdot \pi}{180 \cdot 3\,600''} \cdot dB,$$

$$(4-2) \quad \sigma_B(M) = 2 \cdot \frac{a \cdot (1 - e^2)}{(1 - e^2 \sin^2 \varphi)^{3/2}} \cdot \frac{0,5'' \cdot \pi}{180 \cdot 3\,600''} \cdot \sigma_B,$$

2.2.2.13. Għal-lonġitudni:

$$(5-1) \quad dL(M) = 2 \cdot \frac{a \cdot \cos \varphi}{\sqrt{1 - e^2 \sin^2 \varphi}} \cdot \frac{0,5'' \cdot \pi}{180 \cdot 3\,600''} \cdot dL,$$

$$(5-2) \quad \sigma_L(M) = 2 \cdot \frac{a \cdot \cos \varphi}{\sqrt{1 - e^2 \sin^2 \varphi}} \cdot \frac{0,5'' \cdot \pi}{180 \cdot 3\,600''} \cdot \sigma_L,$$

— a — Assi semimaġġuri ta' ellipsojde, metri

— e — l-ewwel eċċentriċità, [0 — 1]

— φ — il-valur stabbilit tal-latitudni, radjani.

2.2.2.14. Ikkalkula l-iżball tal-pożizzjoni orizzontali skont il-formula (6):

$$(6) \quad \Pi = \sqrt{dB^2(m) + dL^2(m)} + 2 \cdot \sqrt{\sigma_B^2(m) + \sigma_L^2(m)},$$

2.2.2.15. Irrepeti l-proċeduri ta' ttestjar skont 2.2.2.3 — 2.2.2.14 għas-sinjalji GNSS Galileo bil-parametri ta' simulazzjoni mogħtijin fit-Tabella 2.

2.2.2.16. Irrepeti l-proċeduri ta' ttestjar skont 2.2.2.3 — 2.2.2.14 għas-sinjalji GPS GNSS biss bil-parametri ta' simulazzjoni mogħtijin fit-Tabella 2.

2.2.2.17. Irrepeti l-proċeduri skont 2.2.2.3 — 2.2.2.16 b'kampjuni ta' eCall oħrajn ipprovduti għat-test.

2.2.2.18. Stabbilixxi l-valuri medji skont (6) miksubin għall-kampjuni kollha t-testjati ta' eCall.

2.2.2.19. Ir-riżultati tat-testijiet jitqiesu sodisfaċenti jekk l-iżbalji tal-pożizzjoni orizzontali kif definiti mill-formula (6) miksuba bil-kampjuni kollha tal-eCall ma jaqbżux 15-il metru f'kundizzjonijiet ta' sema miftuħ b'livell ta' kunfidenza ta' 0.95 probabbiltà għall-iscripts kollha tas-simulazzjoni.

2.2.3. Il-valutazzjoni tal-preċiżjoni tal-pożizzjoni f'modalità dinamika awtonoma.

2.2.3.1. Irrepeti l-proċeduri tat-test deskritti fit-taqṣima 2.2.2, iżda 2.2.2.15 — 2.2.2.16 bl-iscript tas-simulazzjoni għall-moviment ta' manuvrar mogħti fit-Tabella 3.

Tabella 3

**Parametri ewlenin tal-iscript ta' simulazzjoni għal moviment ta' manuvrар**

Parametru ssimulat	Valur
Durata tat-test, hh:mm:ss	01:00:00
Frekwenza tal-output	1 hertz
post tal-eCall	Kwalunkwe punt speċifikat fuq l-art bejn il-medda tal-latitudni 80°N u 80°S fis-sistema ta' koordinati WGS-84
Mudell tal-moviment:	Moviment ta' manuvrар
— veloċità, km/h;	140
— raġġ tad-dawrien, metri;	500
— aċċellerazzjoni fid-dawrien, metri/sekonda <sup>2</sup> .	0,2
Troposfera:	Mudell predefinit standard mis-simulatur tal-GNSS
Jonosfera:	Mudell predefinit standard mis-simulatur tal-GNSS
Valur tal-PDOP fl-intervall tal-ħin tat-test	$2,0 \leq \text{PDOP} \leq 2,5$
Sinjali ssimulati	Galileo/GPS/SBAS kombinati
Sahħha tas-sinjali:	
— GNSS Galileo;	nieqes 135 dBm;
— GNSS GPS.	nieqes 138,5 dBm.
Numru ta' satelliti ssimulati:	<ul style="list-style-type: none"> <li>— mill-inqas 6 satelliti tal-Galileo;</li> <li>— mill-inqas 6 satelliti ta' GPS;</li> <li>— mill-inqas 2 satelliti ta' SBAS</li> </ul>

2.2.3.2. Stabbilixxi l-valuri medji skont (6) miksubin għall-kampjuni kollha t-testjati ta' eCall.

2.2.3.3. Ir-riżultati tat-testijiet jitqiesu sodisfaċenti jekk l-iżbalji tal-pożizzjoni orizzontali miksuba bil-kampjuni kollha ta' eCall ma jaqbżux il-15-il metru f-kundizzjonijiet ta' sema miftuħ b'livell ta' kunfidenza ta' 0,95 probabbiltà.

2.2.4. Il-moviment f'żoni għad-dell, żoni b'riċezzjoni tas-sinjal tan-navigazzjoni li taqta' u canyons urbani.

2.2.4.1. Irrepeti l-proċeduri tat-test deskritti fit-taqṣima 2.2.3 għall-iscript tas-simulazzjoni għall-moviment f'żoni għad-dell u żoni b'riċezzjoni tas-sinjal tan-navigazzjoni li taqta' (mogħi fit-Tabella 4) b'mudell tas-sinjal tal-canyon urban deskritt fil-Figura 3.

*Tabella 4*


**Il-parametri ewlenin tal-moviment f'żoni għad-dell u żoni b'riċezzjoni tas-sinjal tan-navigazzjoni li taqta'**

Parametru ssimulat	Valur
Durata tat-test, hh:mm:ss	01:00:00
Frekwenza tal-output	1 hertz
post tal-eCall	Kwalunkwe punt spċifikat fuq l-art bejn il-medda tal-latitudni 80°N u 80°S fis-sistema ta' koordinati WGS-84
Mudell tal-moviment:	Moviment ta' manuvrar
— veloċità, km/h;	140
— raġġ tad-dawrien, metri;	500
— aċċellerazzjoni fid-dawrien, metri/sekonda <sup>2</sup> .	0,2
Viżibbiltà tas-satellita:	
— intervalli tal-viżibbiltà tas-sinjal, sekondi;	300
— intervalli tal-assenza tas-sinjal, sekondi	600
Troposfera:	Mudell predefinit standard mis-simulatur tal-GNSS
Jonosfera:	Mudell predefinit standard mis-simulatur tal-GNSS
Valur tal-PDOP fl-intervall tal-ħin tat-test	$3,5 \leq \text{PDOP} \leq 4,0$
Sinjal ssimulati	Galileo/GPS/SBAS kombinati
Sahħha tas-sinjal:	
— GNSS Galileo;	nieqes 135 dBm;
— GNSS GPS.	nieqes 138,5 dBm.
Numru ta' satelliti ssimulati:	— mill-inqas 6 satelliti tal-Galileo; — mill-inqas 6 satelliti ta' GPS; — mill-inqas 2 satelliti ta' SBAS

Figura 3

**Definizzjoni ta' canyon urban**

Żona	Medda ta' elevazzjoni (gradi)	Medda tal-azimuth (gradi)
A	0 — 5	0 — 360
B	5 — 30	210 — 330
C	5 — 30	30 — 150
Sfond	Erja barra miż-Żona A, B, C	



## 2.2.4.2. Plott tal-canyon urban- Attenwazzjoni:

	0 dB
B	- 40 dB
C	- 40 dB
A	- 100 dB jew jintefa s-sinjal

2.2.4.3. Ir-riżultati tat-testijiet jitqiesu sodisfaċenti jekk l-iżbalji tal-pożizzjoni orizzontali miksuba bil-kampjuni kollha ta' eCall ma jaqbux l-40 metru fkundizzjonijiet ta' canyon urban b'livell ta' kunfidenza ta' 0,95 probabbiltà.

## 2.2.5. Ħin tal-istartjar kiesaħ sal-ewwel test tal-ksib ta' pożizzjoni.

2.2.5.1. Ħejji u ixgħel l-eCall. Permezz ta' softwer għall-iżviluppaturi, ara li l-modulu GNSS huwa ssettjat sabiex jirċievi sinjal tal-Galileo u tal-GPS.


2.2.5.2. Ħassar id-dejta kollha dwar il-pożizzjoni, il-veloċità, il-ħin, l-almanakk u l-efemeridi mir-riċevituri tal-GNSS.

- 2.2.5.3. Issettja s-simulatur skont il-gwida għall-utenti tas-simulatur. Ibda script tas-simulatur bil-parametri mogħtijin fit-Tabella 2 għal sinjali tal-Galileo u tal-GPS b'livell tas-sinjal ta' nieqes 130 dBm.
- 2.2.5.4. Permezz ta' kronometru, kejjel l-intervall tal-ħin bejn il-bidu tas-simulazzjoni tas-sinjal u l-ewwel riżultat tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni.
- 2.2.5.5. Agħmel il-proċeduri tat-test skont 2.2.5.2 — 2.2.5.4 mill-inqas 10 darbiet.
- 2.2.5.6. Ikkalkula l-ħin medju sal-ewwel ksib ta' pożizzjoni fil-modalità ta' startjar kiesaħ fuq il-bażi tal-kejliet għall-kampjuni kollha ta' eCell, ipprovduti għat-test.
- 2.2.5.7. Ir-riżultat tat-test jitqies li huwa pożittiv, jekk il-valuri medji tal-ħin sal-ewwel ksib ta' pożizzjoni ikkalkulat kif spjegat f'2.2.5.6, ma jaqbżux is-60 sekonda għat-tbaxxija tal-livell tas-sinjal għal nieqes 130 dBm għas-sinjali ssimulati kollha.
- 2.2.5.8. Irrepeti l-proċedura tat-test skont 2.2.5.1 — 2.2.5.5 b'livell tas-sinjal ta' nieqes 140 dBm.
- 2.2.5.9. Ir-riżultat tat-test skont 2.2.5.8 jitqies li huwa pożittiv, jekk il-valuri medji tal-ħin sal-ewwel ksib ta' pożizzjoni ikkalkulat kif spjegat f'2.2.5.6, ma jaqbżux is-300 sekonda għat-tbaxxija tal-livell tas-sinjal għal nieqes 140 dBm għas-sinjali ssimulati kollha.
- 2.2.6. It-test tal-ħin tal-ksib mill-ġdid tas-sinjali ta' intraċċar wara l-ibblokkjar għal 60 sekonda.
- 2.2.6.1. Hejj u ixgħel l-eCall skont il-manwal operazzjonali. Permezz tas-softwer għall-iżviluppaturi, ara li r-riċevitħ GNSS huwa ssettjat sabiex jirċievi sinjali tal-Galileo u tal-GPS.
- 2.2.6.2. Issettja s-simulatur skont il-gwida għall-utenti tas-simulatur. Ibda script tas-simulatur bil-parametri mogħtijin fit-Tabella 2 għal sinjali tal-Galileo u tal-GPS b'livell tas-sinjal ta' nieqes 130 dBm.
- 2.2.6.3. Stenna 15-il minuta u ara li r-riċevitħ tal-GNSS ikkalkula l-pożizzjoni tal-eCall.
- 2.2.6.4. Aqlaq l-kejbil tal-antenna tal-GNSS mill-eCall u erga' qabdu wara intervall ta' ħin ta' 60 sekonda. Permezz ta' kronometru, stabbilixxi l-intervall ta' ħin bejn il-mument tal-konnessjoni tal-kejbil u r-restawr tal-intraċċar satellitari u l-kalkulu tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni.
- 2.2.6.5. Irrepeti l-proċedura tat-test skont 2.2.6.4 mill-inqas 10 darbiet.
- 2.2.6.6. Ikkalkula l-valur medju tal-ħin tar-riakkwiżizzjoni tas-sinjali ta' intraċċar satellitari mill-eCall għall-kejliet kollha li saru u l-kampjuni kollha tal-eCall ipprovduti għat-test.
- 2.2.6.7. Ir-riżultat tat-test jitqies li huwa pożittiv, jekk il-valuri medji tal-ħin tar-riakkwiżizzjoni wara l-ibblokkjar ta' 60 sekonda mkejjej kif spjegat fi 2.2.6.6, ma jaqbżux l-20 sekonda.
- 2.2.7. Test tas-sensittivitā tar-riċevitħ tal-GNSS f-modalità ta' startjar kiesaħ, modalità ta' intraċċar, u xenarju ta' akkwiżizzjoni mill-ġdid
- 2.2.7.1. Ixgħel l-analizzatur tal-vector network Ikkalibra l-analizzatur tal-vector network skont il-manwal operazzjonali tiegħi.

- 2.2.7.2. Issettja d-dijagramma skont il-Figura 4.

*Figura 4*

**Dijagramma tal-kalibrazzjoni tal-passaġġ**




- 2.2.7.3. Issettja l-attenwazzjoni tal-passaġġ tas-sinjal żero fuq l-attenwaturi. Kejjel ir-rispons tal-frekwenza għal passaġġ tas-sinjal partikolari fil-banda E1/L1 tal-Galileo/GPS, rispettivament. Irregjistra l-fattur ta' trażmissjoni tal-passaġġ medju f[db] f'din il-banda ta' frekwenzi.

- 2.2.7.4. Arma ċ-ċirkwit muri fil-Figura 5.

*Figura 5*

**Arranġament għall-evalwazzjoni tas-sensittività tal-modulu GNSS**



- 2.2.7.5. Ħejji u ixgħel l-eCall skont il-manwal operazzjonali. Permezz ta' softwer għall-iżviluppaturi, ara li r-riċevitħ GNSS huwa ssettjat sabiex sinjali tal-Galileo u tal-GPS. Ikklija r-RAM tar-riċevitħ GNSS b'tali mod li tinkiseb il-modalità ta' startjar "kiesaħ" tar-riċevitħ GNSS tal-eCall. Ara li l-informazzjoni dwar il-pożizzjoni, il-veloċità u l-ħin tiġi risettjata.

- 2.2.7.6. Ħejji s-simulatur tas-sinjal GNSS skont il-manwal operazzjonali tiegħu. Ixgħel l-iscript tas-simulazzjoni tas-sinjal tal-Galileo u tal-GPS, bil-parametri mogħiġi fit-Tabella 2. Issettja l-livell tal-enerġija tal-output tas-simulatur għal nieqes 144 dBm.

- 2.2.7.7. Permezz ta' kronometru, kejjel l-intervall tal-ħin bejn il-bidu tas-simulazzjoni tas-sinjal u l-ewwel riżultat tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni.

- 2.2.7.8. Issettja l-attenwazzjoni tal-passaġġ tas-sinjal fuq l-attenwanti b'tali mod li s-sinjal fuq l-input tal-antenna tal-eCall ikun ta' nieqes 155 dBm.

- 2.2.7.9. Permezz ta' kronometru, ara li l-eCall għadha tipprovdi s-soluzzjoni tan-navigazzjoni għal tal-inqas 600 sekonda.

- 2.2.7.10. Issettja l-attenwazzjoni tal-passaġġ tas-sinjal fuq l-attenwanti b'tali mod li s-sinjal fuq l-input tal-antenna tal-eCall ikun ta' nieqes 150 dBm.

- 2.2.7.11. Aqla' l-kejbil tal-antenna tal-GNSS mill-eCall u erga' qabbdu wara intervall ta' ħin ta' 20 sekonda.

- 2.2.7.12. Permezz ta' kronometru, stabbilixxi l-intervall ta' ħin bejn il-mument tal-konnessjoni tal-kejbil u r-restawr tal-intraċċar satellitari u l-kalkulu tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni.

2.2.7.13. Ir-riżultat tat-test jitqies li huwa pożittiv f'każ li:

- il-valur tal-ħin sal-ewwel ksib ta' pożizzjoni f'modalitā ta' startjar “kiesaħ”, kif imkejjel f'2.2.7.7, ma jaqbiżx it-3 600 sekonda b'livell tas-sinjali fuq l-input tal-antenna tal-eCall ta' nieqes 144 dBm fil-kampjuni kollha tal-eCall;
  - is-soluzzjoni tan-navigazzjoni hija disponibbli għal tal-inqas 600 sekonda b'livell tas-sinjali fuq l-input tal-antenna tal-eCall ta' nieqes 155 dBm kif imkejjel f'2.2.7.9 fil-kampjuni kollha tal-eCall;
  - u r-riakkwiżizzjoni tas-sinjali tal-GNSS u l-kalkulu tas-soluzzjoni tan-navigazzjoni fl-livell tas-sinjali fuq l-input tal-antenna tal-eCall ta' nieqes 150 dBm hija possibbli u l-intervall tal-ħin imkejjel f'2.2.7.12 ma jaqbiżx is-60 sekonda fil-kampjuni kollha tal-eCall.
-

## ANNESS VII

**Awtotestjar tas-sistemi ġol-vettura**

## 1. Rekwiżiti

1.1. Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għal vetturi b'sistema ta' eCall minn ġol-vettura installata, STUs u (mhux bilfors għal) komponenti.

## 1.2. Ir-rekwiżiti marbutin mal-prestazzjoni

1.2.1. Is-sistema ta' eCall trid twettaq test fuqha nfisha kull darba li tixgħel is-sistema.

1.2.2. Il-funzjoni ta' awtottestjar għandha tissorvelja tal-inqas l-oġġetti tekniċi elenkti fit-Tabella.

1.2.3. Twissija fil-forma ta' indikazzjoni viżwali jew inkella messaġġ ta' twissija fi spazju komuni jrid jiġi pprovdut fkaż ta' li tiġi individwata ħsara mill-funzjoni ta' awtottestjar.

1.2.3.1. Għandha tibqa' attivata sakemm ikun hemm il-ħsara.

1.2.3.2. Tista' tiġi kkanċellata b'mod temporanju, iż-żda għandha tiġi ripetuta kull meta jiġi attivat l-iswiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura.

## 1.3. Rekwiżiti marbutin mad-dokumentazzjoni

1.3.1. Il-manifattur irid jipprovi lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip bid-dokumentazzjoni skont it-Tabella, li għal kull oġġett għandu jkun fiha l-prinċipju tekniku applikat sabiex jiġi ssorveljet l-oġġett.

*Tabella***Il-mudell tal-informazzjoni għall-funzjoni ta' awtottestjar**

Oġġett	Il-prinċipju tekniku applikat għall-monitoraġġ
L-ECU tal-eCall qiegħed jaħdem (eż. ma hemm ebda ħsara fil-hardwer intern, il-proċessur/memorja huma lesti, il-funzjoni loġika qiegħda fi stat predefinit mistenni)	
L-antenna tan-netwerk mobbli estern hija konnessa	
L-apparat tal-komunikazzjoni tan-netwerk mobbli qiegħed jaħdem (ebda ħsara fil-hardwer intern, risponsiv)	
L-antenna esterna tal-GNSS hija konnessa	
Ir-riċevitħ tal-GNSS qiegħed jaħdem (ebda ħsara fil-hardwer intern, output fi ħdan il-medda mistennija)	
L-unità ta' kontroll tal-habtieħ hija konnessa	
Ebda malfunzjoni fil-komunikazzjoni (malfunzjonijiet tal-konnessjoni tal-bus) tal-komponenti rilevanti f'din it-tabella	
Is-SIM hija preżenti (dan l-oġġett japplika biss jekk tintuża SIM li tinqala')	
Is-sors tal-enerġija huwa konness	
Is-sors tal-enerġija huwa cċārgħat biżżejjed (limitu bid-diskrezzjoni tal-manifattur)	

2. Proċedura tat-test

2.1. Test ta' verifika tal-funzjoni ta' awtottestjar

2.1.1. It-test li ġej għandu jsir fuq il-vettura b'sistema ta' eCall minn ġol-vettura installata skont l-Artikolu 4, fuq l-STU skont l-Artikolu 6 jew (mhux bilfors għal) il-komponent, li huwa parti minn sistema kompluta għall-fini tat-test, skont l-Artikolu 5.

2.1.2. Issimula malfunzjoni tas-sistema ta' eCall billi tintroduċi ħsara kritika f'oġġett wieħed jew iktar minn dawk issorveljati mill-funzjoni ta' awtottestjar skont id-dokumentazzjoni teknika pprovduta mill-manifattur. L-oġġett(i) għandhom jintgħażlu bid-diskrezzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

2.1.3. Ixgħel is-sistema ta' eCall (eż. billi tixgħel l-ignixin jew tattiva l-iswiċċ ta' kontroll prinċipali tal-vettura, kif ikun applikabbli) u ara li l-indikatur tal-malfunzjoni jixgħel ftit wara.

2.1.4. Ifi s-sistema ta' eCall (eż. billi titfi l-ignixin jew tiddiżżattiva l-iswiċċ ta' kontroll prinċipali tal-vettura, kif ikun applikabbli) u rrestawraha għall-operazzjoni normali.

2.1.5. Ixgħel is-sistema ta' eCall u ara li l-indikatur tal-malfunzjoni ma jixgħelx jew jintefha ftit wara li jixgħel għall-ewwel darba.

3. Modifika tat-tip ta' sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew STU

3.1. Meta l-manifattur jippreżenta applikazzjoni għal reviżjoni jew estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip eżistenti għall-fini ta' inklużjoni ta' antenna alternattiva tal-GNSS, l-unità ta' kontroll elettroniku, l-antenna tan-netwerk mobbli u/jew il-komponenti tas-sors tal-enerġija, ma għandu jkun meħtieġ ebda test ġdid tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan l-Anness, diment li dawk il-komponenti tal-approvazzjoni tat-tip ikollhom tal-inqas l-istess karakteristiċi funzjonali u li tabilħaqq ikunu koperti minn dan l-Anness skont l-Artikolu 5(3).

---

## ANNESS VIII

**Rekwiżiti tekniċi u proċeduri tattest marbutin mal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta**

## PARTI I

**Il-proċedura għall-verifikasi tan-nuqqas ta' traċċabilità ta' sistema ta' eCall minn ġol-vettura jew STU**

1. Għan
  - 1.1. Din il-proċedura tat-test issir sabiex tiżgura li sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew STU mhijiex traċċabbli u mhijiex soġġetta għal xi intraċċar kostanti fl-istatus operazzjonali normali tagħha.
2. Rekwiżiti
  - 2.1. Is-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew l-STU mhijiex disponibbli għall-komunikazzjoni mal-PSAP jekk il-punt tat-test PSAP jibda l-komunikazzjoni.
  - 2.2. Nuqqas ta' stabbiliment tal-konnessjoni jista' jiġi attribwit għan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 fuq in-netwerk.
3. Proċedura tat-test
  - 3.1. It-testijiet li ġejjin iridu jsiru fuq arranġament rappreżentattiv tal-partijiet (mingħajr body tal-vettura).
  - 3.2. Dan it-test irid isir wara l-konnessjoni b'suċċess tal-IVS ta' eCall man-netwerk u r-reġistrazzjoni tal-apparat sabiex tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni tal-MSD.
    - 3.2.1. Is-sejħa ta' emerġenza inizjali trid tkun għiet "cleared down" u deregistrata min-netwerk qabel dan it-test (eż-zaqta), inkella l-punt tat-test PSAP sejjer ikun jista' jaqbad.
    - 3.2.2. Qabel ma tagħmel it-test, ara li:
      - (e) waħħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;
      - (f) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;
      - (g) is-swiċċ tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat;
      - (h) kwalunkwe TPS jew sistema tas-servizz b'valur miżjud hija diżattivata.
    - 3.2.3. Ħalli l-IVS ta' eCall ibbażata fuq il-112 mixgħula.
    - 3.2.4. Permezz tal-punt tat-test PSAP, ipprova aqbad mal-IVS eCall ibbażata fuq il-112.
  4. Valutazzjoni
    - 4.1. Ir-rekwiżit jitqies bħala ssodisfat jekk is-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew l-STU mhijiex disponibbli għall-komunikazzjoni mal-PSAP meta l-punt tat-test PSAP jipprova jaqbad.
    - 4.2. L-istabbiliment ta' konnessjoni mal-IVS eCall ibbażata fuq il-112 meta l-punt tat-test PSAP jibda l-komunikazzjoni jikkostitwixxi falliment.

## PARTI II

**Il-proċedura għall-verifikasi ta' kemm idum maħżuun log file tal-eCall mis-sistema ta' eCall minn ġol-vettura jew STU**

1. Għan
  - 1.1. Din il-proċedura tat-test għandha l-għan li tiżgura li d-dejta personali pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2015/758 ma tinżammx mis-sistema ta' eCall minn ġol-vettura għal iktar milli hemm bżonn għall-fini ta' indirizzar tas-sitwazzjoni ta' emerġenza u li titħassar għalkollox malli ma tibqax neċċessarja għal dan l-għan.

1.2. Dan sabiex jintwera t-tħassir awtomatiku billi jintwera li l-fajls log tal-eCall ma jinżammux għal iktar minn 13-il siegħa mill-punt ta' bidu ta' eCall.

## 2. Rekwiżiti

2.1. Meta interrogata, is-sistema ta' eCall minn ġol-vettura jew l-STU ma għandhiex iżżomm rekord ta' eCall fil-memorja tagħha wara 13-il siegħa mill-punt li fih tinbeda eCall.

## 3. Kundizzjonijiet tat-test

3.1. Is-Servizz Tekniku għandu jingħata aċċess għall-parti tas-sistema fejn jinħażnu l-fajls log tal-eCall fl-IVS.

3.2. It-test li ġej irid isir fuq arranġament rappreżentativ tal-partijiet.

## 4. Metodu tat-Test

4.1. Għandhom isiru t-testijiet kif deskritti fil-punt 2.7 tal-Anness I. Jeħtieġu li ssir sejħa tat-test sabiex tkun tista' tiġi kkontrollata l-funzjonaliità.

4.2. 13-il siegħa wara li tkun saret sejħa tat-test, it-tester tas-Servizz Tekniku għandu jingħata aċċess għal fejn jinħażnu l-fajls log tal-eCall fl-IVS. Dan sejjer jinvoka l-potenzjal li jniżżeż mill-IVS kwalunkwe log file sabiex ikun jista' jinqara mit-tester.

## 5. Valutazzjoni

5.1. Ir-rekwiżit jitqies li huwa ssodisfat jekk ma jkun hemm ebda fajl log preżenti fil-memorja tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura.

5.2. Il-preżenza ta' log file li jappartjeni għal eCall li seħħet iktar minn 13-il siegħa ilu tikkostitwixxi falliment.

## PARTI III

### **Il-proċedura għall-verifikasi tat-tnejħija awtomatika u kontinwa ta' dejta fil-memorja interna ta' sistema ta' eCall minn ġol-vettura jew STU**

## 1. Għan

1.1. Din il-proċedura tat-test għandha l-għan li tiżgura li d-dejta personali tintużza biss għall-fini ta' indirizzar tas-sitwazzjoni ta' emerġenza u li titħassar b'mod awtomatiku u kontinwu mill-memorja interna tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura jew l-STU.

1.2. Iridu jiġu pprovduti provi ta' dan billi jintwera li fil-memorja interna tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew l-STU, jinżamm massimu ta' tliet postijiet riċenti tal-vettura.

## 2. Rekwiżiti

2.1. Meta interrogata, is-sistema ta' eCall minn ġol-vettura jew l-STU ma għandhiex iżżomm iktar minn tliet postijiet riċenti tal-vettura.

## 3. Kundizzjonijiet tat-test

3.1. Is-Servizz Tekniku għandu jingħata aċċess għall-parti tas-sistema fejn tinhāżen id-dejta dwar il-postijiet riċenti tal-vettura fil-memorja interna tal-IVS.

3.2. It-test li ġej irid isir fuq arrāġament rappreżentativ tal-partijiet.

#### 4. Metodu tat-Test

4.1. It-tester tas-Servizz Tekniku għandu jingħata aċċess għal fejn tinhäzen id-dejta dwar il-postijiet riċenti tal-vettura fil-memorja interna tal-IVS. Dan sejjjer jinvoka l-potenzjal li jniżżeġ mill-IVS kwalunkwe post riċenti maħżun sabiex ikun jista' jinqara mit-tester.

#### 5. Valutazzjoni

5.1. Ir-rekwiżiż jitqies li huwa ssodisfat jekk ikun hemm massimu ta' tliet postijiet riċenti preżenti fil-memorja tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura.

5.2. Il-preżenza ta' iktar minn tliet postijiet tikkostitwixxi falliment.

### PARTI IV

#### **Il-proċedura għall-verifika tan-nuqqas ta' skambju ta' dejta personali bejn sistema ta' eCall minn ġol-vettura jew STU u sistemi tas-servizzi ta' partijiet terzi**

##### 1. Għan

1.1. Din il-proċedura ta' ttestjar għandha l-għan li tiżgura li s-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew l-STU u kwalunkwe funzjonalità addizzjonali tas-sistema li tipprovd eCall ta' TPS jew servizz b'valur miżjud jitfasslu b'tali mod li ma jkun possibbli li jseħħi ebda skambju ta' dejta personali bejniethom fxi ħin.

##### 2. Rekwiżiti

2.1. Ir-rekwiżiż li ġejjin japplikaw għal sistemi ta' eCall minn ġol-vettura jew STUs li għandhom jintużaw flimkien ma' funzjonalità ta' sistema ta' eCall TPS minn ġol-vettura.

##### 2.2. Ir-rekwiżiżi marbutin mal-prestazzjoni

2.2.1. Ma hemm ebda skambju ta' dejta personali bejn is-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew l-STU u kwalunkwe funzjonalità addizzjonali tas-sistema li tipprovd eCall ta' TPS jew servizz b'valur miżjud.

2.2.2. Wara eCall li ssir permezz tas-sistema ta' eCall minn ġol-vettura bbażata fuq il-112 jew STU, ma għandu jiġi rregħistrat ebda log ta' din l-eCall fil-memorja tal-eCall jew fis-sistema ta' servizz b'valur miżjud ta' TPS.

##### 3. Proċedura tat-test

3.1. It-testijiet li ġejjin iridu jsiru fuq vettura b'sistema ta' eCall minn ġol-vettura installata jew fuq arrāġament rappreżentativ tal-partijiet.

3.2. Is-sistema ta' TPS trid tiġi diżattivata waqt li ssir is-sejħa tat-test.

3.2.1. Qabel ma tagħmel is-sejħa tat-test, ara li:

- (a) waħda mill-proċeduri ta' konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, kif maqbula bejn is-servizz tekniku u l-manifattur, sejra tiġi applikata għal kwalunkwe sejħa tat-test;
- (b) il-punt tat-test PSAP iddedikat huwa disponibbli sabiex jirċievi eCall ġejja mis-sistema bbażata fuq il-112;
- (c) ma tistax issir eCall falza lejn PSAP ġenwin fuq in-netwerk attiv; u
- (d) is-swiċċi tal-ignixin jew tal-kontroll prinċipali tal-vettura huwa attivat.

3.2.2. Agħmel sejħa tat-test billi tapplika skattatur manwali tas-sistema (modalità “push”) bit-TPS diżattivata.

3.2.3. Ara li ġiet stabbilita sejħa mal-punt tat-test PSAP permezz ta' rekord tal-punt tat-test PSAP li juri li rċieva sinjal ta' tnedja ta' sejħa jew permezz ta' konnessjoni b'suċċess bil-vuċċi mal-punt tat-test PSAP.

- 3.2.4. Ikklerja s-sejħa tat-test billi tuża l-kmand xieraq tal-punt tat-test PSAP (eż. aqta').
- 3.2.5. Jekk it-tentattiv tas-sejħa tas-sistema bbażata fuq il-112 ma jirnexx matul it-test, il-procedura tat-test tista' terġa' ssir.
- 3.3. In-nuqqas ta' log file fis-sistema ta' TPS irid jiġi verifikat billi jsir aċċess għall-parti tas-sistema fejn jinħażnu l-fajls log tal-eCall fl-IVS.
- 3.3.1. It-tester tas-Servizz Tekniku għandu jingħata aċċess għal fejn jinħażnu l-fajls log tal-eCall fl-IVS. Dan sejjjer jinvoka l-potenzjal li jniżżeġ mill-IVS kwalunkwe log file sabiex ikun jista' jinqara mit-tester.
- 3.3.2. Ir-rekwiżit jitqies li huwa ssodisfat jekk ma jkun hemm ebda log file preżenti fil-memorja tas-sistema ta' TPS ġol-vettura.
- 3.3.3. Il-preżenza ta' log file fis-sistema ta' TPS li jappartjeni għal eCall li saret bis-sistema bbażata fuq il-112 tikkos-titwixxi falliment.

3.4. Il-proċeduri ta' konnessjoni

Japplikaw il-proċeduri tal-konnessjoni definiti fil-punt 2.7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

---

## ANNESS IX

**Il-klassijiet ta' vetturi msemmijin fl-Artikolu 2**

Vetturi blindati tal-kategoriji M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub>, kif definiti fil-punt 5.2 tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE, mgħammra bi ħġieġ tas-sigurtà blindat tal-klassi BR 7 skont il-klassifikazzjoni fl-istandard Ewropew EN 1063:2000 (Test and Classification for Ballistic Security Glazing) u b'partijiet tal-body li jirrispettaw l-istandard Ewropew EN 1522:1999 (Bullet Resistance in Windows, Doors, Shutters and Blinds), fejn dawk il-vetturi, minħabba l-iskop speċjali tagħhom, ma jkunux jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2015/758 u ta' dan ir-Regolament.

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/80****tas-16 ta' Jannar 2017**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (<sup>(1)</sup>) u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)(d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka persuni, entitajiet u korpi li, peress li ġew innominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) huma koperti mill-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (2) Fis-17 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1718 (2006) iddeċieda li ħames bastimenti spċifikati fl-Anness III tar-riżoluzzjoni 2270 (2016) skont il-paragrafu 23 tal-istess riżoluzzjoni, mhumiex riżorsi ekonomiċi kkontrollati jew operati minn Ocean Maritime Management u għalhekk mhumiex soġġetti għall-iffriżar tal-assi impost fil-paragrafu 8(d) tar-riżoluzzjoni 1718 (2006).
- (3) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Aġġent Kap tas-Servizz tal-Instrumenti tal-Politika Barranija*

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 88, 29.3.2007, p. 1.

## ANNESS

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 din l-entrata taħt l-intestatura "Persuni, entitajiet u korpi ġuridiċi": "Ocean Maritime Management Company, Limited (OMM) (aka OMM). Indirizz: (a) Donghung Dong, Central District, PO Box 120, Pyongyang, DPRK; (b) Dongheung-dong Changgwang Street, Chung-Ku, PO Box 125, Pyongyang, DPRK. Informazzjoni oħra: Numru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI): 1790183; (b) Ocean Maritime Management Company, Limited kellha rwol importanti fl-organizzazzjoni tal-ispedizzjoni ta' konsenza moħbija ta' armi u materjal relata minn Kuba għar-RDPK f'Lulju 2013. B'hekk Ocean Maritime Management Company, Limited ikkontribwiċċiet f'attivitajiet ipprojbiti mir-riżoluzzjonijiet, b'mod partikolari l-embargo fuq l-armi impost bir-riżoluzzjoni 1718 (2006), kif emendata bir-riżoluzzjoni 1874 (2009), u kkontribwiċċiet biex jiġu evitati l-miżuri imposti minn dawn ir-riżoluzzjonijiet. (c) Ocean Maritime Management Company, Limited hija l-operatur/il-maniġer tal-bastimenti li ġejjin bin-numru tal-OMI: (a) Chol Ryong (Ryong Gun Bong) 8606173, (b) Chong Bong (Greenlight) (Blue Nouvelle) 8909575, (c) Chong Rim 2 8916293, (d) Dawnlight 9110236, (e) Ever Bright 88 (J Star) 8914934, (f) Gold Star 3 (benevolence 2) 8405402, (g) Hoe Ryong 9041552, (h) Hu Chang (O Un Chong Nyon) 8330815, (i) Hui Chon (Hwang Gum San 2) 8405270, (j) Ji Hye San (Hyok Sin 2) 8018900, (k) Kang Gye (Pi Ryu Gang) 8829593, (l) Mi Rim 8713471, (m) Mi Rim 2 9361407, (n) Rang (Po Thong Gang) 8829555, (o) Orion Star (Richocean) 9333589, (p) Ra Nam 2 8625545, (q) Ra Nam 3 9314650, (r) Ryo Myong 8987333, (s) Ryong Rim (Jon Jin 2) 8018912, (t) Se Pho (Rak Won 2) 8819017, (u) Songjin (Jang Ja San Chong Nyon Ho) 8133530, (v) South Hill 2 8412467, (w) South Hill 5 9138680, (x) Tan Chon (Ryon Gang 2) 7640378, (y) Thae Pyong San (Petrel 1) 9009085, (z) Tong Hung San (Chong Chon Gang) 7937317, (aa) Tong Hung 8661575. Id-data tad-deżinjazzjoni: 28.7.2014" tinbidel b'dan li ġej:

"Ocean Maritime Management Company, Limited (OMM) (aka OMM). Indirizz: (a) Donghung Dong, Central District, PO Box 120, Pyongyang, DPRK; (b) Dongheung-dong Changgwang Street, Chung-Ku, PO Box 125, Pyongyang, DPRK. Informazzjoni oħra: Numru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI): 1790183; (b) Ocean Maritime Management Company, Limited kellha rwol importanti fl-organizzazzjoni tal-ispedizzjoni ta' konsenza moħbija ta' armi u materjal relata minn Kuba għar-RDPK f'Lulju 2013. B'hekk Ocean Maritime Management Company, Limited ikkontribwiċċiet f'attivitajiet ipprojbiti mir-riżoluzzjonijiet, b'mod partikolari l-embargo fuq l-armi impost bir-riżoluzzjoni 1718 (2006), kif emendata bir-riżoluzzjoni 1874 (2009), u kkontribwiċċiet biex jiġu evitati l-miżuri imposti minn dawn ir-riżoluzzjonijiet. (c) Ocean Maritime Management Company, Limited hija l-operatur/il-maniġer tal-bastimenti li ġejjin bin-numru tal-OMI: (a) Chol Ryong (Ryong Gun Bong) 8606173, (b) Chong Bong (Greenlight) (Blue Nouvelle) 8909575, (c) Chong Rim 2 8916293, (d) Hoe Ryong 9041552, (e) Hu Chang (O Un Chong Nyon) 8330815, (f) Hui Chon (Hwang Gum San 2) 8405270, (g) Ji Hye San (Hyok Sin 2) 8018900, (h) Kang Gye (Pi Ryu Gang) 8829593, (i) Mi Rim 8713471, (j) Mi Rim 2 9361407, (k) Rang (Po Thong Gang) 8829555, (l) Ra Nam 2 8625545, (m) Ra Nam 3 9314650, (n) Ryo Myong 8987333, (o) Ryong Rim (Jon Jin 2) 8018912, (p) Se Pho (Rak Won 2) 8819017, (q) Songjin (Jang Ja San Chong Nyon Ho) 8133530, (r) South Hill 2 8412467, (s) Tan Chon (Ryon Gang 2) 7640378, (t) Thae Pyong San (Petrel 1) 9009085, (u) Tong Hung San (Chong Chon Gang) 7937317, (v) Tong Hung 8661575. Data tad-deżinjazzjoni: 28.7.2014".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/81****tas-16 ta' Jannar 2017**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħnejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħnejjex u tal-frott u l-ħnejjex ipproċessati (²) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tifissa l-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Jerzy PLEWA  
Direttur Ġenerali  
Direktorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.  
(²) ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNESS

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(l)</sup>	(EUR/100 kg)
0702 00 00	IL	162,4
	MA	132,4
	SN	190,2
	TR	122,3
	ZZ	151,8
0707 00 05	MA	79,2
	TR	186,2
	ZZ	132,7
0709 93 10	MA	280,6
	TR	257,1
	ZZ	268,9
0805 10 20	EG	47,7
	IL	126,4
	MA	57,3
	TR	76,5
	ZZ	77,0
0805 20 10	IL	155,4
	MA	72,5
	ZZ	114,0
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	EG	97,9
	IL	112,5
	JM	99,3
	MA	93,5
	TR	75,6
	ZZ	95,8
	TR	73,1
0808 10 80	ZZ	73,1
	CN	119,1
	US	137,0
0808 30 90	ZZ	128,1
	CL	307,7
	CN	79,6
	TR	133,1
	ZZ	173,5

<sup>(l)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ es-tern ma' pajjiżi li mhumix membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' orīġini oħra".

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/82

tas-16 ta' Jannar 2017

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2016 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.
- (2) Fis-17 ta' Diċembru 2016 l-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1718 (2006) ħassar l-ismijiet ta' ħames bastimenti milista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għaldaqstant, l-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

¹) ĠUL 141, 28.5.2016, p. 79.

## ANNESS

Il-bastimenti bin-numri IMO elenkti hawn taħt huma mħassra mil-lista li tinsab fl-entrata 20 tal-parti B (Entitajiet) tal-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849:

- (d) Dawnlight 9110236
  - (e) Ever Bright 88 (J Star) 8914934
  - (f) Gold Star 3 (benevolence) 8405402
  - (o) Orion Star (Richocean) 9333589
  - (w) South Hill 5 9138680
-

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/83

tas-16 ta' Jannar 2017

### li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Lulju 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill irreveda l-lista ta' persuni u entitajiet iddeżżejjati li tinsab fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Jenħtieġ li diversi entitajiet jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.
- (4) B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi T-182/13 (²), T-433/13 (³), T-158/13 (⁴), T-5/13 (⁵), T-45/14 (⁶) u T-539/14 (⁷) u fil-Kawżi Magħquda T-423/13 u T-64/14 (⁸), Moallem Insurance Company, Petropars Operation & Management Company, Petropars Resources Engineering Ltd, Iran Aluminium Company, Iran Liquefied Natural Gas Co., Hanseatic Trade Trust & Shipping (HTTS) GmbH, Naser Bateni, North Drilling Company u Good Luck Shipping Company LLC mhumiex inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.
- (5) B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-176/13 (⁹) u C-200/13 P (¹⁰), Bank Mellat u Bank Saderat Iran mhumiex inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK. Konsegwentement, u għaċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna Bank Saderat PLC (London) f'dak l-Anness titħassar.
- (6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi emmendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(¹) ĠUL 195, 27.7.2010, p. 39.

(²) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2014, *Moallem Insurance Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-182/13, ECLI:EU:T:2014:624.

(³) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Mejju 2015, *Petropars Iran Co. et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-433/13, ECLI:EU:T:2015:255.

(⁴) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2015, *Iranian Aluminium Co. (Iralco) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-158/13, ECLI:EU:T:2015:634.

(⁵) Is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2015, *Iran Liquefied Natural Gas Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-5/13, ECLI:EU:T:2015:644.

(⁶) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2015, *HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH u Naser Bateni vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-45/14, ECLI:EU:T:2015:650.

(⁷) Is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2015, *North Drilling Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-539/14, ECLI:EU:T:2015:871.

(⁸) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2016, *Good Luck Shipping LLC vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-423/13 u T-64/14, ECLI:EU:T:2016:308.

(⁹) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Frar 2016, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Bank Mellat*, C-176/13 P, ECLI:EU:C:2016:96.

(¹⁰) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' April 2016, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Bank Saderat Iran*, C-200/13 P, ECLI:EU:C:2016:284.

---

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
F. MOGHERINI*

---

## ANNESS

L-entrati li jirrigwardaw l-entitajiet elenkti hawn taħt jitħassru mil-lista li tinsab fil-parti I.B tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK:

I. **Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.**

B. **Entitajiet**

- “7. (a) Bank Saderat PLC (London)
  - 48. Neka Novin (magħruf ukoll bħala Niksa Nirou)
  - 65. West Sun Trade GMBH
  - 159. Oil Industry Pension Fund Investment Company (OPIC)”.
-

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

### RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/84

tas-16 ta' Jannar 2017

**dwar il-monitoraġġ ta' idrokarburi taż-żejt minerali fl-ikel u fil-materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu fkuntatt mal-ikel**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) L-idrokarburi taż-żejt minerali (MOH) huma komposti kimiċi li ġejjin prinċipalment miż-żejt mhux raffinat, iżda jiġu prodotti wkoll sintetikament mill-faħam, mill-gass naturali u mill-bijomassa. L-MOH jistgħu jkunu preżenti fl-ikel permezz ta' kontaminazzjoni ambjentali, fil-lubrikanti għal makkinarju użat fil-ħsad u fil-produzzjoni tal-ikel, fl-ghajnejniet għall-ipproċessar, fl-addittivi tal-ikel u f'materjali li jiġu fkuntatt mal-ikel. Prodotti MOH tajbin għall-ikel jiġi trattati b'mod li l-kontenut ta' idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali (MOAH) jiġi minimizzat.
- (2) Fl-2012, il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-ikel (il-Kumitat CONTAM) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel (EFSA) ikkonkluda (l) li l-impatt potenzjali fuq saħħet il-bniedem ta' grupp ta' sustanzi fost l-MOH ivarja ħafna. L-MOAH jistgħu jaġixxu bħala karċinoġeni ġenotossiċi, filwaqt li ċerti idrokarburi saturati taż-żjut minerali (MOSH) jistgħu jinġemgħu fit-tessut tal-bniedem u jistgħu jwasslu għal effetti ħżiena fuq il-fwied. Peress li ċerti MOAH huma meejusa bħala mutaġeniċi u karċinoġeniċi, huwa importanti li jkun organizzat monitoraġġ tal-MOH biex tkun mifshuma aħjar il-preżenza relativa ta' MOSH u ta' MOAH foggietti tal-ikel li huma kontributuri ewleni għall-esponenti dijetiku.
- (3) Minħabba li l-migrazzjoni mill-materjali li jiġu fkuntatt mal-ikel, bħall-karti u l-kartun, hija suspettata li tikkontribwi xi b'mod qawwi għall-esponenti totali, il-monitoraġġ għandu jinkludi ikel ippakkjat minn qabel, il-materjal użat fl-ippakkjar u l-preżenza ta' ostakli funzjonali, u t-tagħmir użat għall-ħażna u għall-ipproċessar. Ċerti parametri jistgħu jżidu l-migrazzjoni tal-MOH mill-ippakkjar għall-ikel, bħaż-żmien u l-kundizzjonijiet tal-ħażna. Peress li huwa aktar faċili li l-MOH jinstabu fi kwantitajiet kbar, l-istratgeġja tal-kampjunar għandha tqis tali parametri meta l-migrazzjoni tagħhom tkun l-ogħla.
- (4) Biex tkun żgurata l-affidabbiltà tad-dejta analitika miksuba, qabel ma jiġi generaw ir-riżultati analitiċi, l-Istati Membri jridu jiżguraw id-disponibbiltà ta' tagħmir analitiku xieraq u jiksbu biżżejjed esperjenza fl-analiżi tal-MOH kemm fl-ikel kif ukoll f'materjali li jiġu fkuntatt mal-ikel.
- (5) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea (EU-RL) għall-Materjali f'Kuntatt mal-ikel għandu jagħti aktar gwida lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra, inkluż gwida dwar l-informazzjoni li tista' tinġabar waqt l-investigazzjonijiet kif ukoll dwar il-metodi ta' kampjunar u ta' analiżi.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri għandhom, bl-invovliment attiv tal-operaturi tan-negozji tal-ikel kif ukoll tal-manifatturi, il-proċessuri u d-distributuri ta' materjali li jiġi fkuntatt mal-ikel u partijiet interessati oħra, jimmonitorjaw il-preżenza tal-MOH fl-ikel tul l-2017 u l-2018. Il-monitoraġġ għandu jkopri x-xaħam tal-annimali, il-ħobż u l-bziezen, il-prodotti moħmijin fini, iċ-ċereali li jittiekklu għall-kolazzjon, il-ħelu (inkluża c-ċikkulata) u l-kawkkaw, laħam il-ħut, il-prodotti tal-ħut (ħut tal-landa), il-qmuħ ikkunsmati mill-bniedem, il-graniti u d-deżerti, iż-żrieragħ taż-żejt, l-ġħażin, il-prodotti li ġejjin miċ-ċereali, il-ħemes, iz-zalzett, il-ġewż tas-siġar, iż-żjut tal-ħaxix, kif ukoll materjali li jiġi fkuntatt mal-ikel użati għal dawn il-prodotti.

(l) Il-Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (CONTAM); Scientific Opinion on Mineral Oil Hydrocarbons in Food. EFSA Journal 2012;10(6):2704. p. 185 pp., doi:10.2903/j.efsa.2012.2704.

2. Biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' din ir-rakkomandazzjoni u biex jiġu ġenerati riżultati affidabbi u komparabbi tal-monitoraġġ, għandha tkun segwita gwida speċifika żviluppata mill-EU-RL fil-kuntest ta' din ir-Rakkomandazzjoni ("il-gwida"). Peress li s'issa għad ma hemmx gwida bħal din, l-Istati Membri għandhom jikkol-laboraw mal-EU-RL biex flimkien jiżviluppaw dik il-gwida fkonformità mal-ħtiġijiet tagħhom biex jiżviluppaw hili analitiċi.
3. L-Istati Membri għandhom iwettqu kampjunar tal-ikel fkonformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 (¹). Il-kampjunar għandu jinkludi għadd proporzjonat ta' il-ikel ippakkjat minn qabel. Il-kampjunar ta' materjali li jiġu fkuntatt mal-ikel għandu jitwettaq fkonformità mal-aħjar prattiki xierqa għal materjali jew oġġetti speċifiċi, kif rifless fil-gwida. Sorsi oħra possibbli ta' MOH relatati mal-użu ta' materjali oħra li jiġu fkuntatt mal-ikel fil-katina tal-provvista, bħal waqt il-ħażna jew l-ipproċessar, għandhom ikunu investigati fejn hemm indikazzjoni ċara li dawn qed jikkontribwixxu għall-preżenza ta' MOH. Il-kampjunar ta' il-ikel ippakkjat minn qabel għandu jiffoka fuq oġġetti li huma eqreb tad-data minima ta' durabbiltà, u fejn il-ħażna jew l-ipproċessar iseħħu f'kundizzjonijiet relativament sħan
4. Il-kampjuni għandhom jiġu analizzati skont kif jiġu kummerċjalizzati. Għall-ikel ippakkjat minn qabel, il-livell ta' idrokarburi taż-żejt mineali għandhom jiġu determinati kemm fl-ikel kif ukoll fil-materjal li jiġi fkuntatt mal-ikel jekk dak ikun is-sors suspett tal-MOH misjub. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-differenzi bejn il-MOSH u l-MOAH u għall-interpretażżoni tar-riżultati analitiċi sabiex ikun żgurat li d-dejta ġenerata tkun affidabbi u komparabbi. L-Istati Membri li beħsiebhom janalizzaw il-preżenza tal-MOSH u tal-MOAH fl-ikel u fmaterjali li jiġu fkuntatt mal-ikel jistgħu jitbolu l-għajnejn teknika tal-EU-RL għall-Materjali li jiġi f'Kuntatt mal-ikel
5. Fejn jinstab MOH fl-ikel, l-Istati Membri għandhom iwettqu aktar investigazzjonijiet fl-istabbilimenti tan-negożju tal-ikel sabiex jiġi ddeterminat is-sors jew is-sorsi possibbli. L-investigazzjonijiet għandhom, kull fejn huwa possibbli, ikopru s-sistemi mħaddma mill-operatur tan-negożju tal-ikel li jistgħu jaffettaw jew jikkontrollaw il-kontaminazzjoni (pereżempju il-metodi ta' produzzjoni u proċessar, l-Analiżi tal-Perikli u Punti Kritiċi ta' Kontroll (HACCP) jew sistemi simili jew miżuri implimentati biex tkun evitata tali preżenza).
6. Fejn MOH jew jinstab fl-ikel inkella jorigha minn materjali li jiġu fkuntatt mal-ikel, l-Istati Membri għandhom jiġi dejta dwar il-materjal li jiġi fkuntatt mal-ikel (pereżempju it-tip u l-kompożizzjoni tal-materjal tal-ippakkjjar, il-preżenza ta' ostaklu funzjonali, iż-żmien tal-ħażna tal-ikel ippakkjat) u jwettqu aktar investigazzjonijiet fl-istabbilimenti tal-manifatturi, il-proċessuri u d-distributuri tal-materjali li jiġi fkuntatt mal-ikel biex jiġu stabbiliti s-sistemi mħaddma min-negożji inkwistjoni (pereżempju l-metodi ta' produzzjoni u proċessar tal-materjali li jiġi fkuntatt mal-ikel, u d-dokumentazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006 (²) dwar prassi tajba ta' manifattura) kif indikat fil-gwida.
7. L-Istati Membri, l-operaturi tan-negożji tal-ikel, il-manifatturi, il-proċessuri u d-distributuri ta' materjali li jiġi fkuntatt mal-ikel u partijiet interessati oħra għandhom jagħtu lill-EFSA d-dejta ta' monitoraġġ espresso fuq bażi ta' massa sħiħa bl-informazzjoni u fil-format ta' rappurtar elettroniku kif stabbilit mill-EFSA għall-ġbir f'bażi tad-dejta unika. Preferibbilment, għandhom jagħtu d-dejta ta' monitoraġġ sal-1 ta' Ottubru 2017 u mbagħad sal-1 ta' Ottubru 2018. L-aħħar riżultati għandhom jingħataw sat-28 ta' Frar 2019. Dejta ta' okkorrenza potenżjalment disponibbli mill-2016 li għadha ma nghatrx għandha tiġi trażmessha fkonformità mal-istess modalitajiet mal-ewwel opportunità.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

(¹) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29).

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar prassi tajba ta' manifattura għal materjali u oġġetti maħsuba biex jiġi fkuntatt mal-ikel (OJ L 384, 29.12.2006, p. 75).



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgo  
IL-LUSSEMBURGU

MT